Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2025/0239(COD)

12.5.2026

EMENDI
47 - 293

Abbozz ta' rapport
Marit Maij, David Casa
(PE784.181v01-00)

L-istabbiliment tal-Fond Soċjali Ewropew bħala parti mill-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali stabbilit fir-Regolament (UE) […] [Pjan SNR] li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għal impjiegi ta' kwalità, ħiliet u inklużjoni soċjali għall-perjodu mill-2028 sal-2034

Proposta għal regolament
(COM(2025)0558 – 2025/0239(COD))

Emenda 47
Maravillas Abadía Jover, Rosa Estaràs Ferragut

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Kunsiderazzjoni 4a (ġdida)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Opinjoni 09/2026 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, dwar il-proposta 2025/0240 (COD) għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għal koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/955 u r-Regolament (UE, Euratom) 2024/250;

Or. en

Emenda 48
Jagna Marczułajtis-Walczak, Andrzej Buła

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Kunsiderazzjoni 8a (ġdida)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Gwida tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Għajxien Indipendenti u l-Inklużjoni fil-Komunità ta' Persuni b'Diżabbiltà tal-20 ta' Novembru 2024;

Or. en

Emenda 49
Jagna Marczułajtis-Walczak, Andrzej Buła

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Kunsiderazzjoni 9a (ġdid)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà, adottata mill-Unjoni Ewropea fl-2010;

Or. en

Emenda 50
Jagna Marczułajtis-Walczak, Andrzej Buła

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Kunsiderazzjoni 9b (ġdida)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Novembru 2025 dwar l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà wara l-2024;

Or. en

Emenda 51
Séverine Werbrouck

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Paragrafu 2a (ġdid)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
	2a. jitlob lill-Kummissjoni temenda kif xieraq il-proposti li jikkonċernaw ir-Regolament (UE) XX [il-Pjan SNR], kif ukoll ir-Regolament XX [Prestazzjoni], sabiex jikkorrispondu għat-talba tal-Parlament dwar il-Fond Soċjali Ewropew;

Or. fr

Emenda 52
Séverine Werbrouck, Mélanie Disdier

Proposta għal regolament
Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal	Proposta għal
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL	REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew ***bħala parti mill-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali stabbilit fir-Regolament*** (***UE***) ***[Pjan SNR] li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għal impjiegi ta' kwalità, ħiliet u inklużjoni soċjali għall-perjodu mill-2028 sal-2034***	li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew (***FSE***)

Or. fr

Emenda 53
Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, João Oliveira, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal	Proposta għal
REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL	REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew ***bħala parti mill-Pjan ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali stabbilit fir-Regolament (UE) [Pjan SNR] li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għal impjiegi ta' kwalità, ħiliet u inklużjoni soċjali*** għall-perjodu mill-2028 sal-2034	li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew għall-perjodu mill-2028 sal-2034

Or. en

Emenda 54
Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Hristo Petrov, Irena Joveva, Brigitte van den Berg

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu ***164,*** u l-Artikolu 175(3) tiegħu,	Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu ***9, l-Artikolu 164, l-Artikolu 168***, u l-Artikolu 175(3) tiegħu,

Or. en

Emenda 55
Séverine Werbrouck, Margarita de la Pisa Carrión, Mélanie Disdier, Pál Szekeres

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari t-Titolu XI tiegħu ("Fond Soċjali Ewropew"),

Or. fr

Emenda 56
Séverine Werbrouck, Margarita de la Pisa Carrión, Mélanie Disdier, Pál Szekeres

Proposta għal regolament
Kunsiderazzjoni 1b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	wara li kkunsidra r-rapport interim dwar il-proposta ta' qafas finanzjarju

pluriennali għas-snin 2028-2034 (P10_TA(2026)0111), u b'mod partikolari l-paragrafu 38 tiegħu;

Or. fr

Emenda 57
Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Fis-17 ta' Novembru 2017, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ġie pproklamat b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni bħala rispons għall-isfidi soċjali fl-Ewropa. L-għoxrin prinċipju kruċjali tal-pilastru huma strutturati madwar tliet kategoriji: opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol; kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti; protezzjoni u inklużjoni soċjali. L-għoxrin prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jenħtieġ li jiggwidaw l-azzjonijiet taħt ***il-Fond Soċjali Ewropew (FSE)***. Fl-4 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni ressqet Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (il-"Pjan ta' Azzjoni"), inklużi miri ewlenin ambizzjużi iżda realistiċi tal-Unjoni għall-2030 dwar l-impjiegi (li mill-inqas 78 % tal-popolazzjoni ta' bejn l-20 u l-64 sena jenħtieġ li jkunu impjegati), il-ħiliet (li mill-inqas 60 % tal-adulti kollha jenħtieġ li jipparteċipaw f'taħriġ kull sena) u t-tnaqqis tal-faqar (jenħtieġ li jkun hemm mill-inqas 15-il miljun persuna inqas f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, fosthom 5 miljun tifel u tifla) (il-"miri ewlenin tal-Unjoni għall-2030") u sottomiri komplementari, kif ukoll Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta. Biex jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew	(1) Fis-17 ta' Novembru 2017, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ġie pproklamat b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni bħala rispons għall-isfidi soċjali fl-Ewropa. L-għoxrin prinċipju kruċjali tal-pilastru huma strutturati madwar tliet kategoriji: opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol; kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti; protezzjoni u inklużjoni soċjali. ***L-Artikolu 162 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew (FSE) sabiex itejjeb l-opportunitajiet ta' impjieg għall-ħaddiema fis-suq intern, u b'hekk jgħin biex jittejbu l-istandards tal-għajxien, jiffaċilita l-impjiegi, iżid il-mobbiltà ġeografika u okkupazzjonali tagħhom fl-Unjoni u jgħinhom jadattaw għat-trasformazzjonijiet industrijali u l-bidliet fis-sistemi tal-produzzjoni, b'mod partikolari permezz ta' taħriġ vokazzjonali u taħriġ mill-ġdid.*** L-għoxrin prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jenħtieġ li jiggwidaw l-azzjonijiet taħt ***il-FSE***. Fl-4 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni ressqet Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (il-"Pjan ta' Azzjoni"), inklużi miri ewlenin ambizzjużi iżda realistiċi tal-Unjoni għall-2030 dwar l-impjiegi (li mill-inqas 78 % tal-

tad-Drittijiet Soċjali, ***l-FSE*** jenħtieġ li jappoġġa l-investimenti fin-nies u r-riformi tas-sistemi fl-oqsma ta' politika tal-impjiegi, l-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali, u b'hekk jappoġġa l-koeżjoni ekonomika, territorjali u soċjali f'konformità mal-Artikolu 174 tat-Trattat.

popolazzjoni ta' bejn l-20 u l-64 sena jenħtieġ li jkunu impjegati), il-ħiliet (li mill-inqas 60 % tal-adulti kollha jenħtieġ li jipparteċipaw f'taħriġ kull sena) u t-tnaqqis tal-faqar (jenħtieġ li jkun hemm mill-inqas 15-il miljun persuna inqas f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, fosthom 5 miljun tifel u tifla) (il-"miri ewlenin tal-Unjoni għall-2030") u sottomiri komplementari, kif ukoll Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta. Biex jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ***il-FSE*** jenħtieġ li jappoġġa l-investimenti fin-nies u r-riformi tas-sistemi fl-oqsma ta' politika tal-impjiegi, l-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali, ***biex jiżgura opportunitajiet indaqs, jikkontribwixxi għall-qerda tal-faqar, l-aċċess ugwali għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u ta' kwalità għolja, l-inklużjoni u l-protezzjoni soċjali, b'mod partikolari billi jiffoka fuq edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità u inklużivi, l-apprendiment tul il-ħajja, l-investiment fit-tfal u ż-żgħażagħ u l-aċċess għas-servizzi bażiċi,*** u b'hekk jappoġġa l-koeżjoni ekonomika, territorjali u soċjali f'konformità mal-Artikolu 174 tat-Trattat.

Or. en

Emenda 58
Séverine Werbrouck, Margarita de la Pisa Carrión, Mélanie Disdier, Pál Szekeres

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) ***Fis-17 ta' Novembru 2017, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ġie pproklamat b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni bħala rispons għall-isfidi soċjali fl-Ewropa. L-għoxrin prinċipju kruċjali tal-pilastru huma strutturati***	(1) ***Ifakkar li l-Fond*** Soċjali Ewropew (FSE) ***huwa stabbilit f'konformità mat-Titolu XI tat-Trattat dwar il-Funzjonament*** tal-Unjoni ***Ewropea. L-Artikolu 162 tat-TFUE jistabbilixxi l-objettivi u l-mezzi tal-FSE, jiġifieri: il-promozzjoni tal-impjieg u l-mobbiltà***

madwar tliet kategoriji: opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol; kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti; protezzjoni u inklużjoni soċjali. L-għoxrin prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jenħtieġ li jiggwidaw l-azzjonijiet taħt il-Fond Soċjali Ewropew (FSE)***. Fl-4 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni ressqet Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (il-"Pjan ta' Azzjoni"), inkluż miri ewlenin ambizzjużi iżda realistiċi*** tal-Unjoni ***għall-2030 dwar l-impjiegi (li mill-inqas 78 % tal-popolazzjoni ta' bejn l-20 u l-64 sena jenħtieġ li jkunu impjegati), il-ħiliet (li mill-inqas 60 % tal-adulti kollha jenħtieġ li jipparteċipaw f'taħriġ kull sena) u t-tnaqqis tal-faqar (jenħtieġ li jkun hemm mill-inqas 15-il miljun persuna inqas f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, fosthom 5 miljun tifel u tifla) (il-"miri ewlenin tal-Unjoni għall-2030") u sottomiri komplementari, kif ukoll Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta. Biex jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru*** Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ***l-FSE jenħtieġ li jappoġġa l-investimenti fin-nies u r-riformi tas-sistemi fl-oqsma ta' politika tal-impjiegi, l-edukazzjoni u*** l-inklużjoni ***soċjali, u b'hekk jappoġġa l-koeżjoni ekonomika, territorjali u soċjali f'konformità mal-Artikolu 174 tat-Trattat.***

ġeografika, l-iffaċilitar tal-adattament tas-suq tax-xogħol għal bidliet ekonomiċi, u dan isir permezz ta' appoġġ għal taħriġ mill-ġdid professjonali. Ifakkar, f'dan ir-rigward, li dan il-qafas huwa l-uniku wieħed legalment vinkolanti. Iż-żieda ta' objettivi ġodda mhux vinkolanti, b'mod partikolari l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ***il-Pjan ta' azzjoni għall-ġlieda kontra l-faqar jew ir-Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż stabbiliti fil-qafas tas-Semestru Ewropew, ma jikkostitwux il-bażi legali ta' dan il-fond. Għalhekk,*** l-inklużjoni ***ta' objettivi addizzjonali jenħtieġ li ma tiġix emendata b'mod sinifikanti, jew saħansitra, tissostitwixxi l-objettivi u l-mezzi ta' appoġġ li ilhom jiġu pprovduti skont il-Fond Soċjali Ewropew għal deċennji;***

Or. fr

Emenda 59
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Fis-17 ta' Novembru 2017, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ġie pproklamat b'mod konġunt mill-Parlament	(1) Fis-17 ta' Novembru 2017, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ġie pproklamat b'mod konġunt mill-Parlament

Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni bħala rispons għall-isfidi soċjali fl-Ewropa. L-għoxrin prinċipju kruċjali tal-pilastru huma strutturati madwar tliet kategoriji: opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol; kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti; protezzjoni u inklużjoni soċjali. L-għoxrin prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jenħtieġ li jiggwidaw l-azzjonijiet taħt il-Fond Soċjali Ewropew (FSE). Fl-4 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni ressqet Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (il-"Pjan ta' Azzjoni"), inklużi miri ewlenin ambizzjużi iżda realistiċi tal-Unjoni għall-2030 dwar l-impjiegi (li mill-inqas 78 % tal-popolazzjoni ta' bejn l-20 u l-64 sena jenħtieġ li jkunu impjegati), il-ħiliet (li mill-inqas 60 % tal-adulti kollha jenħtieġ li jipparteċipaw f'taħriġ kull sena) u t-tnaqqis tal-faqar (jenħtieġ li jkun hemm mill-inqas 15-il miljun persuna inqas f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, fosthom 5 miljun tifel u tifla) (il-"miri ewlenin tal-Unjoni għall-2030") u sottomiri komplementari, kif ukoll Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta. Biex jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ***l-FSE*** jenħtieġ li jappoġġa l-investimenti fin-nies u r-riformi tas-sistemi fl-oqsma ta' politika tal-impjiegi, l-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali, u b'hekk jappoġġa l-koeżjoni ekonomika, territorjali u soċjali f'konformità mal-Artikolu 174 tat-Trattat.

Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni bħala rispons għall-isfidi soċjali fl-Ewropa. L-għoxrin prinċipju kruċjali tal-pilastru huma strutturati madwar tliet kategoriji: opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol; kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti; protezzjoni u inklużjoni soċjali. L-għoxrin prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jenħtieġ li jiggwidaw l-azzjonijiet taħt il-Fond Soċjali Ewropew (FSE). Fl-4 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni ressqet Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (il-"Pjan ta' Azzjoni"), inklużi miri ewlenin ambizzjużi iżda realistiċi tal-Unjoni għall-2030 dwar l-impjiegi (li mill-inqas 78 % tal-popolazzjoni ta' bejn l-20 u l-64 sena jenħtieġ li jkunu impjegati), il-ħiliet (li mill-inqas 60 % tal-adulti kollha jenħtieġ li jipparteċipaw f'taħriġ kull sena) u t-tnaqqis tal-faqar (jenħtieġ li jkun hemm mill-inqas 15-il miljun persuna inqas f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, fosthom 5 miljun tifel u tifla) (il-"miri ewlenin tal-Unjoni għall-2030") u sottomiri komplementari, kif ukoll Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta. Biex jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ***il-FSE*** jenħtieġ li jappoġġa l-investimenti fin-nies u r-riformi tas-sistemi fl-oqsma ta' politika tal-impjiegi, l-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali ***biex jiżgura opportunitajiet indaqs, jikkontribwixxi għall-qerda tal-faqar, aċċess ugwali għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u ta' kwalità għolja, protezzjoni u inklużjoni soċjali, b'mod partikolari billi jiffoka fuq edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità u inklużivi, apprendiment tul il-ħajja, investiment fit-tfal, u ż-żgħażagħ u grupp ta' persuni f'sitwazzjoni vulnerabbli u aċċess għal servizzi bażiċi***, u b'hekk jappoġġa l-koeżjoni ekonomika, territorjali u soċjali f'konformità mal-Artikolu 174 tat-Trattat.

Emenda 60
Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marit Maij

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Fis-17 ta' Novembru 2017, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ġie pproklamat b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni bħala rispons għall-isfidi soċjali fl-Ewropa. L-għoxrin prinċipju kruċjali tal-pilastru huma strutturati madwar tliet kategoriji: opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol; kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti; protezzjoni u inklużjoni soċjali. L-għoxrin prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jenħtieġ li jiggwidaw l-azzjonijiet taħt il-Fond Soċjali Ewropew (FSE). Fl-4 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni ressqet Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (il-"Pjan ta' Azzjoni"), inklużi miri ewlenin ambizzjużi iżda realistiċi tal-Unjoni għall-2030 dwar l-impjiegi (li mill-inqas 78 % tal-popolazzjoni ta' bejn l-20 u l-64 sena jenħtieġ li jkunu impjegati), il-ħiliet (li mill-inqas 60 % tal-adulti kollha jenħtieġ li jipparteċipaw f'taħriġ kull sena) u t-tnaqqis tal-faqar (jenħtieġ li jkun hemm mill-inqas 15-il miljun persuna inqas f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, fosthom 5 miljun tifel u tifla) (il-"miri ewlenin tal-Unjoni għall-2030") u sottomiri komplementari, kif ukoll Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta. Biex jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ***l-FSE*** jenħtieġ li jappoġġa l-investimenti fin-nies u r-riformi tas-sistemi fl-oqsma ta' politika tal-impjiegi, l-edukazzjoni u l-inklużjoni	(1) Fis-17 ta' Novembru 2017, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ġie pproklamat b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni bħala rispons għall-isfidi soċjali fl-Ewropa. L-għoxrin prinċipju kruċjali tal-pilastru huma strutturati madwar tliet kategoriji: opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol; kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti; protezzjoni u inklużjoni soċjali. L-għoxrin prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jenħtieġ li jiggwidaw l-azzjonijiet taħt il-Fond Soċjali Ewropew (FSE). Fl-4 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni ressqet Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (il-"Pjan ta' Azzjoni"), inklużi miri ewlenin ambizzjużi iżda realistiċi tal-Unjoni għall-2030 dwar l-impjiegi (li mill-inqas 78 % tal-popolazzjoni ta' bejn l-20 u l-64 sena jenħtieġ li jkunu impjegati), il-ħiliet (li mill-inqas 60 % tal-adulti kollha jenħtieġ li jipparteċipaw f'taħriġ kull sena) u t-tnaqqis tal-faqar (jenħtieġ li jkun hemm mill-inqas 15-il miljun persuna inqas f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, fosthom 5 miljun tifel u tifla) (il-"miri ewlenin tal-Unjoni għall-2030") u sottomiri komplementari, kif ukoll Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta. Biex jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ***il-FSE*** jenħtieġ li jappoġġa l-investimenti fin-nies u r-riformi tas-sistemi fl-oqsma ta' politika tal-impjiegi, l-edukazzjoni u l-inklużjoni

soċjali, u b’hekk jappoġġa l-koeżjoni ekonomika, territorjali u soċjali f’konformità mal-Artikolu 174 tat-Trattat.

soċjali, ***biex jiżgura opportunitajiet indaqs, jikkontribwixxi għall-qerda tal-faqar, aċċess ugwali għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u ta’ kwalità għolja, protezzjoni u inklużjoni soċjali, b’mod partikolari billi jiffoka fuq edukazzjoni u taħriġ ta’ kwalità u inklużivi, apprendiment tul il-ħajja, investiment fit-tfal, iż-żgħażagħ u persuni f’sitwazzjoni vulnerabbli u aċċess għas-servizzi bażiċi,*** u b’hekk jappoġġa l-koeżjoni ekonomika, territorjali u soċjali f’konformità mal-Artikolu 174 tat-Trattat.

Or. en

Emenda 61
Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, João Oliveira, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Fis-17 ta’ Novembru 2017, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ġie pproklamat b’mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni bħala rispons għall-isfidi soċjali fl-Ewropa. L-għoxrin prinċipju kruċjali tal-pilastru huma strutturati madwar tliet kategoriji: opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol; kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti; protezzjoni u inklużjoni soċjali. L-għoxrin prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jenħtieġ li jiggwidaw l-azzjonijiet taħt il-Fond Soċjali Ewropew (FSE). Fl-4 ta’ Marzu 2021, il-Kummissjoni ressqet Pjan ta’ Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (il-“Pjan ta’ Azzjoni”), inklużi miri ewlenin ambizzjużi iżda realistiċi tal-Unjoni għall-2030 dwar l-impjiegi (li mill-inqas 78 % tal-popolazzjoni ta’ bejn l-20 u l-64 sena	(1) Fis-17 ta’ Novembru 2017, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ġie pproklamat b’mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni bħala rispons għall-isfidi soċjali fl-Ewropa. L-għoxrin prinċipju kruċjali tal-pilastru huma strutturati madwar tliet kategoriji: opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol; kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti; protezzjoni u inklużjoni soċjali. L-għoxrin prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jenħtieġ li jiggwidaw l-azzjonijiet taħt il-Fond Soċjali Ewropew (FSE). Fl-4 ta’ Marzu 2021, il-Kummissjoni ressqet Pjan ta’ Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (il-“Pjan ta’ Azzjoni”), inklużi miri ewlenin ambizzjużi iżda realistiċi tal-Unjoni għall-2030 dwar l-impjiegi (li mill-inqas 78 % tal-popolazzjoni ta’ bejn l-20 u l-64 sena

jenħtieġ li jkunu impjegati), il-ħiliet (li mill-inqas 60 % tal-adulti kollha jenħtieġ li jipparteċipaw f'taħriġ kull sena) u t-tnaqqis tal-faqar (jenħtieġ li jkun hemm mill-inqas 15-il miljun persuna inqas f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, fosthom 5 miljun tifel u tifla) (il-"miri ewlenin tal-Unjoni għall-2030") u sottomiri komplementari, kif ukoll Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta. Biex jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ***l-FSE*** jenħtieġ li jappoġġa l-investimenti fin-nies u r-riformi tas-sistemi fl-oqsma ta' politika tal-impjiegi, l-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali, u b'hekk jappoġġa l-koeżjoni ekonomika, territorjali u soċjali f'konformità mal-Artikolu 174 tat-Trattat.

jenħtieġ li jkunu impjegati), il-ħiliet (li mill-inqas 60 % tal-adulti kollha jenħtieġ li jipparteċipaw f'taħriġ kull sena) u t-tnaqqis tal-faqar (jenħtieġ li jkun hemm mill-inqas 15-il miljun persuna inqas f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, fosthom 5 miljun tifel u tifla) (il-"miri ewlenin tal-Unjoni għall-2030") u sottomiri komplementari, kif ukoll Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta. Biex jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ***il-FSE*** jenħtieġ li jappoġġa l-investimenti fin-nies u r-riformi tas-sistemi fl-oqsma ta' politika tal-impjiegi, l-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali, ***biex jikkontribwixxi għall-qerda tal-faqar u jiżgura opportunitajiet indaqs, aċċess ugwali għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u ta' kwalità għolja, protezzjoni u inklużjoni soċjali, b'mod partikolari billi jiffoka fuq edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità u inklużivi, apprendiment tul il-ħajja, investiment fit-tfal u ż-żgħażagħ u aċċess għal servizzi bażiċi,*** u b'hekk jappoġġa l-koeżjoni ekonomika, territorjali u soċjali f'konformità mal-Artikolu 174 tat-Trattat.

Or. en

Emenda 62
Hristo Petrov, Martin Hojsík, Brigitte van den Berg, Valérie Devaux, Grégory Allione

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Fis-17 ta' Novembru 2017, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ġie pproklamat b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni bħala rispons għall-isfidi soċjali fl-Ewropa. L-għoxrin prinċipju kruċjali tal-pilastru huma strutturati madwar tliet kategoriji: opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol;	(1) Fis-17 ta' Novembru 2017, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ġie pproklamat b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni bħala rispons għall-isfidi soċjali fl-Ewropa. L-għoxrin prinċipju kruċjali tal-pilastru huma strutturati madwar tliet kategoriji: opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol;

kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti; protezzjoni u inklużjoni soċjali. L-għoxrin prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jenħtieġ li jiggwidaw l-azzjonijiet taħt il-Fond Soċjali Ewropew (FSE). Fl-4 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni ressqet Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (il-"Pjan ta' Azzjoni"), inklużi miri ewlenin ambizzjużi iżda realistiċi tal-Unjoni għall-2030 dwar l-impjiegi (li mill-inqas 78 % tal-popolazzjoni ta' bejn l-20 u l-64 sena jenħtieġ li jkunu impjegati), il-ħiliet (li mill-inqas 60 % tal-adulti kollha jenħtieġ li jipparteċipaw f'taħriġ kull sena) u t-tnaqqis tal-faqar (jenħtieġ li jkun hemm mill-inqas 15-il miljun persuna inqas f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, fosthom 5 miljun tifel u tifla) (il-"miri ewlenin tal-Unjoni għall-2030") u sottomiri komplementari, kif ukoll Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta. Biex jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ***l-FSE*** jenħtieġ li jappoġġa l-investimenti fin-nies u r-riformi tas-sistemi fl-oqsma ta' politika tal-impjiegi, l-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali, u b'hekk jappoġġa l-koeżjoni ekonomika, territorjali u soċjali f'konformità mal-Artikolu 174 tat-Trattat.

kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti; protezzjoni u inklużjoni soċjali. L-għoxrin prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jenħtieġ li jiggwidaw l-azzjonijiet taħt il-Fond Soċjali Ewropew (FSE). Fl-4 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni ressqet Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (il-"Pjan ta' Azzjoni"), inklużi miri ewlenin ambizzjużi iżda realistiċi tal-Unjoni għall-2030 dwar l-impjiegi (li mill-inqas 78 % tal-popolazzjoni ta' bejn l-20 u l-64 sena jenħtieġ li jkunu impjegati), il-ħiliet (li mill-inqas 60 % tal-adulti kollha jenħtieġ li jipparteċipaw f'taħriġ kull sena) u t-tnaqqis tal-faqar (jenħtieġ li jkun hemm mill-inqas 15-il miljun persuna inqas f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali, fosthom 5 miljun tifel u tifla) (il-"miri ewlenin tal-Unjoni għall-2030") u sottomiri komplementari, kif ukoll Tabella ta' Valutazzjoni Soċjali riveduta. Biex jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ***il-FSE*** jenħtieġ li jappoġġa l-investimenti fin-nies u r-riformi tas-sistemi fl-oqsma ta' politika tal-impjiegi, ***il-ħiliet,*** l-edukazzjoni ***u t-taħriġ*** u l-inklużjoni soċjali, u b'hekk ***itejjeb l-opportunitajiet ta' impjieg u jżid l-istandard tal-għajxien f'konformità mal-Artikolu 162 tat-Trattat u*** jappoġġa l-koeżjoni ekonomika, territorjali u soċjali f'konformità mal-Artikolu 174 tat-Trattat.

Or. en

Emenda 63
Brigitte van den Berg, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Fis-17 ta' Novembru 2017, il-	(1) Fis-17 ta' Novembru 2017, il-

Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ġie pproklamat b’mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni bħala rispons għall-isfidi soċjali fl-Ewropa. L-għoxrin prinċipju kruċjali tal-pilastru huma strutturati madwar tliet kategoriji: opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol; kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti; protezzjoni u inklużjoni soċjali. L-għoxrin prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jenħtieġ li jiggwidaw l-azzjonijiet taħt il-Fond Soċjali Ewropew (FSE). Fl-4 ta’ Marzu 2021, il-Kummissjoni ressqet Pjan ta’ Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (il-“Pjan ta’ Azzjoni”), inklużi miri ewlenin ambizzjużi iżda realistiċi tal-Unjoni għall-2030 dwar l-impjiegi (li mill-inqas 78 % tal-popolazzjoni ta’ bejn l-20 u l-64 sena jenħtieġ li jkunu impjegati), il-ħiliet (li mill-inqas 60 % tal-adulti kollha jenħtieġ li jipparteċipaw f’taħriġ kull sena) u t-tnaqqis tal-faqar (jenħtieġ li jkun hemm mill-inqas 15-il miljun persuna inqas f’riskju ta’ faqar jew esklużjoni soċjali, fosthom 5 miljun tifel u tifla) (il-“miri ewlenin tal-Unjoni għall-2030”) u sottomiri komplementari, kif ukoll Tabella ta’ Valutazzjoni Soċjali riveduta. Biex jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ***l-FSE*** jenħtieġ li jappoġġa l-investimenti fin-nies u r-riformi tas-sistemi fl-oqsma ta’ politika tal-impjiegi, l-edukazzjoni u l-inklużjoni soċjali, u b’hekk jappoġġa l-koeżjoni ekonomika, territorjali u soċjali f’konformità mal-Artikolu 174 tat-Trattat.	Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ġie pproklamat b’mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni bħala rispons għall-isfidi soċjali fl-Ewropa. L-għoxrin prinċipju kruċjali tal-pilastru huma strutturati madwar tliet kategoriji: opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol; kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti; protezzjoni u inklużjoni soċjali. L-għoxrin prinċipju tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jenħtieġ li jiggwidaw l-azzjonijiet taħt il-Fond Soċjali Ewropew (FSE). Fl-4 ta’ Marzu 2021, il-Kummissjoni ressqet Pjan ta’ Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (il-“Pjan ta’ Azzjoni”), inklużi miri ewlenin ambizzjużi iżda realistiċi tal-Unjoni għall-2030 dwar l-impjiegi (li mill-inqas 78 % tal-popolazzjoni ta’ bejn l-20 u l-64 sena jenħtieġ li jkunu impjegati), il-ħiliet (li mill-inqas 60 % tal-adulti kollha jenħtieġ li jipparteċipaw f’taħriġ kull sena) u t-tnaqqis tal-faqar (jenħtieġ li jkun hemm mill-inqas 15-il miljun persuna inqas f’riskju ta’ faqar jew esklużjoni soċjali, fosthom 5 miljun tifel u tifla) (il-“miri ewlenin tal-Unjoni għall-2030”) u sottomiri komplementari, kif ukoll Tabella ta’ Valutazzjoni Soċjali riveduta. Biex jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ***il-FSE*** jenħtieġ li jappoġġa l-investimenti fin-nies u r-riformi tas-sistemi fl-oqsma ta’ politika tal-impjiegi, ***il-ħiliet,*** l-edukazzjoni ***u t-taħriġ*** u l-inklużjoni soċjali, u b’hekk jappoġġa l-koeżjoni ekonomika, territorjali u soċjali f’konformità mal-Artikolu 174 tat-Trattat.

Or. en

Emenda 64
Hristo Petrov, Martin Hojsík, Brigitte van den Berg, Valérie Devaux, Grégory Allione

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, kif previst fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat, adottati kull sena mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, huma strument ewlieni għall-koordinazzjoni tal-politiki tal-impjiegi u soċjali tal-Unjoni u dawk nazzjonali. Dawn jipprovdu prijoritajiet u miri komuni għall-impjiegi, l-edukazzjoni, il-ħiliet u l-politiki soċjali bl-għan li tittejjeb il-kompetittività tal-Unjoni u biex din tal-aħħar ssir post aħjar għall-investiment, il-ħolqien tal-impjiegi u t-trawwim tal-koeżjoni soċjali. ***L-FSE*** huwa l-istrument ewlieni tal-Unjoni ***għall-appoġġ tal-linji gwida dwar l-impjiegi u*** għall-kisba tal-objettivi tal-Unjoni fil-politiki tal-impjiegi u dawk soċjali. Il-linji gwida dwar l-impjiegi jikkomplementaw il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. F'dan il-kuntest, il-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE għall-2028 sal-2034 jenħtieġ li jkun allinjat bis-sħiħ mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) …[1] [Linji Gwida dwar l-Impjiegi adottati mill-Kunsill sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2027].	(2) Il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, kif previst fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat, adottati kull sena mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, huma strument ewlieni għall-koordinazzjoni tal-politiki tal-impjiegi u soċjali tal-Unjoni u dawk nazzjonali. Dawn jipprovdu prijoritajiet u miri komuni għall-impjiegi, l-edukazzjoni, il-ħiliet u l-politiki soċjali bl-għan li tittejjeb il-kompetittività tal-Unjoni u biex din tal-aħħar ssir post aħjar għall-investiment, il-ħolqien tal-impjiegi ***ta' kwalità*** u t-trawwim tal-koeżjoni soċjali. ***Il-FSE*** huwa l-istrument ewlieni tal-Unjoni ***għall-investiment finanzjarju,*** għall-kisba tal-objettivi tal-Unjoni fil-politiki tal-impjiegi u dawk soċjali***, u għall-appoġġ tal-linji gwida dwar l-impjiegi***. Il-linji gwida dwar l-impjiegi jikkomplementaw il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali ***u huma appoġġati mis-Semestru Ewropew u l-Qafas ta' Konverġenza Soċjali tiegħu***. F'dan il-kuntest, il-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE għall-2028 sal-2034 jenħtieġ li jkun allinjat bis-sħiħ mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) …[1] [Linji Gwida dwar l-Impjiegi adottati mill-Kunsill sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2027] ***u r-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż fil-kuntest tas-Semestru Ewropew***.
[1] Daħħal ir-referenza tal-pubblikazzjoni	[1] Daħħal ir-referenza tal-pubblikazzjoni

Or. en

Emenda 65
Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, João Oliveira, Özlem Demirel

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, kif previst fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat, adottati kull sena mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, huma strument ***ewlieni*** għall-koordinazzjoni tal-politiki tal-impjiegi u soċjali tal-Unjoni u dawk nazzjonali. Dawn jipprovdu prijoritajiet u miri komuni għall-impjiegi, l-edukazzjoni, il-ħiliet u l-politiki soċjali ***bl-għan li tittejjeb il-kompetittività tal-Unjoni u biex din tal-aħħar ssir post aħjar għall-investiment, il-ħolqien tal-impjiegi u t-trawwim tal-koeżjoni soċjali***. ***L-FSE*** huwa l-istrument ewlieni tal-Unjoni għall-appoġġ tal-linji gwida dwar l-impjiegi u għall-kisba tal-objettivi tal-Unjoni fil-politiki tal-impjiegi u dawk soċjali. Il-linji gwida dwar l-impjiegi jikkomplementaw il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. F'dan il-kuntest, il-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE għall-2028 sal-2034 jenħtieġ li jkun allinjat bis-sħiħ mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) …[1] [Linji Gwida dwar l-Impjiegi adottati mill-Kunsill sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2027].	(2) Il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, kif previst fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat, adottati kull sena mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, huma strument għall-koordinazzjoni tal-politiki tal-impjiegi u soċjali tal-Unjoni u dawk nazzjonali. Dawn jipprovdu prijoritajiet u miri komuni għall-impjiegi, l-edukazzjoni, il-ħiliet u l-politiki soċjali. ***Il-FSE*** huwa l-istrument ewlieni tal-Unjoni għall-appoġġ tal-linji gwida dwar l-impjiegi u għall-kisba tal-objettivi tal-Unjoni fil-politiki tal-impjiegi u dawk soċjali. Il-linji gwida dwar l-impjiegi jikkomplementaw il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. F'dan il-kuntest, il-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE għall-2028 sal-2034 jenħtieġ li jkun allinjat bis-sħiħ mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) …***[1]*** [Linji Gwida dwar l-Impjiegi adottati mill-Kunsill sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2027].

[1] ***Daħħal ir-referenza tal-pubblikazzjoni***

Or. en

Emenda 66
Elena Donazzan, Chiara Gemma, Mariateresa Vivaldini, Lara Magoni

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, kif previst fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat, adottati kull sena mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, huma strument ewlieni għall-	(2) Il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, kif previst fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat, adottati kull sena mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, huma strument ewlieni għall-

koordinazzjoni tal-politiki tal-impjiegi u soċjali tal-Unjoni u dawk nazzjonali. Dawn jipprovdu prijoritajiet u miri komuni għall-impjiegi, l-edukazzjoni, il-ħiliet u l-politiki soċjali bl-għan li tittejjeb il-kompetittività tal-Unjoni u biex din tal-aħħar ssir post aħjar għall-investiment, il-ħolqien tal-impjiegi u t-trawwim tal-koeżjoni soċjali. ***L-FSE*** huwa l-istrument ewlieni tal-Unjoni għall-appoġġ tal-linji gwida dwar l-impjiegi u għall-kisba tal-objettivi tal-Unjoni fil-politiki tal-impjiegi u dawk soċjali. Il-linji gwida dwar l-impjiegi jikkomplementaw il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. F'dan il-kuntest, il-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE għall-2028 sal-2034 jenħtieġ li jkun allinjat bis-sħiħ mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) …[1] [Linji Gwida dwar l-Impjiegi adottati mill-Kunsill sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2027].

koordinazzjoni tal-politiki tal-impjiegi u soċjali tal-Unjoni u dawk nazzjonali. Dawn jipprovdu prijoritajiet u miri komuni għall-impjiegi, l-edukazzjoni, il-ħiliet u l-politiki soċjali bl-għan li tittejjeb il-kompetittività tal-Unjoni u biex din tal-aħħar ssir post aħjar għall-investiment, il-ħolqien tal-impjiegi u t-trawwim tal-koeżjoni soċjali. ***Il-FSE*** huwa l-istrument ewlieni tal-Unjoni għall-appoġġ tal-linji gwida dwar l-impjiegi u għall-kisba tal-objettivi tal-Unjoni fil-politiki tal-impjiegi u dawk soċjali. Il-linji gwida dwar l-impjiegi jikkomplementaw il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. F'dan il-kuntest, il-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE għall-2028 sal-2034 jenħtieġ li jkun allinjat bis-sħiħ mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) …[1] [Linji Gwida dwar l-Impjiegi adottati mill-Kunsill sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2027] ***u, fl-istess ħin, jirrifletti l-ħtiġijiet u l-bżonnijiet tat-territorji tal-UE***.

[1] Daħħal ir-referenza tal-pubblikazzjoni

[1] Daħħal ir-referenza tal-pubblikazzjoni

Or. it

Emenda 67
Brigitte van den Berg, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) Il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, kif previst fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat, adottati kull sena mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, huma strument ewlieni għall-koordinazzjoni tal-politiki tal-impjiegi u soċjali tal-Unjoni u dawk nazzjonali. Dawn jipprovdu prijoritajiet u miri komuni għall-impjiegi, l-edukazzjoni, il-ħiliet u l-politiki soċjali bl-għan li tittejjeb il-kompetittività	(2) Il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, kif previst fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat, adottati kull sena mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, huma strument ewlieni għall-koordinazzjoni tal-politiki tal-impjiegi u soċjali tal-Unjoni u dawk nazzjonali. Dawn jipprovdu prijoritajiet u miri komuni għall-impjiegi, l-edukazzjoni, il-ħiliet u l-politiki soċjali bl-għan li tittejjeb il-kompetittività

tal-Unjoni u biex din tal-aħħar ssir post aħjar għall-investiment, il-ħolqien tal-impjiegi u t-trawwim tal-koeżjoni soċjali. ***L-FSE*** huwa l-istrument ewlieni tal-Unjoni ***għall-appoġġ tal-linji gwida dwar l-impjiegi u*** għall-kisba tal-objettivi tal-Unjoni fil-politiki tal-impjiegi u dawk soċjali. Il-linji gwida dwar l-impjiegi jikkomplementaw il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. F'dan il-kuntest, il-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE għall-2028 sal-2034 jenħtieġ li jkun allinjat bis-sħiħ mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) …[1] [Linji Gwida dwar l-Impjiegi adottati mill-Kunsill sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2027].	tal-Unjoni u biex din tal-aħħar ssir post aħjar għall-investiment, il-ħolqien tal-impjiegi ***ta' kwalità*** u t-trawwim tal-koeżjoni soċjali. ***Il-FSE*** huwa l-istrument ewlieni tal-Unjoni ***għall-investiment finnies,*** għall-kisba tal-objettivi tal-Unjoni fil-politiki tal-impjiegi u dawk soċjali ***u għall-appoġġ tal-linji gwida dwar l-impjiegi***. Il-linji gwida dwar l-impjiegi jikkomplementaw il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. F'dan il-kuntest, il-kamp ta' applikazzjoni tal-FSE għall-2028 sal-2034 jenħtieġ li jkun allinjat bis-sħiħ mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) …[1] [Linji Gwida dwar l-Impjiegi adottati mill-Kunsill sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2027].
[1] Daħħal ir-referenza tal-pubblikazzjoni	[1] Daħħal ir-referenza tal-pubblikazzjoni

Or. en

Emenda 68
Séverine Werbrouck, Margarita de la Pisa Carrión, Mélanie Disdier, Pál Szekeres

Proposta għal regolament
Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(2) ***Il-linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri, kif previst fl-Artikolu 148(2)*** tat-Trattat***, adottati*** kull sena ***mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, huma strument ewlieni għall-koordinazzjoni tal-politiki tal-impjiegi u soċjali tal-Unjoni u dawk nazzjonali. Dawn jipprovdu prijoritajiet u miri komuni għall-impjiegi, l-edukazzjoni, il-ħiliet u l-politiki soċjali bl-għan li tittejjeb il-kompetittività tal-Unjoni u biex din tal-aħħar ssir post aħjar għall-investiment, il-ħolqien tal-impjiegi u t-trawwim tal-koeżjoni soċjali. L-FSE huwa l-istrument ewlieni tal-Unjoni għall-appoġġ tal-linji*** gwida dwar l-impjiegi ***u għall-kisba tal-***	(2) ***F'konformità mal-Artikolu 5, b'mod partikolari l-paragrafu 2 tiegħu u 148*** tat-Trattat ***dwar il-Fuzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill jiżviluppa*** kull sena ***linji*** gwida dwar l-impjiegi***. Dawn*** il-linji gwida ***jittrattaw il-politika ekonomika, u f'dan ir-rigward, is-sitwazzjoni tal-impjiegi fl-Istati Membri. Abbażi ta' dan, l-Istati Membri jikkordinaw il-politiki tal-impjiegi tagħhom bl-għan li jorbtu l-objettivi tal-promozzjoni ta' forza tax-xogħol kwalifikata mat-tisħiħ tas-suq tax-xogħol fid-dawl ta' instabbiltà ekonomika. Dawn il-linji gwida ma jittrattawx kwistjonijiet soċjali, qasam li fih il-kompetenzi tal-***

objettivi tal-Unjoni fil-politiki tal-impjiegi u dawk soċjali. Il-linji gwida ***dwar l-impjiegi jikkomplementaw il-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali***. ***F'dan il-kuntest, il-kamp*** ta' applikazzjoni tal-FSE għall-2028 sal-2034 ***jenħtieġ li jkun allinjat bis-sħiħ mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) …*** [1] ***[Linji Gwida dwar l-Impjiegi adottati mill-Kunsill sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2027]***.	***appoġġ tal-Unjoni Ewropea huma limitati għall-Artikolu 153 tat-TFUE. Il-fatt li dawn il-linji gwida jittrattaw dejjem aktar il-politika soċjali aktarx ixekkel il-kamp ta' applikazzjoni u l-effettività tar-rakkomandazzjonijiet li fiha. Barra minn hekk, meta titqies in-natura mhux vinkolanti tagħhom, dawn ir-rakkomandazzjonijiet jistgħu jservu bħala bażi għall-iżvilupp tal-kamp*** ta' applikazzjoni tal-FSE għall-2028 sal-2034***, mingħajr ma madankollu jiddettaw objettivi vinkolanti.***

[1] ***Daħħal ir-referenza tal-pubblikazzjoni***

Or. fr

Emenda 69
Grégory Allione, Valérie Devaux, Laurence Farreng, Hristo Petrov, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) L-Artikolu 162 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew sabiex itejjeb l-opportunitajiet ta' impjieg għall-ħaddiema fis-suq intern u b'hekk jikkontribwixxi biex jogħla l-istandard tal-għajxien; għandu jkollu l-għan li jirrendi eħfef l-impjieg tal-ħaddiema u jżid il-mobbiltà ġeografika u okkupazzjonali tagħhom fl-Unjoni, u li jiffaċilita l-adattament tagħhom għal bidliet industrijali u bidliet fis-sistemi tal-produzzjoni, b'mod partikolari permezz ta' taħriġ vokazzjonali u taħriġ mill-ġdid.

Or. en

Emenda 70

Villy Søvndal, Kira Marie Peter-Hansen, Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Meta jitqiesu l-livelli persistenti ta' faqar u esklużjoni soċjali madwar l-Unjoni Ewropea, il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni effettiva tal-oqfsa u l-miri tal-Unjoni li għandhom l-għan li progressivament inaqqsu l-faqar u fl-aħħar mill-aħħar jeqirduh sal-2050. F'dan ir-rigward, l-interventi tal-FSE jenħtieġ li jappoġġaw it-twettiq tal-prinċipji stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, jikkontribwixxu għall-kisba tal-Miri Soċjali ta' Porto, u jsaħħu l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE Kontra l-Faqar.

Or. en

Emenda 71
Grégory Allione, Valérie Devaux, Laurence Farreng, Hristo Petrov, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Premessa 2b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) L-Artikolu 174 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi li, sabiex tippromwovi l-iżvilupp armonjuż ġenerali tagħha, l-Unjoni għandha tiżviluppa u tfittex li twettaq l-azzjonijiet tagħha li jwasslu sabiex tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tagħha. B'mod partikolari, l-Unjoni għandu jkollha l-għan li tnaqqas id-disparitajiet bejn il-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni varji u r-ritard ta' dawk ir-reġjuni li huma inqas

favoriti.

Or. en

Emenda 72
Hristo Petrov, Martin Hojsík, Brigitte van den Berg, Valérie Devaux, Grégory Allione

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fil-livell tal-Unjoni, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika huwa l-qafas li jidentifika l-prijoritajiet ta' riformi nazzjonali u li jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jippreżentaw rapporti ta' progress annwali dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet fiskali strutturali tagħhom ta' terminu medju. Dak il-qafas jenħtieġ li jkun il-bażi għall-użu tal-finanzjament tal-Unjoni b'mod koerenti, inkluż bil-ħsieb li jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li għandu jiġi riċevut.	(3) Fil-livell tal-Unjoni, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ***u soċjali*** huwa l-qafas li jidentifika l-prijoritajiet ta' riformi ***u investiment*** nazzjonali u li jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jippreżentaw rapporti ta' progress annwali dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet fiskali strutturali tagħhom ta' terminu medju***, inkluża informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti usa' fil-kuntest tas-Semestru Ewropew***. Dak il-qafas jenħtieġ li jkun il-bażi għall-użu tal-finanzjament tal-Unjoni b'mod koerenti, inkluż bil-ħsieb li jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li għandu jiġi riċevut. ***L-Istati Membri jenħtieġ li jużaw ir-riżorsi tal-FSE biex jindirizzaw l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż adottati f'konformità mal-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tat-TFUE u fis-Semestru Ewropew li jaqgħu fl-ambitu tal-objettivi speċifiċi tal-FSE.***

Or. en

Emenda 73
Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fil-livell tal-Unjoni, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika huwa l-qafas li jidentifika l-prijoritajiet ta' riformi nazzjonali u li jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jippreżentaw rapporti ta' progress annwali dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet fiskali strutturali tagħhom ta' terminu medju. Dak il-qafas jenħtieġ li jkun il-bażi għall-użu tal-finanzjament tal-Unjoni b'mod koerenti, inkluż bil-ħsieb li jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li għandu jiġi riċevut.	(3) Fil-livell tal-Unjoni, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika huwa l-qafas li jidentifika l-prijoritajiet ta' riformi nazzjonali u li jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jippreżentaw rapporti ta' progress annwali dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet fiskali strutturali tagħhom ta' terminu medju. Dak il-qafas jenħtieġ li ***jiġi żviluppat f'konsultazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali, b'mod partikolari t-trade unions, u bl-involviment effettiv u strutturat tas-soċjetà ċivili, u jenħtieġ li*** jkun il-bażi għall-użu tal-finanzjament tal-Unjoni b'mod koerenti, inkluż bil-ħsieb li jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li għandu jiġi riċevut. ***Dan il-mekkaniżmu għandu jiżgura l-integrazzjoni sħiħa tal-objettivi tal-koeżjoni soċjali u tal-inklużjoni soċjali, fuq bażi ugwali mal-objettivi ekonomiċi. Dan għandu, b'mod partikolari, jindirizza b'mod sistematiku u konsistenti s-sitwazzjoni tal-gruppi vulnerabbli.***

Or. en

Emenda 74
Brigitte van den Berg, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fil-livell tal-Unjoni, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika huwa l-qafas li jidentifika l-prijoritajiet ta' riformi nazzjonali u li jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jippreżentaw rapporti ta' progress annwali dwar l-	(3) Fil-livell tal-Unjoni, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika ***u soċjali*** huwa l-qafas li jidentifika l-prijoritajiet ta' riformi ***u investiment*** nazzjonali u li jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jippreżentaw rapporti ta'

implimentazzjoni tal-pjanijiet fiskali strutturali tagħhom ta' terminu medju. Dak il-qafas jenħtieġ li jkun il-bażi għall-użu tal-finanzjament tal-Unjoni b'mod koerenti, inkluż bil-ħsieb li jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li għandu jiġi riċevut.	progress annwali dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet fiskali strutturali tagħhom ta' terminu medju. Dak il-qafas jenħtieġ li jkun il-bażi għall-użu tal-finanzjament tal-Unjoni b'mod koerenti, inkluż bil-ħsieb li jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li għandu jiġi riċevut. ***L-Istati Membri jenħtieġ li jużaw ir-riżorsi tal-FSE biex jindirizzaw l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti speċifiċi għall-pajjiż adottati f'konformità mal-Artikolu 121(2) u l-Artikolu 148(4) tat-TFUE u fis-Semestru Ewropew li jaqgħu fl-ambitu tal-objettivi speċifiċi tal-FSE.***
	Or. en

Emenda 75
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fil-livell tal-Unjoni, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika huwa l-qafas li jidentifika l-prijoritajiet ta' riformi nazzjonali u li jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jippreżentaw rapporti ta' progress annwali dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet fiskali strutturali tagħhom ta' terminu medju. Dak il-qafas jenħtieġ li jkun il-bażi għall-użu tal-finanzjament tal-Unjoni b'mod koerenti, inkluż bil-ħsieb li jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li għandu jiġi riċevut.	(3) Fil-livell tal-Unjoni, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika huwa l-qafas li jidentifika l-prijoritajiet ta' riformi nazzjonali u li jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jippreżentaw rapporti ta' progress annwali dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet fiskali strutturali tagħhom ta' terminu medju. Dak il-qafas jenħtieġ li jkun il-bażi għall-użu tal-finanzjament tal-Unjoni b'mod koerenti, inkluż bil-ħsieb li jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li għandu jiġi riċevut. ***Huwa essenzjali li dawn il-mekkaniżmi jinkorporaw bis-sħiħ l-objettivi tal-koeżjoni u l-inklużjoni soċjali, flimkien ma' dawk ekonomiċi. B'mod partikolari, dawn jenħtieġ li jindirizzaw b'mod formali u konsistenti s-sitwazzjoni ta'***

gruppi vulnerabbli bħar-Rom.

Or. en

Emenda 76
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) ***Fil-livell tal-Unjoni, is-Semestru*** Ewropew ***għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika huwa l-qafas li jidentifika l-prijoritajiet ta' riformi*** nazzjonali ***u li jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom***. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jippreżentaw rapporti ta' progress annwali dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet fiskali strutturali tagħhom ta' terminu medju. Dak il-qafas jenħtieġ li jkun il-bażi għall-użu tal-finanzjament tal-Unjoni b'mod koerenti, inkluż bil-ħsieb li jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li għandu jiġi riċevut.***	(3) ***L-Istati Membri għandhom jipprogrammaw ir-riżorsi tagħhom mill-Fond Soċjali Ewropew billi jagħtu prijorità lil interventi li jindirizzaw l-isfidi identifikati fis-Semestru*** Ewropew***, inkluż fil-programmi*** nazzjonali ***ta' riforma tagħhom***.

Or. en

Emenda 77
Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marit Maij

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fil-livell tal-Unjoni, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika huwa l-qafas li jidentifika l-prijoritajiet ta' riformi nazzjonali u li jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jippreżentaw rapporti ta' progress annwali dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet fiskali	(3) Fil-livell tal-Unjoni, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika huwa l-qafas li jidentifika l-prijoritajiet ta' riformi nazzjonali u li jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jippreżentaw rapporti ta' progress annwali dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet fiskali

strutturali tagħhom ta' terminu medju. ***Dak il-qafas*** jenħtieġ li ***jkun il-bażi għall-użu tal-finanzjament tal-Unjoni b'mod koerenti, inkluż bil-ħsieb li jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li għandu jiġi riċevut.***	strutturali tagħhom ta' terminu medju. ***Huwa essenzjali li dawn il-mekkaniżmi jinkorporaw bis-sħiħ l-objettivi tal-koeżjoni u l-inklużjoni soċjali, flimkien ma' dawk ekonomiċi. B'mod partikolari, dawn*** jenħtieġ li ***jindirizzaw b'mod formali u konsistenti s-sitwazzjoni ta' gruppi vulnerabbli;***

Or. en

Emenda 78
Séverine Werbrouck, Margarita de la Pisa Carrión, Mélanie Disdier, Pál Szekeres

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Fil-livell tal-Unjoni, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika huwa l-qafas li jidentifika l-prijoritajiet ta' riformi nazzjonali u li jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jippreżentaw rapporti ta' progress annwali dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet fiskali strutturali tagħhom ta' terminu medju. Dak il-qafas jenħtieġ li jkun ***il-bażi*** għall-użu tal-finanzjament tal-Unjoni b'mod koerenti, inkluż bil-ħsieb li jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li għandu jiġi riċevut.	(3) Fil-livell tal-Unjoni, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika huwa l-qafas li jidentifika l-prijoritajiet ta' riformi nazzjonali u li jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jippreżentaw rapporti ta' progress annwali dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet fiskali strutturali tagħhom ta' terminu medju. Dak il-qafas jenħtieġ li jkun ***ta' proposta mhux vinkolanti*** għall-użu tal-finanzjament tal-Unjoni b'mod koerenti, inkluż bil-ħsieb li jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-appoġġ finanzjarju li għandu jiġi riċevut..

Or. fr

Emenda 79
Hristo Petrov, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini, Brigitte van den Berg, Valérie Devaux, Grégory Allione

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(4) L-Unjoni qed tiffaċċja sfidi strutturali li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni ekonomika, ktajjen tal-provvista vulnerabbli, il-ġestjoni tal-flussi migratorji ***u ż-żieda*** fit-theddida għas-sigurtà, it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, it-tibdil teknoloġiku u t-tibdil demografiku, forza tax-xogħol li qed tixjieħ, nuqqas ta' akkomodazzjoni soċjali, u nuqqas dejjem akbar ta' ħiliet u ħaddiema f'ħafna setturi u reġjuni.	(4) L-Unjoni qed tiffaċċja sfidi ***u xokkijiet*** strutturali li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni ekonomika, ktajjen tal-provvista vulnerabbli, il-ġestjoni tal-flussi migratorji***, iż-żieda*** fit-theddida għas-sigurtà, it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, it-tibdil teknoloġiku u t-tibdil demografiku, ***l-ispostament tal-impjiegi u*** forza tax-xogħol li qed tixjieħ, ***il-polarizzazzjoni soċjali dejjem akbar li taffettwa gruppi differenti tal-popolazzjoni, l-inugwaljanzi persistenti bejn il-ġeneri u l-attakki dejjem akbar kontra d-drittijiet tan-nisa,*** nuqqas ta' akkomodazzjoni soċjali ***u affordabbli, faqar persistenti, inkluż il-faqar fost it-tfal, u l-esklużjoni soċjali***, u nuqqas dejjem akbar ta' ħiliet u ħaddiema f'ħafna setturi u reġjuni.
	Or. en

Emenda 80
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) L-Unjoni qed tiffaċċja sfidi strutturali li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni ekonomika, ktajjen tal-provvista vulnerabbli, il-ġestjoni tal-flussi migratorji u ż-żieda fit-theddida għas-sigurtà, it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, it-tibdil teknoloġiku u t-tibdil demografiku, forza tax-xogħol li qed tixjieħ, nuqqas ta' akkomodazzjoni soċjali, u nuqqas dejjem akbar ta' ħiliet u ħaddiema f'ħafna setturi u reġjuni.	(4) L-Unjoni qed tiffaċċja sfidi strutturali li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni ekonomika, ktajjen tal-provvista vulnerabbli, il-ġestjoni tal-flussi migratorji u ż-żieda fit-theddida għas-sigurtà, it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa ***u dik diġitali***, it-tibdil teknoloġiku u t-tibdil demografiku ***u l-kriżi tal-kura u l-organizzazzjoni soċjali tal-kura***, forza tax-xogħol li qed tixjieħ, nuqqas ta' akkomodazzjoni soċjali, ***żieda fil-faqar multidimensjonali, inkluż il-faqar fost dawk li jaħdmu, u l-faqar fost it-tfal,*** u nuqqas dejjem akbar ta' ħiliet u ħaddiema f'ħafna setturi u reġjuni.
	Or. en

Emenda 81
Grégory Allione, Valérie Devaux, Laurence Farreng, Hristo Petrov, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) L-Unjoni qed tiffaċċja sfidi strutturali li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni ekonomika, ktajjen tal-provvista vulnerabbli, il-ġestjoni tal-flussi migratorji u ż-żieda fit-theddida għas-sigurtà, it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, it-tibdil teknoloġiku u t-tibdil demografiku, forza tax-xogħol li qed tixjieħ, nuqqas ta' akkomodazzjoni soċjali, u nuqqas dejjem akbar ta' ħiliet u ħaddiema f'ħafna setturi u reġjuni.	(4) L-Unjoni qed tiffaċċja sfidi strutturali li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni ekonomika, ktajjen tal-provvista vulnerabbli, il-ġestjoni tal-flussi migratorji u ż-żieda fit-theddida għas-sigurtà, ***kif ukoll il-ħtieġa li jissaħħu l-preparatezza u r-reżiljenza tas-soċjetajiet Ewropej fid-dawl ta' diżastri klimatiċi u kriżijiet kbar,*** it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, it-tibdil teknoloġiku u t-tibdil demografiku, forza tax-xogħol li qed tixjieħ, nuqqas ta' akkomodazzjoni soċjali, u nuqqas dejjem akbar ta' ħiliet u ħaddiema f'ħafna setturi u reġjuni.

Or. en

Emenda 82
Villy Søvndal, Kira Marie Peter-Hansen, Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) L-Unjoni qed tiffaċċja sfidi strutturali li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni ekonomika, ktajjen tal-provvista vulnerabbli, il-ġestjoni tal-flussi migratorji u ż-żieda fit-theddida għas-sigurtà, it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, it-tibdil teknoloġiku u t-tibdil demografiku, forza tax-xogħol li qed tixjieħ, nuqqas ta' akkomodazzjoni soċjali, u nuqqas dejjem akbar ta' ħiliet u ħaddiema f'ħafna setturi u reġjuni.	(4) L-Unjoni qed tiffaċċja sfidi strutturali li jirriżultaw ***mit-tibdil fil-klima,*** mill-globalizzazzjoni ekonomika, ktajjen tal-provvista vulnerabbli, il-ġestjoni tal-flussi migratorji u ż-żieda fit-theddida għas-sigurtà, it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, it-tibdil teknoloġiku u t-tibdil demografiku, forza tax-xogħol li qed tixjieħ, ***forom persistenti ta' inugwaljanzi bejn il-ġeneri u intersezzjonali, aċċess mhux ugwali għal servizzi affordabbli u***

ta' kwalità, nuqqas ta' akkomodazzjoni soċjali ***u affordabbli***, u nuqqas dejjem akbar ta' ħiliet u ħaddiema f'ħafna setturi u reġjuni.

Or. en

Emenda 83
Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marit Maij

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) L-Unjoni qed tiffaċċja sfidi strutturali li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni ekonomika, ktajjen tal-provvista vulnerabbli, il-ġestjoni tal-flussi migratorji u ż-żieda fit-theddida għas-sigurtà, it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, it-tibdil teknoloġiku u t-tibdil demografiku, forza tax-xogħol li qed tixjieħ, nuqqas ta' akkomodazzjoni soċjali, u nuqqas dejjem akbar ta' ħiliet u ħaddiema f'ħafna setturi u reġjuni.	(4) L-Unjoni qed tiffaċċja sfidi strutturali li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni ekonomika, ktajjen tal-provvista vulnerabbli, il-ġestjoni tal-flussi migratorji u ż-żieda fit-theddida għas-sigurtà, it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa ***u dik diġitali***, it-tibdil teknoloġiku u t-tibdil demografiku, ***u l-kriżi tal-kura u l-organizzazzjoni soċjali tal-kura,*** forza tax-xogħol li qed tixjieħ, nuqqas ta' akkomodazzjoni soċjali, ***iż-żieda fil-faqar, inkluż il-faqar fost dawk li jaħdmu, u l-faqar fost it-tfal,*** u nuqqas dejjem akbar ta' ħiliet u ħaddiema f'ħafna setturi u reġjuni.

Or. en

Emenda 84
Brigitte van den Berg, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) L-Unjoni qed tiffaċċja sfidi strutturali li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni ekonomika, ktajjen tal-provvista vulnerabbli, il-ġestjoni tal-flussi	(4) L-Unjoni qed tiffaċċja sfidi ***u xokkijiet*** strutturali li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni ekonomika, ktajjen tal-provvista vulnerabbli, il-ġestjoni tal-flussi

migratorji u ż-żieda fit-theddida għas-sigurtà, it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, it-tibdil teknoloġiku ***u t-tibdil*** demografiku***,*** forza tax-xogħol li qed tixjieħ, nuqqas ta' akkomodazzjoni soċjali, u nuqqas dejjem akbar ta' ħiliet u ħaddiema f'ħafna setturi u reġjuni.

migratorji u ż-żieda fit-theddida għas-sigurtà, it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, it-tibdil teknoloġiku***, it-tibdil*** demografiku ***u*** forza tax-xogħol li qed tixjieħ, ***l-inugwaljanzi persistenti bejn il-ġeneri u l-attakki dejjem akbar kontra d-drittijiet tan-nisa,*** nuqqas ta' akkomodazzjoni soċjali ***u affordabbli***, u nuqqas dejjem akbar ta' ħiliet u ħaddiema f'ħafna setturi u reġjuni.

Or. en

Emenda 85
Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, João Oliveira, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) L-Unjoni qed tiffaċċja sfidi strutturali li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni ekonomika, ktajjen tal-provvista vulnerabbli, ***il-ġestjoni tal-flussi migratorji u ż-żieda fit-theddida għas-sigurtà,*** it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, it-tibdil teknoloġiku u t-tibdil demografiku, ***forza tax-xogħol li qed tixjieħ***, ***nuqqas*** ta' akkomodazzjoni soċjali, ***u nuqqas dejjem akbar ta' ħiliet u ħaddiema f'ħafna setturi u reġjuni***.	(4) L-Unjoni qed tiffaċċja sfidi strutturali li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni ekonomika, ktajjen tal-provvista vulnerabbli, it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, it-tibdil teknoloġiku u t-tibdil demografiku, ***iż-żieda mifruxa fin-nuqqas ta' sigurtà soċjoekonomika, nuqqas ta' opportunitajiet ta' impjieg li joffru pagi ġusti, iż-żieda fl-inugwaljanza***, ***in-nuqqas*** ta' akkomodazzjoni soċjali, ***id-deterjorament tal-faqar enerġetiku, u deterjorament ġenerali fis-servizzi pubbliċi, b'mod partikolari fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni u s-saħħa***.

Or. en

Emenda 86
Maravillas Abadía Jover, Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) L-Unjoni qed tiffaċċja sfidi strutturali li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni ekonomika, ktajjen tal-provvista vulnerabbli, il-ġestjoni tal-flussi migratorji u ż-żieda fit-theddida għas-sigurtà, it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, it-tibdil teknoloġiku u t-tibdil demografiku, forza tax-xogħol li qed tixjieħ, nuqqas ta' akkomodazzjoni soċjali, u nuqqas dejjem akbar ta' ħiliet u ħaddiema f'ħafna setturi u reġjuni.	(4) L-Unjoni qed tiffaċċja sfidi strutturali li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni ekonomika, ktajjen tal-provvista vulnerabbli, il-ġestjoni tal-flussi migratorji u ż-żieda fit-theddida għas-sigurtà, it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, it-tibdil teknoloġiku u t-tibdil demografiku, forza tax-xogħol li qed tixjieħ, nuqqas ta' akkomodazzjoni soċjali, ***iż-żieda fil-faqar multidimensjonali, inkluż il-faqar fost dawk li jaħdmu,*** u nuqqas dejjem akbar ta' ħiliet u ħaddiema f'ħafna setturi u reġjuni ***kif ukoll il-qgħad fost iż-żgħażagħ***.

Or. en

Emenda 87
Séverine Werbrouck, Margarita de la Pisa Carrión, Mélanie Disdier, Pál Szekeres

Proposta għal regolament
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) L-Unjoni qed tiffaċċja sfidi strutturali li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni ekonomika, ktajjen tal-provvista vulnerabbli, il-ġestjoni tal-flussi migratorji u ż-żieda fit-theddida għas-sigurtà, it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, it-tibdil teknoloġiku u t-tibdil demografiku, forza tax-xogħol li qed tixjieħ, ***nuqqas ta' akkomodazzjoni soċjali,*** u nuqqas dejjem akbar ta' ħiliet u ħaddiema f'ħafna setturi u reġjuni.	(4) L-Unjoni qed tiffaċċja sfidi strutturali li jirriżultaw mill-globalizzazzjoni ekonomika, ktajjen tal-provvista vulnerabbli, il-ġestjoni tal-flussi migratorji u ż-żieda fit-theddida għas-sigurtà, it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, it-tibdil teknoloġiku u t-tibdil demografiku, forza tax-xogħol li qed tixjieħ, ***b'mod partikolari l-iżvilupp tal-intelliġenza artifiċjali li toħloq riskju għal bosta impjiegi,*** u nuqqas dejjem akbar ta' ħiliet u ħaddiema f'ħafna setturi u reġjuni.

Or. fr

Emenda 88
Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, João Oliveira, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Premessa 4a (new)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Meta jitqiesu l-livelli persistenti ta' faqar u esklużjoni soċjali madwar l-Unjoni Ewropea, il-Fond Soċjali Ewropew (FSE) jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni effettiva tal-oqfsa u l-miri tal-Unjoni li għandhom l-għan li jnaqqsu b'mod progressiv il-faqar u fl-aħħar mill-aħħar jeqirduh mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-2035. F'dan ir-rigward, l-interventi tal-FSE jenħtieġ li jappoġġaw it-twettiq tal-prinċipji stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, jikkontribwixxu għall-kisba tal-Miri Soċjali ta' Porto, u jsaħħu l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE Kontra l-Faqar.

Or. en

Emenda 89
Elena Donazzan, Chiara Gemma, Mariateresa Vivaldini, Lara Magoni

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) L-appoġġ mill-Fond Soċjali Ewropew għandu jippromwovi l-akkomodazzjoni soċjali għall-ħaddiema fis-setturi pubbliku kif ukoll dak privat, b'mod partikolari fis-setturi tas-saħħa, l-edukazzjoni u s-sigurtà, biex jiġu promossi l-inklużjoni soċjali u l-koeżjoni territorjali. Dawn l-interventi għandhom l-għan li jindirizzaw id-depopolazzjoni u jappoġġaw ir-rata tat-twelid, filwaqt li jagħtu prijorità lill-familji bit-tfal u jħeġġu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi, in-negozji u l-kooperattivi għal akkomodazzjoni aċċessibbli.

Or. it

Emenda 90
Brigitte van den Berg, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Premessa 4a (new)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Minkejja l-progress li sar, ħafna persuni b'diżabbiltà għadhom f'riskju ta' diskriminazzjonijiet multipli, inkluż abbażi tal-ġeneru tagħhom, ma għandhomx aċċess ekwu għas-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni, it-teknoloġiji, it-trasport u l-ambjent mibni, u jiffaċċjaw sfidi kbar fir-rigward tal-awtonomija u l-inklużjoni soċjali.

Or. en

Emenda 91
Grégory Allione, Valérie Devaux, Laurence Farreng, Hristo Petrov, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Premessa 4a (new)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) F'kuntest ikkaratterizzat mill-okkorrenza dejjem akbar ta' diżastri klimatiċi, theddid ibridu u riskji li jaffettwaw l-infrastruttura kritika, jenħtieġ li l-Unjoni ssaħħaħ il-preparatezza ċivili u r-reżiljenza tas-soċjetà, b'mod partikolari permezz ta' investimenti fil-ħiliet, fit-taħriġ u fil-kooperazzjoni bejn l-atturi ċivili u s-servizzi ta' emerġenza.

Or. en

Emenda 92
Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Filwaqt li tikkunsidra r-realtajiet li qed jinbidlu fid-dinja tax-xogħol, jenħtieġ li l-Unjoni tkun ippreparata għall-isfidi attwali u futuri billi tinvesti fil-ħiliet rilevanti, tagħmel it-tkabbir aktar inklużiv u ttejjeb il-politiki dwar l-impjiegi u dawk soċjali, inkluż fid-dawl tal-mobbiltà tal-ħaddiema u r-ristrutturar settorjali, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari liż-żoni urbani u rurali li jiffaċċjaw dgħufijiet soċjali partikolari.	(5) Filwaqt li tikkunsidra r-realtajiet li qed jinbidlu fid-dinja tax-xogħol, jenħtieġ li l-Unjoni tkun ippreparata għall-isfidi attwali u futuri billi tinvesti fil-ħiliet rilevanti, tagħmel it-tkabbir aktar inklużiv u ttejjeb il-politiki dwar l-impjiegi u dawk soċjali, inkluż fid-dawl tal-mobbiltà tal-ħaddiema u r-ristrutturar settorjali, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari liż-żoni urbani u rurali li jiffaċċjaw dgħufijiet soċjali partikolari***, u tiżgura, skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' April 2024 dwar l-iżvilupp u t-tisħiħ ta' sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal, il-protezzjoni tat-tfal minn kull forma ta' vjolenza bħala objettiv prijoritarju tal-Unjoni Ewropea.***

Or. es

Emenda 93
Villy Søvndal, Kira Marie Peter-Hansen, Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Filwaqt li tikkunsidra r-realtajiet li qed jinbidlu fid-dinja tax-xogħol, jenħtieġ li l-Unjoni tkun ippreparata għall-isfidi attwali u futuri billi tinvesti fil-ħiliet rilevanti, tagħmel it-tkabbir aktar inklużiv u ttejjeb il-politiki dwar l-impjiegi ***u dawk*** soċjali, inkluż fid-dawl tal-mobbiltà tal-ħaddiema u r-ristrutturar settorjali, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari liż-żoni urbani u rurali li jiffaċċjaw dgħufijiet	(5) Filwaqt li tikkunsidra r-realtajiet li qed jinbidlu fid-dinja tax-xogħol, jenħtieġ li l-Unjoni tkun ippreparata għall-isfidi attwali u futuri billi tinvesti fil-ħiliet rilevanti, tagħmel it-tkabbir ***sostenibbli*** aktar inklużiv ***u reattiv għal kwistjonijiet ta' ġeneru*** u ttejjeb il-politiki dwar l-impjiegi***,*** soċjali ***u dawk dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri***, ***b'mod partikolari billi tippromwovi l-aċċess għal***

soċjali partikolari.	***impjiegi ta' kwalità, siguri, imħallsa b'mod ġust u mhux prekarji,*** inkluż fid-dawl tal-mobbiltà tal-ħaddiema u r-ristrutturar settorjali, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari liż-żoni urbani u rurali li jiffaċċjaw dgħufijiet soċjali partikolari.

Or. en

Emenda 94
Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Filwaqt li tikkunsidra r-realtajiet li qed jinbidlu fid-dinja tax-xogħol, jenħtieġ li l-Unjoni tkun ippreparata għall-isfidi attwali u futuri billi tinvesti fil-ħiliet rilevanti, tagħmel it-tkabbir aktar inklużiv u ttejjeb il-politiki dwar l-impjiegi u dawk soċjali, inkluż fid-dawl tal-mobbiltà tal-ħaddiema u r-ristrutturar settorjali, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari liż-żoni urbani u rurali li jiffaċċjaw dgħufijiet soċjali partikolari.	(5) Filwaqt li tikkunsidra r-realtajiet li qed jinbidlu fid-dinja tax-xogħol, jenħtieġ li l-Unjoni tkun ippreparata għall-isfidi attwali u futuri billi tinvesti ***fi tranżizzjoni ġusta u inklużiva, inkluż billi trawwem l-innovazzjoni u tinvesti*** fil-ħiliet rilevanti ***kif enfasizzat mill-Unjoni tal-Ħiliet***, tagħmel it-tkabbir aktar inklużiv u ttejjeb il-politiki dwar l-impjiegi u dawk soċjali, inkluż fid-dawl tal-mobbiltà tal-ħaddiema u r-ristrutturar settorjali, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari liż-żoni urbani u rurali li jiffaċċjaw dgħufijiet soċjali partikolari.

Or. en

Emenda 95
Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marit Maij

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Filwaqt li tikkunsidra r-realtajiet li qed jinbidlu fid-dinja tax-xogħol, jenħtieġ	(5) Filwaqt li tikkunsidra r-realtajiet li qed jinbidlu fid-dinja tax-xogħol, jenħtieġ

li l-Unjoni tkun ippreparata għall-isfidi attwali u futuri billi tinvesti fil-ħiliet rilevanti, tagħmel it-tkabbir aktar inklużiv u ttejjeb il-politiki dwar l-impjiegi u dawk soċjali, inkluż fid-dawl tal-mobbiltà tal-ħaddiema u r-ristrutturar settorjali, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari liż-żoni urbani u rurali li jiffaċċjaw dgħufijiet soċjali partikolari.	li l-Unjoni tkun ippreparata għall-isfidi attwali u futuri billi tinvesti ***fi tranżizzjoni ġusta u inklużiva, inkluż billi trawwem l-innovazzjoni u tinvesti*** fil-ħiliet rilevanti ***kif enfasizzat mill-Unjoni tal-Ħiliet***, tagħmel it-tkabbir aktar inklużiv u ttejjeb il-politiki dwar l-impjiegi u dawk soċjali, inkluż fid-dawl tal-mobbiltà tal-ħaddiema u r-ristrutturar settorjali, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari liż-żoni urbani u rurali li jiffaċċjaw dgħufijiet soċjali partikolari.

Or. en

Emenda 96
Brigitte van den Berg, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Ciaran Mullooly, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Filwaqt li tikkunsidra r-realtajiet li qed jinbidlu fid-dinja tax-xogħol, jenħtieġ li l-Unjoni tkun ippreparata għall-isfidi attwali u futuri billi tinvesti fil-ħiliet rilevanti, tagħmel it-tkabbir aktar inklużiv u ttejjeb il-politiki dwar l-impjiegi u dawk soċjali, inkluż fid-dawl tal-mobbiltà tal-ħaddiema u r-ristrutturar settorjali, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari liż-żoni urbani u rurali li jiffaċċjaw dgħufijiet soċjali partikolari.	(5) Filwaqt li tikkunsidra r-realtajiet li qed jinbidlu fid-dinja tax-xogħol, jenħtieġ li l-Unjoni tkun ippreparata għall-isfidi attwali u futuri billi tinvesti fil-ħiliet rilevanti, ***fl-edukazzjoni u fit-taħriġ,*** tagħmel it-tkabbir aktar inklużiv u ttejjeb il-politiki dwar l-impjiegi u dawk soċjali, inkluż fid-dawl tal-mobbiltà tal-ħaddiema u r-ristrutturar ***u t-trasformazzjoni*** settorjali, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari ***lill-ħtieġa li tiġi żgurata tranżizzjoni ġusta u*** liż-żoni urbani u rurali li jiffaċċjaw dgħufijiet soċjali partikolari.

Or. en

Emenda 97
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Filwaqt li tikkunsidra r-realtajiet li qed jinbidlu fid-dinja tax-xogħol, jenħtieġ li l-Unjoni tkun ippreparata għall-isfidi attwali u futuri billi tinvesti fil-ħiliet rilevanti, tagħmel it-tkabbir aktar inklużiv u ttejjeb il-politiki dwar l-impjiegi u dawk soċjali, inkluż fid-dawl tal-mobbiltà tal-ħaddiema u r-ristrutturar settorjali, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari liż-żoni ***urbani u*** rurali ***li jiffaċċjaw*** dgħufijiet soċjali partikolari.	(5) Filwaqt li tikkunsidra r-realtajiet li qed jinbidlu fid-dinja tax-xogħol, jenħtieġ li l-Unjoni tkun ippreparata għall-isfidi attwali u futuri billi tinvesti fil-ħiliet rilevanti, tagħmel it-tkabbir aktar inklużiv u ttejjeb il-politiki dwar l-impjiegi u dawk soċjali, inkluż fid-dawl tal-mobbiltà tal-ħaddiema u r-ristrutturar settorjali, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari liż-żoni rurali***, muntanjużi, insulari u remoti li qed jiffaċċjaw tnaqqis demografiku, nuqqas ta' ħaddiema jew*** dgħufijiet soċjali ***u ekonomiċi*** partikolari.

Or. en

Emenda 98
Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, João Oliveira, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Filwaqt li tikkunsidra r-realtajiet li qed jinbidlu fid-dinja tax-xogħol, jenħtieġ li l-Unjoni tkun ippreparata għall-isfidi attwali u futuri billi tinvesti fil-ħiliet rilevanti, tagħmel it-tkabbir aktar inklużiv u ttejjeb il-politiki dwar l-impjiegi u dawk soċjali, inkluż fid-dawl tal-mobbiltà tal-ħaddiema u r-ristrutturar settorjali, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari liż-żoni urbani u rurali li jiffaċċjaw dgħufijiet soċjali partikolari.	(5) Filwaqt li tikkunsidra r-realtajiet li qed jinbidlu fid-dinja tax-xogħol, jenħtieġ li l-Unjoni tkun ippreparata għall-isfidi attwali u futuri billi tinvesti ***fl-inklużjoni soċjali u*** fil-ħiliet rilevanti, tagħmel it-tkabbir aktar inklużiv u ttejjeb il-politiki dwar l-impjiegi u dawk soċjali, inkluż fid-dawl tal-mobbiltà tal-ħaddiema u r-ristrutturar settorjali, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari liż-żoni urbani u rurali li jiffaċċjaw dgħufijiet soċjali partikolari.

Or. en

Emenda 99
Séverine Werbrouck, Margarita de la Pisa Carrión, Mélanie Disdier, Pál Szekeres

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Filwaqt li tikkunsidra r-realtajiet li qed jinbidlu fid-dinja tax-xogħol, jenħtieġ li l-Unjoni tkun ippreparata għall-isfidi attwali u futuri billi ***tinvesti*** fil-ħiliet ***rilevanti***, ***tagħmel it-tkabbir aktar inklużiv*** u ***ttejjeb il-politiki*** dwar l-impjiegi u dawk soċjali, inkluż fid-dawl tal-mobbiltà tal-ħaddiema u r-ristrutturar settorjali, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari liż-żoni urbani u rurali li jiffaċċjaw dgħufijiet soċjali partikolari.	(5) Filwaqt li tikkunsidra r-realtajiet li qed jinbidlu fid-dinja tax-xogħol, jenħtieġ li l-Unjoni tkun ippreparata għall-isfidi attwali u futuri billi ***tippromwovi l-investiment*** fil-ħiliet, ***billi tippermetti t-tkabbir*** u ***l-koordinazzjoni tal-politiki*** dwar l-impjiegi u dawk soċjali, inkluż fid-dawl tal-mobbiltà tal-ħaddiema u r-ristrutturar settorjali, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari liż-żoni urbani u rurali li jiffaċċjaw dgħufijiet soċjali partikolari.

Or. fr

Emenda 100
David Casa

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(5a) Il-Fond Soċjali Ewropew jenħtieġ li jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali billi jippromwovi opportunitajiet indaqs u aċċess ugwali għall-impjiegi għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw, inkluż billi jappoġġa miżuri ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u, fejn xieraq, jiffaċilita miżuri li jippermettu jew jippromwovu arranġamenti tax-xogħol flessibbli.

Or. en

Emenda 101
Elena Donazzan, Chiara Gemma, Mariateresa Vivaldini, Lara Magoni

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Bejn issa u l-2040, is-suq tax-xogħol tal-Unjoni se jkun fih madwar miljun persuna inqas kull sena. Barra minn hekk, minbarra forza tax-xogħol li qed tonqos, xi reġjuni huma affettwati minn sehem żgħir u staġnat tal-popolazzjoni b'edukazzjoni terzjarja, li jagħmilha diffiċli li jiġi kkumpensat it-telf ta' ħaddiema permezz ta' produttività tax-xogħol ogħla. Dan se jżid il-pressjoni fuq il-mudell tal-benessri soċjali tal-Unjoni, u b'hekk ipoġġi s-sostenibbiltà u l-adegwatezza tagħha taħt pressjoni. Se jżid ukoll in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-suq tax-xogħol, u b'hekk ipoġġi pressjoni fuq it-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività. Għal xi setturi dan se jwassal għal pressjonijiet fuq il-kost lavorattiv. Huwa għalhekk li l-FSE jeħtieġ li jappoġġa żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, speċjalment ***tan-nisa*** u ***ż-żgħażagħ***, tal-persuni b'diżabbiltà, tal-komunitajiet Rom u jappoġġa lill-impjegaturi biex isibu l-persuni adatti għall-impjiegi disponibbli, jagħti s-setgħa lill-ħaddiema akbar fl-età b'miżuri xierqa tas-suq tax-xogħol u tal-post tax-xogħol, jiżgura forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati li tkun kapaċi tindirizza l-isfidi soċjetali ewlenin, u jappoġġa bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata inkluż billi jiżgura aċċess għal indukrar ta' kwalità tat-tfal.	(6) Bejn issa u l-2040, is-suq tax-xogħol tal-Unjoni se jkun fih madwar miljun persuna inqas kull sena. Barra minn hekk, minbarra forza tax-xogħol li qed tonqos, xi reġjuni huma affettwati minn sehem żgħir u staġnat tal-popolazzjoni b'edukazzjoni terzjarja ***kemm akkademika kif ukoll vokazzjonali, b'attenzjoni partikolari għan-nuqqas ta' għoti ta' edukazzjoni terzjarja vokazzjonali f'diversi Stati Membri***, li jagħmilha diffiċli li jiġi kkumpensat it-telf ta' ħaddiema permezz ta' produttività tax-xogħol ogħla. Dan se jżid il-pressjoni fuq il-mudell tal-benessri soċjali tal-Unjoni, u b'hekk ipoġġi s-sostenibbiltà u l-adegwatezza tagħha taħt pressjoni. Se jżid ukoll in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-suq tax-xogħol, u b'hekk ipoġġi pressjoni fuq it-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività. Għal xi setturi dan se jwassal għal pressjonijiet fuq il-kost lavorattiv. Huwa għalhekk li l-FSE jeħtieġ li jappoġġa żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, speċjalment ***taż-żgħażagħ*** u ***n-nisa***, ***filwaqt li jsaħħaħ l-aċċess tan-nisa għal rwoli ekonomiċi, soċjali u istituzzjonali ta' tmexxija, ta' teħid ta' deċiżjonijiet u ta' responsabbiltà, bħala kundizzjoni għal tkabbir inklużiv u sostenibbli,*** tal-persuni b'diżabbiltà, tal-komunitajiet Rom u jappoġġa lill-impjegaturi biex isibu l-persuni adatti għall-impjiegi disponibbli, jagħti s-setgħa lill-ħaddiema akbar fl-età b'miżuri xierqa tas-suq tax-xogħol u tal-post tax-xogħol, ***jippromwovi t-titjib kontinwu tal-ħiliet tal-maniġers matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom,*** jiżgura forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati li tkun kapaċi tindirizza l-isfidi soċjetali ewlenin, u jappoġġa bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata inkluż billi jiżgura aċċess għal indukrar ta' kwalità tat-tfal.

Or. it

Emenda 102
Villy Søvndal, Kira Marie Peter-Hansen, Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Bejn issa u l-2040, is-suq tax-xogħol tal-Unjoni se jkun fih madwar miljun persuna inqas kull sena. Barra minn hekk, minbarra forza tax-xogħol li qed tonqos, xi reġjuni huma affettwati minn sehem żgħir u staġnat tal-popolazzjoni b'edukazzjoni terzjarja, li jagħmilha diffiċli li jiġi kkumpensat it-telf ta' ħaddiema permezz ta' produttività tax-xogħol ogħla. Dan se jżid il-pressjoni fuq il-mudell tal-benessri soċjali tal-Unjoni, u b'hekk ipoġġi s-sostenibbiltà u l-adegwatezza tagħha taħt pressjoni. Se jżid ukoll in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-suq tax-xogħol, u b'hekk ipoġġi pressjoni fuq it-tkabbir ***ekonomiku u l-kompetittività***. Għal xi setturi dan se jwassal għal ***pressjonijiet fuq il-kost lavorattiv***. Huwa għalhekk li l-FSE jeħtieġ li jappoġġa żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, speċjalment tan-nisa u ż-żgħażagħ, tal-persuni b'diżabbiltà, tal-komunitajiet Rom u ***jappoġġa*** lill-impjegaturi biex isibu l-persuni adatti għall-impjiegi disponibbli, jagħti s-setgħa lill-ħaddiema akbar fl-età b'miżuri xierqa tas-suq tax-xogħol u tal-post tax-xogħol, jiżgura forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati li tkun kapaċi tindirizza l-isfidi soċjetali ewlenin, u jappoġġa bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata inkluż billi jiżgura aċċess għal indukrar ta' kwalità tat-tfal.	(6) Bejn issa u l-2040, is-suq tax-xogħol tal-Unjoni se jkun fih madwar miljun persuna inqas kull sena. Barra minn hekk, minbarra forza tax-xogħol li qed tonqos, xi reġjuni huma affettwati minn sehem żgħir u staġnat tal-popolazzjoni b'edukazzjoni terzjarja, li jagħmilha diffiċli li jiġi kkumpensat it-telf ta' ħaddiema permezz ta' produttività tax-xogħol ogħla. ***Flimkien mar-rata tan-NEETs fl-UE, bid-disparità ġeografika tagħha, u l-aċċess inugwali għal edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità, u l-apprendiment tul il-ħajja,*** dan se jżid il-pressjoni fuq il-mudell tal-benessri soċjali tal-Unjoni, u b'hekk ipoġġi s-sostenibbiltà u l-adegwatezza tagħha taħt pressjoni. Se jżid ukoll in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-suq tax-xogħol, u b'hekk ipoġġi pressjoni fuq it-tkabbir ***sostenibli iżda jħalli wkoll impatt fuq il-prosperità u l-kapaċità tan-nies li jirnexxu taħt Ewropa Soċjali***. Għal xi setturi dan se jwassal għal ***investimenti għal suq tax-xogħol sostenibbli u adattat, speċjalment fl-infrastruttura u l-forza tax-xogħol tagħhom***. Huwa għalhekk li l-FSE jeħtieġ li jappoġġa żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, speċjalment tan-nisa u ż-żgħażagħ, tal-persuni b'diżabbiltà, tal-komunitajiet Rom u ***gruppi oħra f'sitwazzjonijiet vulnerabbli filwaqt li jappoġġa*** lill-impjegaturi biex isibu l-persuni adatti għall-impjiegi disponibbli, jagħti s-setgħa lill-ħaddiema akbar fl-età b'miżuri xierqa tas-suq tax-xogħol u tal-post tax-xogħol, jiżgura forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati li tkun kapaċi tindirizza l-isfidi soċjetali ewlenin, u

jappoġġa bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata inkluż billi jiżgura aċċess għal indukrar ta' kwalità ***u universali*** tat-tfal ***u għal servizzi tal-kura fit-tul***.

Or. en

Emenda 103
Miriam Lexmann

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Bejn issa u l-2040, is-suq tax-xogħol tal-Unjoni se jkun fih madwar miljun persuna inqas kull sena. Barra minn hekk, minbarra forza tax-xogħol li qed tonqos, xi reġjuni huma affettwati minn sehem żgħir u staġnat tal-popolazzjoni b'edukazzjoni terzjarja, li jagħmilha diffiċli li jiġi kkumpensat it-telf ta' ħaddiema permezz ta' produttività tax-xogħol ogħla. Dan se jżid il-pressjoni fuq il-mudell tal-benessri soċjali tal-Unjoni, u b'hekk ipoġġi s-sostenibbiltà u l-adegwatezza tagħha taħt pressjoni. Se jżid ukoll in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-suq tax-xogħol, u b'hekk ipoġġi pressjoni fuq it-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività. Għal xi setturi dan se jwassal għal pressjonijiet fuq il-kost lavorattiv. Huwa għalhekk li l-FSE jeħtieġ li jappoġġa żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, speċjalment tan-nisa u ż-żgħażagħ, tal-persuni b'diżabbiltà, tal-komunitajiet Rom u jappoġġa lill-impjegaturi biex isibu l-persuni adatti għall-impjiegi disponibbli, jagħti s-setgħa lill-ħaddiema akbar fl-età b'miżuri xierqa tas-suq tax-xogħol u tal-post tax-xogħol, jiżgura forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati li tkun kapaċi tindirizza l-isfidi soċjetali ewlenin, u jappoġġa bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata inkluż billi jiżgura aċċess għal indukrar ta'	(6) Bejn issa u l-2040, is-suq tax-xogħol tal-Unjoni se jkun fih madwar miljun persuna inqas kull sena. Barra minn hekk, minbarra forza tax-xogħol li qed tonqos, xi reġjuni huma affettwati minn sehem żgħir u staġnat tal-popolazzjoni b'edukazzjoni terzjarja, li jagħmilha diffiċli li jiġi kkumpensat it-telf ta' ħaddiema permezz ta' produttività tax-xogħol ogħla. Dan se jżid il-pressjoni fuq il-mudell tal-benessri soċjali tal-Unjoni, u b'hekk ipoġġi s-sostenibbiltà u l-adegwatezza tagħha taħt pressjoni. Se jżid ukoll in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-suq tax-xogħol, u b'hekk ipoġġi pressjoni fuq it-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività. Għal xi setturi dan se jwassal għal pressjonijiet fuq il-kost lavorattiv. Huwa għalhekk li l-FSE jeħtieġ li jappoġġa żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, speċjalment tan-nisa u ż-żgħażagħ, tal-persuni b'diżabbiltà, tal-komunitajiet Rom u jappoġġa lill-impjegaturi biex isibu l-persuni adatti għall-impjiegi disponibbli, jagħti s-setgħa lill-ħaddiema akbar fl-età b'miżuri xierqa tas-suq tax-xogħol u tal-post tax-xogħol, jiżgura forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati li tkun kapaċi tindirizza l-isfidi soċjetali ewlenin, u jappoġġa bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata inkluż billi jiżgura aċċess għal indukrar ta' kwalità tat-tfal ***u appoġġ adegwat għall-***

kwalità tat-tfal.

maternità u għall-ġenituri u appoġġ biex jinkiseb bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-FSE jappoġġa miżuri li jadattaw is-suq tax-xogħol u l-postijiet tax-xogħol għall-forza tax-xogħol li qed tinbidel sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet inklużivi u flessibbli għall-persuni b'diżabbiltà, għall-persuni b'kundizzjonijiet kroniċi, għall-forza tax-xogħol li qed tixjieħ kif ukoll għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw.

Or. en

Emenda 104
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Bejn issa u l-2040, is-suq tax-xogħol tal-Unjoni se jkun fih madwar miljun persuna inqas kull sena. Barra minn hekk, minbarra forza tax-xogħol li qed tonqos, xi reġjuni huma affettwati minn sehem żgħir u staġnat tal-popolazzjoni b'edukazzjoni terzjarja, li jagħmilha diffiċli li jiġi kkumpensat it-telf ta' ħaddiema permezz ta' produttività tax-xogħol ogħla. Dan se jżid il-pressjoni fuq il-mudell tal-benessri soċjali tal-Unjoni, u b'hekk ipoġġi s-sostenibbiltà u l-adegwatezza tagħha taħt pressjoni. Se jżid ukoll in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-suq tax-xogħol, u b'hekk ipoġġi pressjoni fuq it-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività. Għal xi setturi dan se jwassal għal pressjonijiet fuq il-kost lavorattiv. Huwa għalhekk li l-FSE jeħtieġ li jappoġġa żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, speċjalment tan-nisa u ż-żgħażagħ, tal-persuni b'diżabbiltà***,*** tal-komunitajiet ***Rom*** u jappoġġa lill-impjegaturi biex isibu l-persuni adatti għall-impjiegi disponibbli, jagħti s-setgħa	(6) Bejn issa u l-2040, is-suq tax-xogħol tal-Unjoni se jkun fih madwar miljun persuna inqas kull sena. Barra minn hekk, minbarra forza tax-xogħol li qed tonqos, xi reġjuni huma affettwati minn sehem żgħir u staġnat tal-popolazzjoni b'edukazzjoni terzjarja, li jagħmilha diffiċli li jiġi kkumpensat it-telf ta' ħaddiema permezz ta' produttività tax-xogħol ogħla. Dan se jżid il-pressjoni fuq il-mudell tal-benessri soċjali tal-Unjoni, u b'hekk ipoġġi s-sostenibbiltà u l-adegwatezza tagħha taħt pressjoni. Se jżid ukoll in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-suq tax-xogħol, u b'hekk ipoġġi pressjoni fuq it-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività. Għal xi setturi dan se jwassal għal pressjonijiet fuq il-kost lavorattiv. Huwa għalhekk li l-FSE jeħtieġ li jappoġġa żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, speċjalment tan-nisa u ż-żgħażagħ, tal-persuni b'diżabbiltà***, tal-persuni b'mard kroniku,***tal-komunitajiet ***ermaġinati bħar-Rom,*** u jappoġġa lill-impjegaturi biex isibu l-persuni adatti

lill-ħaddiema akbar fl-età ***b'miżuri xierqa tas-suq tax-xogħol*** u tal-post tax-xogħol***, jiżgura*** forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati li tkun kapaċi tindirizza l-isfidi soċjetali ewlenin, u jappoġġa bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata inkluż billi jiżgura aċċess għal indukrar ta' kwalità tat-tfal.

għall-impjiegi disponibbli, ***jappoġġa lill-persuni li jixtiequ jibdew jew jiżviluppaw mikrointrapriża,*** jagħti s-setgħa lill-ħaddiema akbar fl-età***, inklużi kundizzjonijiet tax-xogħol adattati għall-età, opportunitajiet ta' apprendiment tul il-ħajja, forom flessibbli ta' xogħol, miżuri ta' titjib tal-ħiliet diġitali*** u ***adattament*** tal-post tax-xogħol ***li jappoġġaw ħajja tax-xogħol tajba għas-saħħa u itwal sabiex tiġi żgurata*** forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati li tkun kapaċi tindirizza l-isfidi soċjetali ewlenin, u jappoġġa bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata inkluż billi jiżgura aċċess għal indukrar ta' kwalità tat-tfal.

Or. en

Emenda 105
Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Bejn issa u l-2040, is-suq tax-xogħol tal-Unjoni se jkun fih madwar miljun persuna inqas kull sena. Barra minn hekk, minbarra forza tax-xogħol li qed tonqos, xi reġjuni huma affettwati minn sehem żgħir u staġnat tal-popolazzjoni b'edukazzjoni terzjarja, li jagħmilha diffiċli li jiġi kkumpensat it-telf ta' ħaddiema permezz ta' produttività tax-xogħol ogħla. Dan se jżid il-pressjoni fuq il-mudell tal-benessri soċjali tal-Unjoni, u b'hekk ipoġġi s-sostenibbiltà u l-adegwatezza tagħha taħt pressjoni. Se jżid ukoll in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-suq tax-xogħol, u b'hekk ipoġġi pressjoni fuq it-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività. Għal xi setturi dan se jwassal għal pressjonijiet fuq il-kost lavorattiv. Huwa għalhekk li l-FSE jeħtieġ li jappoġġa żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, speċjalment tan-nisa u	(6) Bejn issa u l-2040, is-suq tax-xogħol tal-Unjoni se jkun fih madwar miljun persuna inqas kull sena. Barra minn hekk, minbarra forza tax-xogħol li qed tonqos, xi reġjuni huma affettwati minn sehem żgħir u staġnat tal-popolazzjoni b'edukazzjoni terzjarja, li jagħmilha diffiċli li jiġi kkumpensat it-telf ta' ħaddiema permezz ta' produttività tax-xogħol ogħla. Dan se jżid il-pressjoni fuq il-mudell tal-benessri soċjali tal-Unjoni, u b'hekk ipoġġi s-sostenibbiltà u l-adegwatezza tagħha taħt pressjoni. Se jżid ukoll in-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-suq tax-xogħol, u b'hekk ipoġġi pressjoni fuq it-tkabbir ekonomiku u l-kompetittività. Għal xi setturi dan se jwassal għal pressjonijiet fuq il-kost lavorattiv. Huwa għalhekk li l-FSE jeħtieġ li jappoġġa żieda fil-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, speċjalment tan-nisa u

ż-żgħażagħ, tal-persuni b'diżabbiltà, tal-komunitajiet Rom u jappoġġa lill-impjegaturi biex isibu l-persuni adatti għall-impjiegi disponibbli, jagħti s-setgħa lill-ħaddiema akbar fl-età b'miżuri xierqa tas-suq tax-xogħol u tal-post tax-xogħol, jiżgura forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati li tkun kapaċi tindirizza l-isfidi soċjetali ewlenin, u jappoġġa bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata inkluż billi jiżgura aċċess għal indukrar ta' kwalità tat-tfal.

ż-żgħażagħ, tal-persuni b'diżabbiltà, tal-komunitajiet Rom***, inklużi dawk li jgħixu f'żoni iżolati jew remoti u ż-żgħażagħ enklavati li jgħixu fiż-żoni okkupati tar-Repubblika ta' Ċipru.*** u jappoġġa lill-impjegaturi biex isibu l-persuni adatti għall-impjiegi disponibbli, jagħti s-setgħa lill-ħaddiema akbar fl-età b'miżuri xierqa tas-suq tax-xogħol u tal-post tax-xogħol, jiżgura forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati li tkun kapaċi tindirizza l-isfidi soċjetali ewlenin, u jappoġġa bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja privata inkluż billi jiżgura aċċess għal indukrar ta' kwalità tat-tfal.

Or. en

Emenda 106
Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marit Maij

Proposta għal regolament
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Barra minn hekk, fis-26 ta' Frar 2025, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni "Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni". Huwa vitali li jiġi rikonoxxut ir-rwol kritiku tal-ħiliet fl-iffaċilitar ta' tranżizzjoni b'suċċess lejn futur industrijali aktar nadif u aktar kompetittiv fl-Unjoni. L-iżvilupp ta' forza tax-xogħol b'ħiliet għolja huwa essenzjali biex jixpruna l-innovazzjoni u javvanza d-dekarbonizzazzjoni u ċ-ċirkolarità fl-industriji vitali. Din l-enfasi fuq it-tisħiħ tal-ħiliet hija kruċjali biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni ta' tranżizzjoni ġusta u biex tiġi sostnuta u msaħħa l-kompetittività globali tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-aċċess għar-riżorsi ambjentali u l-benefiċċji tagħhom mhuwiex imqassam b'mod ugwali fis-soċjetà kollha, kif inhuma wkoll il-perikli ambjentali u r-riskji għas-saħħa. Huwa aktar probabbli li jaqa' b'mod sproporzjonat fuq ***il-gruppi*** vulnerabbli.	(8) Barra minn hekk, fis-26 ta' Frar 2025, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni "Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni". Huwa vitali li jiġi rikonoxxut ir-rwol kritiku tal-ħiliet fl-iffaċilitar ta' tranżizzjoni b'suċċess ***u inklużiva*** lejn futur industrijali aktar nadif u aktar kompetittiv fl-Unjoni. L-iżvilupp ta' forza tax-xogħol b'ħiliet għolja huwa essenzjali biex jixpruna l-innovazzjoni u javvanza d-dekarbonizzazzjoni u ċ-ċirkolarità fl-industriji vitali. Din l-enfasi fuq it-tisħiħ tal-ħiliet hija kruċjali biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni ta' tranżizzjoni ġusta u biex tiġi sostnuta u msaħħa l-kompetittività globali tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-aċċess għar-riżorsi ambjentali u l-benefiċċji tagħhom mhuwiex imqassam b'mod ugwali fis-soċjetà kollha, kif inhuma wkoll il-perikli ambjentali u r-riskji għas-saħħa. Huwa aktar probabbli li jaqa' b'mod sproporzjonat fuq ***gruppi f'sitwazzjonijiet*** vulnerabbli.

Or. en

Emenda 128
Brigitte van den Berg, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Ciaran Mullooly, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Fis-26 ta' Frar 2026, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni tagħha dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

(IĊE) "Il-Vuċi Tiegħi l-Għażla Tiegħi: Għal Abort Sikur u Aċċessibbli", li ġabret 1,2 miljun firma. Id-Deċiżjoni tirrikonoxxi l-ħtieġa li l-abort mhux sikur jiġi indirizzat bħala problema serja tas-saħħa pubblika, li tista' twassal għal diversi forom ta' ħsara fiżika u stress mentali serju. Fit-tweġiba tagħha, il-Kummissjoni tissottolinja li l-Istati Membri jistgħu jużaw il-FSE+ biex itejbu l-aċċess ugwali għal servizzi tal-kura tas-saħħa legalment disponibbli u affordabbli, inklużi servizzi ta' abort sikur.

Or. en

Emenda 129
Grégory Allione, Valérie Devaux, Laurence Farreng, Hristo Petrov

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Fil-kuntest taż-żieda fid-diżastri relatati mal-klima u l-pressjoni dejjem akbar fuq is-sistemi ta' rispons ta' emerġenza, is-servizzi volontarji ta' emerġenza għandhom rwol essenzjali fit-tisħiħ tar-reżiljenza territorjali u l-koeżjoni soċjali, b'mod partikolari f'żoni rurali u remoti. Il-FSE jenħtieġ li għalhekk jappoġġa miżuri li għandhom l-għan li jippromwovu l-volontarjat, it-taħriġ u t-tiġdid ġenerazzjonali fis-servizzi ta' emerġenza u ta' protezzjoni ċivili.

Or. en

Emenda 130
Villy Søvndal, Kira Marie Peter-Hansen, Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) L-Unjoni tal-Ħiliet għandha l-għan li tappoġġa l-iżvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni, taħriġ u ħiliet ta' kwalità, inklużivi u adattabbli biex jiżdiedu l-kompetittività, it-tħejjija, is-sigurtà u d-demokrazija tal-Unjoni. Għalhekk, f'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, jenħtieġ li l-Unjoni tiżgura finanzjament suffiċjenti biex tibni pedamenti sodi tal-ħiliet u tippromwovi opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tul il-ħajja u orjentati lejn il-futur għal kulħadd, b'mod partikolari biex tindirizza l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika. Dan se jikkontribwixxi b'mod partikolari għall-ħiliet diġitali u għat-teknoloġiji abilitanti essenzjali iżda wkoll għall-ħiliet biex jiġu appoġġati s-setturi emerġenti, bil-ħsieb li n-nies jingħataw ħiliet aġġustati għad-diġitalizzazzjoni, għall-bidliet xprunati mit-teknoloġija u l-innovazzjoni, għall-bidla soċjali u ekonomika, għall-iffaċilitar tat-tranżizzjonijiet tal-karriera, għall-mobbiltà u għall-appoġġ b'mod partikolari għall-adulti b'livell baxx ta' ħiliet jew bi kwalifiki baxxi. F'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, l-allinjament tal-edukazzjoni mal-ħtiġijiet tal-industrija, u t-trawwim ta' sħubijiet fost l-istituzzjonijiet edukattivi, l-impjegaturi u l-awtoritajiet pubbliċi. Huwa meħtieġ ukoll li jittejbu ċ-ċirkolazzjoni u l-allokazzjoni adegwata tal-ħiliet fis-suq intern, inkluż permezz ta' portabbiltà aktar faċli tal-ħiliet, u li jkunu jistgħu jiġu attirati u jinżammu l-ħiliet fl-UE.	(9) L-Unjoni tal-Ħiliet għandha l-għan li tappoġġa l-iżvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni, taħriġ u ħiliet ta' kwalità, inklużivi u adattabbli biex jiżdiedu l-kompetittività, it-tħejjija, is-sigurtà u d-demokrazija tal-Unjoni. Għalhekk, f'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, jenħtieġ li l-Unjoni tiżgura finanzjament suffiċjenti biex tibni pedamenti sodi tal-ħiliet u tippromwovi opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tul il-ħajja u orjentati lejn il-futur għal kulħadd, ***filwaqt li tagħti attenzjoni speċifika lin-nisa u lil dawk li jiffaċċjaw diskriminazzjonijiet intersezzjonali u*** b'mod partikolari biex tindirizza l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika. Dan se jikkontribwixxi b'mod partikolari għall-ħiliet diġitali u għat-teknoloġiji abilitanti essenzjali iżda wkoll għall-ħiliet biex jiġu appoġġati s-setturi emerġenti, bil-ħsieb li n-nies jingħataw ħiliet aġġustati għad-diġitalizzazzjoni, għall-bidliet xprunati mit-teknoloġija u l-innovazzjoni, għall-bidla soċjali u ekonomika, għall-iffaċilitar tat-tranżizzjonijiet tal-karriera, għall-mobbiltà u għall-appoġġ b'mod partikolari ***għan-nisa u l-bniet,*** għall-adulti b'livell baxx ta' ħiliet jew bi kwalifiki baxxi***. F'dan il-kuntest, huwa għalhekk essenzjali li jiġu indirizzati l-istereotipi marbuta mal-ġeneru li jsawru perkorsi edukattivi u tal-karriera, kif ukoll li tiġi promossa l-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa f'dawk is-setturi, inkluż f'pożizzjonijiet ta' tmexxija u li jiġu indirizzati l-ostakli li għadhom jiffaċċjaw fl-aċċess għat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid diġitali u ekoloġiċi fis-suq tax-xogħol, inkluż billi jiġu appoġġati l-intraprenditorija, l-impjieg indipendenti u l-aċċess għall-finanzi tan-nisa***. F'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz tat-titjib

tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, l-allinjament tal-edukazzjoni mal-ħtiġijiet tal-industrija, u t-trawwim ta' sħubijiet fost l-istituzzjonijiet edukattivi, l-impjegaturi u l-awtoritajiet pubbliċi. Huwa meħtieġ ukoll li jittejbu ċ-ċirkolazzjoni u l-allokazzjoni adegwata tal-ħiliet fis-suq intern, inkluż permezz ta' portabbiltà aktar faċli tal-ħiliet ***iżda wkoll billi jiġu appoġġati l-validazzjoni u r-rikonoxximent għall-apprendiment preċedenti, u l-apprendiment mhux formali u informali***, u li jkunu jistgħu jiġu attirati u jinżammu l-ħiliet fl-UE***, filwaqt li jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u jiġu pprevenuti l-isfruttament tal-ħiliet u l-eżodu ta' mħuħ minn reġjuni inqas żviluppati***. ***Barra minn hekk, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li d-diskrepanzi fil-ħiliet bażiċi jingħalqu fl-etajiet kollha, u li jiġu pprovduti opportunitajiet inklużivi ta' apprendiment tul il-ħajja lil dawk l-aktar żvantaġġati fis-soċjetà.***

Or. en

Emenda 131
Hristo Petrov, Martin Hojsík, Brigitte van den Berg, Valérie Devaux, Grégory Allione

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) L-Unjoni tal-Ħiliet għandha l-għan li tappoġġa l-iżvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni, taħriġ u ħiliet ta' kwalità, inklużivi u adattabbli biex jiżdiedu l-kompetittività, it-tħejjija, is-sigurtà u d-demokrazija tal-Unjoni. Għalhekk, f'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, jenħtieġ li l-Unjoni tiżgura finanzjament suffiċjenti biex tibni pedamenti sodi tal-ħiliet u tippromwovi opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tul il-ħajja u orjentati lejn il-futur għal kulħadd, b'mod partikolari biex tindirizza l-isfidi tat-	(9) L-Unjoni tal-Ħiliet għandha l-għan li tappoġġa l-iżvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni, taħriġ u ħiliet ta' kwalità, inklużivi u adattabbli biex jiżdiedu l-kompetittività, it-tħejjija, is-sigurtà u d-demokrazija tal-Unjoni. Għalhekk, f'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, jenħtieġ li l-Unjoni tiżgura finanzjament suffiċjenti biex tibni pedamenti ***bażiċi*** sodi tal-ħiliet u tippromwovi opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tul il-ħajja u orjentati lejn il-futur għal kulħadd, b'mod partikolari biex tindirizza l-isfidi tat-

tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika. Dan se jikkontribwixxi b'mod partikolari għall-ħiliet diġitali u għat-teknoloġiji abilitanti essenzjali iżda wkoll għall-ħiliet biex jiġu appoġġati s-setturi emerġenti, bil-ħsieb li n-nies jingħataw ħiliet aġġustati għad-diġitalizzazzjoni, għall-bidliet xprunati mit-teknoloġija u l-innovazzjoni, għall-bidla soċjali u ekonomika, għall-iffaċilitar tat-tranżizzjonijiet tal-karriera, għall-mobbiltà u għall-appoġġ b'mod partikolari ***għall-adulti*** b'livell baxx ta' ħiliet jew bi kwalifiki baxxi. F'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, l-allinjament tal-edukazzjoni mal-ħtiġijiet tal-industrija, u t-trawwim ta' sħubijiet fost l-istituzzjonijiet edukattivi, l-impjegaturi u l-awtoritajiet pubbliċi. Huwa meħtieġ ukoll li jittejbu ċ-ċirkolazzjoni u l-allokazzjoni adegwata tal-ħiliet fis-suq intern, inkluż permezz ta' portabbiltà aktar faċli tal-ħiliet, u li jkunu jistgħu jiġu attirati u jinżammu l-ħiliet fl-UE.	tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika. Dan se jikkontribwixxi b'mod partikolari għall-ħiliet diġitali u għat-teknoloġiji abilitanti essenzjali iżda wkoll għall-ħiliet biex jiġu appoġġati s-setturi emerġenti, bil-ħsieb li n-nies jingħataw ħiliet aġġustati għad-diġitalizzazzjoni, għall-bidliet xprunati mit-teknoloġija u l-innovazzjoni, għall-bidla soċjali u ekonomika, għall-iffaċilitar tat-tranżizzjonijiet tal-karriera, għall-mobbiltà u għall-appoġġ b'mod partikolari ***għall-individwi*** b'livell baxx ta' ħiliet jew bi kwalifiki baxxi. F'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, l-allinjament tal-edukazzjoni ***u tat-taħriġ*** mal-ħtiġijiet tal-industrija, u t-trawwim ta' sħubijiet fost l-istituzzjonijiet edukattivi, l-impjegaturi***, l-atturi industrijali*** u l-awtoritajiet pubbliċi. Huwa meħtieġ ukoll li jittejbu ċ-ċirkolazzjoni u l-allokazzjoni adegwata tal-ħiliet fis-suq intern, inkluż permezz ta' portabbiltà aktar faċli tal-ħiliet, u li jkunu jistgħu jiġu attirati u jinżammu l-ħiliet fl-UE. ***Dawn l-isforzi jenħtieġ li jqisu l-ħtieġa li jittejbu l-opportunitajiet tal-edukazzjoni u jiġu mmodernizzati l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM), b'enfasi partikolari fuq in-nisa u l-bniet, sabiex jingħelbu d-differenzi attwali bejn il-ġeneri fil-forza tax-xogħol tal-oqsma STEM, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni usa' tan-nisa fil-qasam u jiġi ggarantit l-aċċess ugwali tagħhom għal dan is-settur.***
	Or. en

Emenda 132
Brigitte van den Berg, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) L-Unjoni tal-Ħiliet għandha l-għan li tappoġġa l-iżvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni, taħriġ u ħiliet ta' kwalità, inklużivi u adattabbli biex jiżdiedu l-kompetittività, it-tħejjija, is-sigurtà u d-demokrazija tal-Unjoni. Għalhekk, f'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, jenħtieġ li l-Unjoni tiżgura finanzjament suffiċjenti biex tibni pedamenti sodi tal-ħiliet u tippromwovi opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tul il-ħajja u orjentati lejn il-futur għal kulħadd, b'mod partikolari biex tindirizza l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika. Dan se jikkontribwixxi b'mod partikolari għall-ħiliet diġitali u għat-teknoloġiji abilitanti essenzjali iżda wkoll għall-ħiliet biex jiġu appoġġati s-setturi emerġenti, bil-ħsieb li n-nies jingħataw ħiliet aġġustati għad-diġitalizzazzjoni, għall-bidliet xprunati mit-teknoloġija u l-innovazzjoni, għall-bidla soċjali u ekonomika, għall-iffaċilitar tat-tranżizzjonijiet tal-karriera, għall-mobbiltà u għall-appoġġ b'mod partikolari għall-adulti b'livell baxx ta' ħiliet jew bi kwalifiki baxxi. F'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, l-allinjament tal-edukazzjoni mal-ħtiġijiet tal-industrija, u t-trawwim ta' sħubijiet fost l-istituzzjonijiet edukattivi, l-impjegaturi u l-awtoritajiet pubbliċi. Huwa meħtieġ ukoll li jittejbu ċ-ċirkolazzjoni u l-allokazzjoni adegwata tal-ħiliet fis-suq intern, inkluż permezz ta' portabbiltà aktar faċli tal-ħiliet, u li jkunu jistgħu jiġu attirati u jinżammu l-ħiliet fl-UE.	(9) L-Unjoni tal-Ħiliet għandha l-għan li tappoġġa l-iżvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni, taħriġ u ħiliet ta' kwalità, inklużivi u adattabbli biex jiżdiedu l-kompetittività, it-tħejjija, is-sigurtà u d-demokrazija tal-Unjoni. Għalhekk, f'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, jenħtieġ li l-Unjoni tiżgura finanzjament suffiċjenti biex tibni pedamenti sodi tal-ħiliet u tippromwovi opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tul il-ħajja u orjentati lejn il-futur għal kulħadd, b'mod partikolari biex tindirizza l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika. Dan se jikkontribwixxi b'mod partikolari għall-ħiliet diġitali u għat-teknoloġiji abilitanti essenzjali iżda wkoll għall-ħiliet biex jiġu appoġġati s-setturi emerġenti, bil-ħsieb li n-nies jingħataw ħiliet aġġustati għad-diġitalizzazzjoni, għall-bidliet xprunati mit-teknoloġija u l-innovazzjoni, għall-bidla soċjali u ekonomika, għall-iffaċilitar tat-tranżizzjonijiet tal-karriera, għall-mobbiltà u għall-appoġġ b'mod partikolari għall-adulti b'livell baxx ta' ħiliet jew bi kwalifiki baxxi. F'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, l-allinjament tal-edukazzjoni mal-ħtiġijiet tal-industrija, u t-trawwim ta' sħubijiet fost l-istituzzjonijiet edukattivi, l-impjegaturi u l-awtoritajiet pubbliċi. Huwa meħtieġ ukoll li jittejbu ċ-ċirkolazzjoni u l-allokazzjoni adegwata tal-ħiliet fis-suq intern, inkluż permezz ta' portabbiltà aktar faċli tal-ħiliet, u li jkunu jistgħu jiġu attirati u jinżammu l-ħiliet fl-UE. ***Dawn l-isforzi jenħtieġ li jqisu l-ħtieġa li jittejbu l-opportunitajiet tal-edukazzjoni u jiġu mmodernizzati l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fix-xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM), b'enfasi partikolari fuq in-nisa u l-bniet, sabiex jingħelbu d-differenzi attwali bejn il-ġeneri fil-forza***

tax-xogħol tal-oqsma STEM, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni usa' tan-nisa fil-qasam u jiġi ggarantit l-aċċess ugwali tagħhom għal dan is-settur.

Or. en

Emenda 133
Maravillas Abadía Jover, Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) L-Unjoni tal-Ħiliet għandha l-għan li tappoġġa l-iżvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni, taħriġ u ħiliet ta' kwalità, inklużivi u adattabbli biex jiżdiedu l-kompetittività, it-tħejjija, is-sigurtà u d-demokrazija tal-Unjoni. Għalhekk, f'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, jenħtieġ li l-Unjoni tiżgura finanzjament suffiċjenti biex tibni pedamenti sodi tal-ħiliet u tippromwovi opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tul il-ħajja u orjentati lejn il-futur għal kulħadd, b'mod partikolari biex tindirizza l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika. Dan se jikkontribwixxi b'mod partikolari għall-ħiliet diġitali u għat-teknoloġiji abilitanti essenzjali iżda wkoll għall-ħiliet biex jiġu appoġġati s-setturi emerġenti, bil-ħsieb li n-nies jingħataw ħiliet aġġustati għad-diġitalizzazzjoni, għall-bidliet xprunati mit-teknoloġija u l-innovazzjoni, għall-bidla soċjali u ekonomika, għall-iffaċilitar tat-tranżizzjonijiet tal-karriera, għall-mobbiltà u għall-appoġġ b'mod partikolari għall-adulti b'livell baxx ta' ħiliet jew bi kwalifiki baxxi. F'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, l-allinjament tal-edukazzjoni mal-ħtiġijiet tal-industrija, u t-trawwim ta' sħubijiet fost l-istituzzjonijiet	(9) L-Unjoni tal-Ħiliet għandha l-għan li tappoġġa l-iżvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni, taħriġ u ħiliet ta' kwalità, inklużivi u adattabbli biex jiżdiedu l-kompetittività, it-tħejjija***, l-opportunitajiet indaqs***, is-sigurtà u d-demokrazija tal-Unjoni. Għalhekk, f'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, jenħtieġ li l-Unjoni tiżgura finanzjament suffiċjenti biex tibni pedamenti sodi tal-ħiliet u tippromwovi opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tul il-ħajja u orjentati lejn il-futur għal kulħadd, b'mod partikolari biex tindirizza l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika. Dan se jikkontribwixxi b'mod partikolari għall-ħiliet diġitali u għat-teknoloġiji abilitanti essenzjali iżda wkoll għall-ħiliet biex jiġu appoġġati s-setturi emerġenti, bil-ħsieb li n-nies jingħataw ħiliet aġġustati għad-diġitalizzazzjoni, għall-bidliet xprunati mit-teknoloġija u l-innovazzjoni, għall-bidla soċjali u ekonomika, għall-iffaċilitar tat-tranżizzjonijiet tal-karriera, għall-mobbiltà u għall-appoġġ b'mod partikolari għall-adulti b'livell baxx ta' ħiliet jew bi kwalifiki baxxi. F'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, ***b'appoġġ imsaħħaħ u mmirat għal persuni f'sitwazzjonijiet***

edukattivi, l-impjegaturi u l-awtoritajiet pubbliċi. Huwa meħtieġ ukoll li jittejbu ċ-ċirkolazzjoni u l-allokazzjoni adegwata tal-ħiliet fis-suq intern, inkluż permezz ta' portabbiltà aktar faċli tal-ħiliet, u li jkunu jistgħu jiġu attirati u jinżammu l-ħiliet fl-UE.

vulnerabbli, biex jiġu indirizzati l-iżvantaġġi strutturali, l-allinjament tal-edukazzjoni mal-ħtiġijiet tal-industrija, u t-trawwim ta' sħubijiet fost l-istituzzjonijiet edukattivi, l-impjegaturi u l-awtoritajiet pubbliċi. Huwa meħtieġ ukoll li jittejbu ċ-ċirkolazzjoni u l-allokazzjoni adegwata tal-ħiliet fis-suq intern, inkluż permezz ta' portabbiltà aktar faċli tal-ħiliet, u li jkunu jistgħu jiġu attirati u jinżammu l-ħiliet fl-UE.

Or. en

Emenda 134
Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) L-Unjoni tal-Ħiliet għandha l-għan li tappoġġa l-iżvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni, taħriġ u ħiliet ta' kwalità, inklużivi u adattabbli biex jiżdiedu l-kompetittività, it-tħejjija, is-sigurtà u d-demokrazija tal-Unjoni. Għalhekk, f'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, jenħtieġ li l-Unjoni tiżgura finanzjament suffiċjenti biex tibni pedamenti sodi tal-ħiliet u tippromwovi opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tul il-ħajja u orjentati lejn il-futur għal kulħadd, b'mod partikolari biex tindirizza l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika. Dan se jikkontribwixxi b'mod partikolari għall-ħiliet diġitali u għat-teknoloġiji abilitanti essenzjali iżda wkoll għall-ħiliet biex jiġu appoġġati s-setturi emerġenti, bil-ħsieb li n-nies jingħataw ħiliet aġġustati għad-diġitalizzazzjoni, għall-bidliet xprunati mit-teknoloġija u l-innovazzjoni, għall-bidla soċjali u ekonomika, għall-iffaċilitar tat-tranżizzjonijiet tal-karriera, għall-mobbiltà u għall-appoġġ b'mod partikolari għall-adulti b'livell baxx ta' ħiliet jew bi	(9) L-Unjoni tal-Ħiliet għandha l-għan li tappoġġa l-iżvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni, taħriġ u ħiliet ta' kwalità, inklużivi u adattabbli biex jiżdiedu l-kompetittività, it-tħejjija***, l-opportunitajiet indaqs***, is-sigurtà u d-demokrazija tal-Unjoni. Għalhekk, f'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, jenħtieġ li l-Unjoni tiżgura finanzjament suffiċjenti biex tibni pedamenti sodi tal-ħiliet u tippromwovi opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tul il-ħajja u orjentati lejn il-futur għal kulħadd, ***mingħajr ma tinjora persuni f'sitwazzjoni vulnerabbli,*** b'mod partikolari biex tindirizza l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika. Dan se jikkontribwixxi b'mod partikolari għall-ħiliet diġitali u għat-teknoloġiji abilitanti essenzjali iżda wkoll għall-ħiliet biex jiġu appoġġati s-setturi emerġenti, bil-ħsieb li n-nies jingħataw ħiliet aġġustati għad-diġitalizzazzjoni, għall-bidliet xprunati mit-teknoloġija u l-innovazzjoni, għall-bidla soċjali u ekonomika, għall-iffaċilitar tat-tranżizzjonijiet tal-karriera, għall-

kwalifiki baxxi. F'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, l-allinjament tal-edukazzjoni mal-ħtiġijiet tal-industrija, u t-trawwim ta' sħubijiet fost l-istituzzjonijiet edukattivi, l-impjegaturi u l-awtoritajiet pubbliċi. Huwa meħtieġ ukoll li jittejbu ċ-ċirkolazzjoni u l-allokazzjoni adegwata tal-ħiliet fis-suq intern, inkluż permezz ta' portabbiltà aktar faċli tal-ħiliet, u li jkunu jistgħu jiġu attirati u jinżammu l-ħiliet fl-UE.

mobbiltà u għall-appoġġ b'mod partikolari għall-adulti b'livell baxx ta' ħiliet jew bi kwalifiki baxxi. F'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, l-allinjament tal-edukazzjoni mal-ħtiġijiet tal-industrija, u t-trawwim ta' sħubijiet fost l-istituzzjonijiet edukattivi, l-impjegaturi***, l-organizzazzjonijiet soċjali u ċivili*** u l-awtoritajiet pubbliċi. Huwa meħtieġ ukoll li jittejbu ċ-ċirkolazzjoni u l-allokazzjoni adegwata tal-ħiliet fis-suq intern, inkluż permezz ta' portabbiltà aktar faċli tal-ħiliet, u li jkunu jistgħu jiġu attirati u jinżammu l-ħiliet fl-UE.

Or. en

Emenda 135
Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marit Maij

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) L-Unjoni tal-Ħiliet għandha l-għan li tappoġġa l-iżvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni, taħriġ u ħiliet ta' kwalità, inklużivi u adattabbli biex jiżdiedu l-kompetittività, it-tħejjija, is-sigurtà u d-demokrazija tal-Unjoni. Għalhekk, f'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, jenħtieġ li l-Unjoni tiżgura finanzjament suffiċjenti biex tibni pedamenti sodi tal-ħiliet u tippromwovi opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tul il-ħajja u orjentati lejn il-futur għal kulħadd, b'mod partikolari biex tindirizza l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika. Dan se jikkontribwixxi b'mod partikolari għall-ħiliet diġitali u għat-teknoloġiji abilitanti essenzjali iżda wkoll għall-ħiliet biex jiġu appoġġati s-setturi emerġenti, bil-ħsieb li n-nies jingħataw ħiliet aġġustati għad-	(9) L-Unjoni tal-Ħiliet għandha l-għan li tappoġġa l-iżvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni, taħriġ u ħiliet ta' kwalità, inklużivi u adattabbli biex jiżdiedu l-kompetittività, it-tħejjija***, l-opportunitajiet indaqs***, is-sigurtà u d-demokrazija tal-Unjoni. Għalhekk, f'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, jenħtieġ li l-Unjoni tiżgura finanzjament suffiċjenti biex tibni pedamenti sodi tal-ħiliet u tippromwovi opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tul il-ħajja u orjentati lejn il-futur għal kulħadd, ***mingħajr ma tinjora persuni f'sitwazzjoni vulnerabbli,*** b'mod partikolari biex tindirizza l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika. Dan se jikkontribwixxi b'mod partikolari għall-ħiliet diġitali u għat-teknoloġiji abilitanti essenzjali iżda wkoll għall-ħiliet biex jiġu

diġitalizzazzjoni, għall-bidliet xprunati mit-teknoloġija u l-innovazzjoni, għall-bidla soċjali u ekonomika, għall-iffaċilitar tat-tranżizzjonijiet tal-karriera, għall-mobbiltà u għall-appoġġ b'mod partikolari għall-adulti b'livell baxx ta' ħiliet jew bi kwalifiki baxxi. F'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, l-allinjament tal-edukazzjoni mal-ħtiġijiet tal-industrija, u t-trawwim ta' sħubijiet fost l-istituzzjonijiet edukattivi, l-impjegaturi u l-awtoritajiet pubbliċi. Huwa meħtieġ ukoll li jittejbu ċ-ċirkolazzjoni u l-allokazzjoni adegwata tal-ħiliet fis-suq intern, inkluż permezz ta' portabbiltà aktar faċli tal-ħiliet, u li jkunu jistgħu jiġu attirati u jinżammu l-ħiliet fl-UE.

	appoġġati s-setturi emerġenti, bil-ħsieb li n-nies jingħataw ħiliet aġġustati għad-diġitalizzazzjoni, għall-bidliet xprunati mit-teknoloġija u l-innovazzjoni, għall-bidla soċjali u ekonomika, għall-iffaċilitar tat-tranżizzjonijiet tal-karriera, għall-mobbiltà u għall-appoġġ b'mod partikolari għall-adulti b'livell baxx ta' ħiliet jew bi kwalifiki baxxi. F'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, l-allinjament tal-edukazzjoni mal-ħtiġijiet tal-industrija, u t-trawwim ta' sħubijiet fost l-istituzzjonijiet edukattivi, l-impjegaturi***, l-organizzazzjonijiet soċjali u ċivili*** u l-awtoritajiet pubbliċi. Huwa meħtieġ ukoll li jittejbu ċ-ċirkolazzjoni u l-allokazzjoni adegwata tal-ħiliet fis-suq intern, inkluż permezz ta' portabbiltà aktar faċli tal-ħiliet, u li jkunu jistgħu jiġu attirati u jinżammu l-ħiliet fl-UE.

Or. en

Emenda 136
Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, João Oliveira, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) L-Unjoni tal-Ħiliet għandha l-għan li tappoġġa l-iżvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni, taħriġ u ħiliet ta' kwalità, inklużivi u adattabbli ***biex jiżdiedu l-kompetittività, it-tħejjija, is-sigurtà u d-demokrazija tal-Unjoni***. Għalhekk, f'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, jenħtieġ li l-Unjoni tiżgura finanzjament suffiċjenti biex tibni pedamenti sodi tal-ħiliet u tippromwovi opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tul il-ħajja u orjentati lejn il-futur għal kulħadd, b'mod	(9) L-Unjoni tal-Ħiliet għandha l-għan li tappoġġa l-iżvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni, taħriġ u ħiliet ta' kwalità, inklużivi u adattabbli. Għalhekk, f'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, jenħtieġ li l-Unjoni tiżgura finanzjament suffiċjenti biex tibni pedamenti sodi tal-ħiliet u tippromwovi opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tul il-ħajja u orjentati lejn il-futur għal kulħadd, ***b'appoġġ imsaħħaħ u mmirat għall-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, biex***

partikolari biex tindirizza l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika. Dan se jikkontribwixxi b'mod partikolari għall-ħiliet diġitali u għat-teknoloġiji abilitanti essenzjali iżda wkoll għall-ħiliet biex jiġu appoġġati s-setturi emerġenti, bil-ħsieb li n-nies jingħataw ħiliet aġġustati għad-diġitalizzazzjoni, għall-bidliet xprunati mit-teknoloġija u l-innovazzjoni, għall-bidla soċjali u ekonomika, għall-iffaċilitar tat-tranżizzjonijiet tal-karriera, għall-mobbiltà u għall-appoġġ b'mod partikolari ***għall-adulti b'livell baxx ta' ħiliet jew bi kwalifiki baxxi***. F'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema***, l-allinjament tal-edukazzjoni mal-ħtiġijiet tal-industrija***, u t-trawwim ta' sħubijiet fost l-istituzzjonijiet edukattivi, l-impjegaturi u l-awtoritajiet pubbliċi. Huwa meħtieġ ukoll li jittejbu ċ-ċirkolazzjoni u l-allokazzjoni adegwata tal-ħiliet fis-suq intern, inkluż permezz ta' portabbiltà aktar faċli tal-ħiliet, u li jkunu jistgħu ***jiġu attirati u*** jinżammu l-ħiliet fl-UE.

jiġu indirizzati l-iżvantaġġi strutturali u jiġu żgurati opportunitajiet indaqs, b'mod partikolari biex tindirizza l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika***, dejjem fuq bażi volontarja għall-ħaddiema***. Dan se jikkontribwixxi b'mod partikolari għall-ħiliet diġitali u għat-teknoloġiji abilitanti essenzjali iżda wkoll għall-ħiliet biex jiġu appoġġati s-setturi emerġenti, bil-ħsieb li n-nies jingħataw ħiliet aġġustati għad-diġitalizzazzjoni, għall-bidliet xprunati mit-teknoloġija u l-innovazzjoni, għall-bidla soċjali u ekonomika, għall-iffaċilitar tat-tranżizzjonijiet tal-karriera, għall-mobbiltà u għall-appoġġ b'mod partikolari ***dawk bl-għan li jirċievu taħriġ***. F'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, u t-trawwim ta' sħubijiet fost l-istituzzjonijiet edukattivi, l-impjegaturi u l-awtoritajiet pubbliċi. Huwa meħtieġ ukoll li jittejbu ċ-ċirkolazzjoni u l-allokazzjoni adegwata tal-ħiliet fis-suq intern, inkluż permezz ta' portabbiltà aktar faċli tal-ħiliet, u li jkunu jistgħu jinżammu l-ħiliet fl-UE.

Or. en

Emenda 137
Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) L-Unjoni tal-Ħiliet għandha l-għan li tappoġġa l-iżvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni, taħriġ u ħiliet ta' kwalità, inklużivi u adattabbli biex jiżdiedu l-kompetittività, it-tħejjija, is-sigurtà u d-demokrazija tal-Unjoni. Għalhekk, f'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, jenħtieġ li l-Unjoni tiżgura finanzjament	(9) L-Unjoni tal-Ħiliet għandha l-għan li tappoġġa l-iżvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni, taħriġ u ħiliet ta' kwalità, inklużivi u adattabbli biex jiżdiedu l-kompetittività, it-tħejjija, is-sigurtà u d-demokrazija tal-Unjoni. Għalhekk, f'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, jenħtieġ li l-Unjoni tiżgura finanzjament

suffiċjenti biex tibni pedamenti sodi tal-ħiliet u tippromwovi opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tul il-ħajja u orjentati lejn il-futur għal kulħadd, b'mod partikolari biex tindirizza l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika. Dan se jikkontribwixxi b'mod partikolari għall-ħiliet diġitali u għat-teknoloġiji abilitanti essenzjali iżda wkoll għall-ħiliet biex jiġu appoġġati s-setturi emerġenti, bil-ħsieb li n-nies jingħataw ħiliet aġġustati għad-diġitalizzazzjoni, għall-bidliet xprunati mit-teknoloġija u l-innovazzjoni, għall-bidla soċjali u ekonomika, għall-iffaċilitar tat-tranżizzjonijiet tal-karriera, għall-mobbiltà u għall-appoġġ b'mod partikolari għall-adulti b'livell baxx ta' ħiliet jew bi kwalifiki baxxi. F'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, l-allinjament tal-edukazzjoni mal-ħtiġijiet tal-industrija, u t-trawwim ta' sħubijiet fost l-istituzzjonijiet edukattivi, l-impjegaturi u l-awtoritajiet pubbliċi. Huwa meħtieġ ukoll li jittejbu ċ-ċirkolazzjoni u l-allokazzjoni adegwata tal-ħiliet fis-suq intern, inkluż permezz ta' portabbiltà aktar faċli tal-ħiliet, u li jkunu jistgħu jiġu attirati u jinżammu l-ħiliet fl-UE.	suffiċjenti biex tibni pedamenti sodi tal-ħiliet u tippromwovi opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tul il-ħajja u orjentati lejn il-futur għal kulħadd ***skont l-objettivi tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet***, b'mod partikolari biex tindirizza l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika. Dan se jikkontribwixxi b'mod partikolari għall-ħiliet diġitali u għat-teknoloġiji abilitanti essenzjali iżda wkoll għall-ħiliet biex jiġu appoġġati s-setturi emerġenti, bil-ħsieb li n-nies jingħataw ħiliet aġġustati għad-diġitalizzazzjoni, għall-bidliet xprunati mit-teknoloġija u l-innovazzjoni, għall-bidla soċjali u ekonomika, għall-iffaċilitar tat-tranżizzjonijiet tal-karriera, għall-mobbiltà u għall-appoġġ b'mod partikolari għall-adulti b'livell baxx ta' ħiliet jew bi kwalifiki baxxi. F'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, l-allinjament tal-edukazzjoni mal-ħtiġijiet tal-industrija, u t-trawwim ta' sħubijiet fost l-istituzzjonijiet edukattivi, l-impjegaturi u l-awtoritajiet pubbliċi. Huwa meħtieġ ukoll li jittejbu ċ-ċirkolazzjoni u l-allokazzjoni adegwata tal-ħiliet fis-suq intern, inkluż permezz ta' portabbiltà aktar faċli tal-ħiliet, u li jkunu jistgħu jiġu attirati u jinżammu l-ħiliet fl-UE.
	Or. en

Emenda 138
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) L-Unjoni tal-Ħiliet għandha l-għan li tappoġġa l-iżvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni, taħriġ u ħiliet ta' kwalità, inklużivi u adattabbli biex jiżdiedu l-	(9) L-Unjoni tal-Ħiliet għandha l-għan li tappoġġa l-iżvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni, taħriġ u ħiliet ta' kwalità, inklużivi u adattabbli biex jiżdiedu l-

kompetittività, it-tħejjija, is-sigurtà u d-demokrazija tal-Unjoni. Għalhekk, f'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, jenħtieġ li l-Unjoni tiżgura finanzjament suffiċjenti biex tibni pedamenti sodi tal-ħiliet u tippromwovi opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tul il-ħajja u orjentati lejn il-futur għal kulħadd***, b'mod partikolari biex tindirizza l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika***. Dan se jikkontribwixxi b'mod partikolari għall-ħiliet diġitali u għat-teknoloġiji abilitanti essenzjali iżda wkoll għall-ħiliet biex jiġu appoġġati s-setturi emerġenti, bil-ħsieb li n-nies jingħataw ħiliet aġġustati għad-diġitalizzazzjoni, għall-bidliet xprunati mit-teknoloġija u l-innovazzjoni, għall-bidla soċjali u ekonomika, għall-iffaċilitar tat-tranżizzjonijiet tal-karriera, għall-mobbiltà u għall-appoġġ b'mod partikolari għall-adulti b'livell baxx ta' ħiliet jew bi kwalifiki baxxi. F'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, l-isfidi ***tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika*** jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, l-allinjament tal-edukazzjoni mal-ħtiġijiet tal-industrija, u t-trawwim ta' sħubijiet fost l-istituzzjonijiet edukattivi, l-impjegaturi u l-awtoritajiet pubbliċi. Huwa meħtieġ ukoll li jittejbu ċ-ċirkolazzjoni u l-allokazzjoni adegwata tal-ħiliet fis-suq intern, inkluż permezz ta' portabbiltà aktar faċli tal-ħiliet, u li jkunu jistgħu jiġu attirati u jinżammu l-ħiliet fl-UE.	kompetittività, it-tħejjija, is-sigurtà u d-demokrazija tal-Unjoni. Għalhekk, f'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, jenħtieġ li l-Unjoni tiżgura finanzjament suffiċjenti biex tibni pedamenti sodi tal-ħiliet u tippromwovi opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tul il-ħajja u orjentati lejn il-futur għal kulħadd. Dan se jikkontribwixxi b'mod partikolari għall-ħiliet diġitali u għat-teknoloġiji abilitanti essenzjali iżda wkoll għall-ħiliet biex jiġu appoġġati s-setturi emerġenti, bil-ħsieb li n-nies jingħataw ħiliet aġġustati għad-diġitalizzazzjoni, għall-bidliet xprunati mit-teknoloġija u l-innovazzjoni, għall-bidla ***intraprenditorjali,*** soċjali u ekonomika, għall-iffaċilitar tat-tranżizzjonijiet tal-karriera, għall-mobbiltà u għall-appoġġ b'mod partikolari għall-adulti b'livell baxx ta' ħiliet jew bi kwalifiki baxxi. F'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, l-isfidi ***attwali*** jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, l-allinjament tal-edukazzjoni mal-ħtiġijiet tal-industrija, u t-trawwim ta' sħubijiet fost l-istituzzjonijiet edukattivi, l-impjegaturi u l-awtoritajiet pubbliċi***, filwaqt li tingħata prijorità lill-investimenti integrati fl-edukazzjoni vokazzjonali doppja u l-infrastruttura relatata tal-iskejjel vokazzjonali***. Huwa meħtieġ ukoll li jittejbu ċ-ċirkolazzjoni u l-allokazzjoni adegwata tal-ħiliet fis-suq intern, inkluż permezz ta' portabbiltà aktar faċli tal-ħiliet, u li jkunu jistgħu jiġu attirati u jinżammu l-ħiliet fl-UE.

Or. en

Emenda 139
Brigitte van den Berg, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) L-Unjoni tal-Ħiliet għandha l-għan li tappoġġa l-iżvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni, taħriġ u ħiliet ta' kwalità, inklużivi u adattabbli biex jiżdiedu l-kompetittività, it-tħejjija, is-sigurtà u d-demokrazija tal-Unjoni. Għalhekk, f'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, jenħtieġ li l-Unjoni tiżgura finanzjament suffiċjenti biex tibni pedamenti sodi tal-ħiliet u tippromwovi opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tul il-ħajja u orjentati lejn il-futur għal kulħadd, b'mod partikolari biex tindirizza l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika. Dan se jikkontribwixxi b'mod partikolari għall-ħiliet diġitali u għat-teknoloġiji abilitanti essenzjali iżda wkoll għall-ħiliet biex jiġu appoġġati s-setturi emerġenti, bil-ħsieb li n-nies jingħataw ħiliet aġġustati għad-diġitalizzazzjoni, għall-bidliet xprunati mit-teknoloġija u l-innovazzjoni, għall-bidla soċjali u ekonomika, għall-iffaċilitar tat-tranżizzjonijiet tal-karriera, għall-mobbiltà u għall-appoġġ b'mod partikolari għall-adulti b'livell baxx ta' ħiliet jew bi kwalifiki baxxi. F'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, l-allinjament tal-edukazzjoni mal-ħtiġijiet tal-industrija, u t-trawwim ta' sħubijiet fost l-istituzzjonijiet edukattivi, l-impjegaturi u l-awtoritajiet pubbliċi. Huwa meħtieġ ukoll li jittejbu ċ-ċirkolazzjoni u l-allokazzjoni adegwata tal-ħiliet fis-suq intern, inkluż permezz ta' portabbiltà aktar faċli tal-ħiliet, u li jkunu jistgħu jiġu attirati u jinżammu l-ħiliet fl-UE.	(9) L-Unjoni tal-Ħiliet għandha l-għan li tappoġġa l-iżvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni, taħriġ u ħiliet ta' kwalità, inklużivi u adattabbli biex jiżdiedu l-kompetittività, it-tħejjija, is-sigurtà u d-demokrazija tal-Unjoni. Għalhekk, f'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, jenħtieġ li l-Unjoni tiżgura finanzjament suffiċjenti biex tibni pedamenti sodi tal-ħiliet u tippromwovi opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tul il-ħajja ***u tal-VET*** u orjentati lejn il-futur għal kulħadd, b'mod partikolari biex tindirizza l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika. Dan se jikkontribwixxi b'mod partikolari għall-ħiliet diġitali u għat-teknoloġiji abilitanti essenzjali iżda wkoll għall-ħiliet biex jiġu appoġġati s-setturi emerġenti, bil-ħsieb li n-nies jingħataw ħiliet aġġustati għad-diġitalizzazzjoni, għall-bidliet xprunati mit-teknoloġija u l-innovazzjoni, għall-bidla soċjali u ekonomika, għall-iffaċilitar tat-tranżizzjonijiet tal-karriera, għall-mobbiltà u għall-appoġġ b'mod partikolari għall-adulti b'livell baxx ta' ħiliet jew bi kwalifiki baxxi. F'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, l-allinjament tal-edukazzjoni mal-ħtiġijiet tal-industrija, u t-trawwim ta' sħubijiet fost l-istituzzjonijiet edukattivi, l-impjegaturi u l-awtoritajiet pubbliċi. Huwa meħtieġ ukoll li jittejbu ċ-ċirkolazzjoni u l-allokazzjoni adegwata tal-ħiliet fis-suq intern, inkluż permezz ta' portabbiltà aktar faċli tal-ħiliet, u li jkunu jistgħu jiġu attirati u jinżammu l-ħiliet fl-UE.

Or. en

Emenda 140
Elena Donazzan, Chiara Gemma, Mariateresa Vivaldini, Lara Magoni

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) L-Unjoni tal-Ħiliet għandha l-għan li tappoġġa l-iżvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni, taħriġ u ħiliet ta' kwalità, inklużivi u adattabbli biex jiżdiedu l-kompetittività, it-tħejjija, is-sigurtà u d-demokrazija tal-Unjoni. Għalhekk, f'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, jenħtieġ li l-Unjoni tiżgura finanzjament suffiċjenti biex tibni pedamenti sodi tal-ħiliet u tippromwovi opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tul il-ħajja u orjentati lejn il-futur għal kulħadd, b'mod partikolari biex tindirizza l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali ***u dik ekoloġika***. Dan se jikkontribwixxi b'mod partikolari għall-ħiliet diġitali u għat-teknoloġiji abilitanti essenzjali iżda wkoll għall-ħiliet biex jiġu appoġġati s-setturi emerġenti, bil-ħsieb li n-nies jingħataw ħiliet aġġustati għad-diġitalizzazzjoni, għall-bidliet xprunati mit-teknoloġija u l-innovazzjoni, għall-bidla soċjali u ekonomika, għall-iffaċilitar tat-tranżizzjonijiet tal-karriera, għall-mobbiltà u għall-appoġġ b'mod partikolari għall-adulti b'livell baxx ta' ħiliet jew bi kwalifiki baxxi. F'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali ***u dik ekoloġika*** jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, l-allinjament tal-edukazzjoni mal-ħtiġijiet tal-industrija, u t-trawwim ta' sħubijiet fost l-istituzzjonijiet edukattivi, l-impjegaturi u l-awtoritajiet pubbliċi. Huwa meħtieġ ukoll li jittejbu ċ-ċirkolazzjoni u l-allokazzjoni adegwata tal-ħiliet fis-suq intern, inkluż permezz ta' portabbiltà aktar faċli tal-ħiliet, u li jkunu jistgħu jiġu attirati u jinżammu l-ħiliet fl-UE.	(9) L-Unjoni tal-Ħiliet għandha l-għan li tappoġġa l-iżvilupp ta' sistemi ta' edukazzjoni, taħriġ u ħiliet ta' kwalità, inklużivi u adattabbli biex jiżdiedu l-kompetittività, it-tħejjija, is-sigurtà u d-demokrazija tal-Unjoni. Għalhekk, f'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, jenħtieġ li l-Unjoni tiżgura finanzjament suffiċjenti biex tibni pedamenti sodi tal-ħiliet u tippromwovi opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid tul il-ħajja u orjentati lejn il-futur għal kulħadd, b'mod partikolari biex tindirizza l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali. Dan se jikkontribwixxi b'mod partikolari għall-ħiliet diġitali u għat-teknoloġiji abilitanti essenzjali iżda wkoll għall-ħiliet biex jiġu appoġġati s-setturi emerġenti, bil-ħsieb li n-nies jingħataw ħiliet aġġustati għad-diġitalizzazzjoni, għall-bidliet xprunati mit-teknoloġija u l-innovazzjoni, għall-bidla soċjali u ekonomika, għall-iffaċilitar tat-tranżizzjonijiet tal-karriera, għall-mobbiltà u għall-appoġġ b'mod partikolari għall-adulti b'livell baxx ta' ħiliet jew bi kwalifiki baxxi. F'konformità mal-Unjoni tal-Ħiliet, l-isfidi tat-tranżizzjoni diġitali jeħtieġ li jiġu indirizzati permezz tat-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema, l-allinjament tal-edukazzjoni mal-ħtiġijiet tal-industrija, u t-trawwim ta' sħubijiet fost l-istituzzjonijiet edukattivi, l-impjegaturi u l-awtoritajiet pubbliċi. Huwa meħtieġ ukoll li jittejbu ċ-ċirkolazzjoni u l-allokazzjoni adegwata tal-ħiliet fis-suq intern, inkluż permezz ta' portabbiltà aktar faċli tal-ħiliet, u li jkunu jistgħu jiġu attirati u jinżammu l-ħiliet fl-UE.

Or. it

Emenda 141
Hristo Petrov, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini, Brigitte van den Berg, Valérie Devaux, Grégory Allione

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Fis-6 ta' Mejju 2026, il-Kummissjoni Ewropea adottat l-ewwel Strateġija tal-UE Kontra l-Faqar, li tistabbilixxi qafas komprensiv li għandu l-għan li jipprevjeni u jiġġieled kontra l-faqar matul iċ-ċiklu tal-ħajja, bl-għan li jinqered il-faqar fl-UE sal-2050. Filwaqt li tibni fuq il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, l-Istrateġija tippromwovi approċċ integrat ibbażat fuq l-inklużjoni attiva, li jgħaqqad l-aċċess għal impjiegi ta' kwalità, appoġġ adegwat għall-introjtu, u servizzi affordabbli, aċċessibbli u ta' kwalità għolja. Dan jinkludi miżuri mmirati għat-tfal, iż-żgħażagħ, il-persuni fl-età tax-xogħol, u l-anzjani, filwaqt li jindirizza sfidi orizzontali bħad-diskriminazzjoni u l-istigma, l-esklużjoni mill-akkomodazzjoni, l-aċċess mhux ugwali għas-servizzi, u ż-żieda fl-għoli tal-ħajja. L-Istrateġija tenfasizza wkoll l-importanza li jissaħħu l-governanza, l-azzjoni koordinata fil-livelli kollha, u l-investiment pubbliku u privat sostenibbli, b'mod partikolari permezz tal-Fond Soċjali Ewropew Plus u l-istrumenti finanzjarji futuri tal-UE. B'mod partikolari, l-Istrateġija ssaħħaħ l-implimentazzjoni tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal[1a] permezz tal-Komunikazzjoni "Inkissru ċ-ċiklu tal-faqar fost it-tfal – Tisħiħ tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal", li għandha l-għan li tipprevjeni u tnaqqas il-faqar fost il-familji, ittejjeb l-aċċess għal servizzi ewlenin għat-tfal fil-bżonn, issaħħaħ is-sistemi ta' benefiċċji relatati mat-tfal, u ttejjeb il-koordinazzjoni bejn il-Garanzija Ewropea għat-Tfal u l-Garanzija għaż-Żgħażagħ, sabiex tappoġġa t-tranżizzjonijiet u tkisser iċ-

ċiklu interġenerazzjonali tal-faqar.

[1a] ĠU L 223, 22.6.2021, p. 14–23.

Or. en

Emenda 142
Maravillas Abadía Jover, Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Soċjali afferma mill-ġdid il-kontribut essenzjali tal-ekonomija soċjali għall-impjiegi, l-inklużjoni soċjali, ir-reżiljenza ekonomika u l-koeżjoni territorjali madwar l-Unjoni; billi l-entitajiet tal-ekonomija soċjali, inklużi l-kooperattivi, l-impriżi mutwi, il-fondazzjonijiet u l-intrapriżi soċjali, jikkontribwixxu għal tkabbir b'għeruq lokali, ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u innovazzjoni soċjali; billi l-Fond Soċjali Ewropew fl-ambitu tal-QFP li jmiss jenħtieġ li jkompli jappoġġa u jsaħħaħ l-ekonomija soċjali, b'mod partikolari billi jiffaċilita l-aċċess għall-finanzjament, l-iżvilupp tal-ħiliet, il-bini tal-kapaċitajiet u l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, speċjalment għall-gruppi vulnerabbli;

Or. en

Emenda 143
Brigitte van den Berg, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Premessa 9a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9a) Meta jitqiesu l-livelli persistenti ta' faqar u esklużjoni soċjali madwar l-Unjoni Ewropea, il-FSE jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni effettiva tal-oqfsa u l-miri tal-Unjoni li għandhom l-għan li jnaqqsu b'mod progressiv il-faqar u fl-aħħar mill-aħħar jeqirduh sal-2050. F'dan ir-rigward, l-interventi tal-FSE jenħtieġ li jappoġġaw it-twettiq tal-prinċipji stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, jikkontribwixxu għall-kisba tal-Miri Soċjali ta' Porto, u jsaħħu l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE Kontra l-Faqar, il-Garanzija Ewropea għat-Tfal u l-qafas strateġiku tal-UE għar-Rom.

Or. en

Emenda 144
Brigitte van den Berg, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Premessa 9b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(9b) It-titjib tal-portabbiltà tal-ħiliet, il-validazzjoni u r-rikonoxximent tal-ħiliet miksuba permezz ta' apprendiment informali jew mhux formali u r-rikonoxximent tal-kwalifiki huma miżuri ewlenin biex jinkisbu l-objettivi soċjali tal-FSE. Dawn isaħħu l-pożizzjoni tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol, speċjalment dawk bi kwalifiki tal-VET, iżidu l-mobbiltà matul żminijiet ta' tranżizzjoni, u jrawmu l-integrazzjoni tal-ħaddiema li jkunu kisbu kwalifiki formali f'pajjiżi oħra għajr fejn ikunu qed ifittxu xogħol. Il-promozzjoni ta' skemi li jappoġġaw dawn il-miżuri, inkluż billi jibnu fuq skemi li diġà jeżistu f'ċerti oqsma jew

f'reġjuni tal-fruntiera, jenħtieġ li tiġi appoġġata mill-FSE bħala forma ta' innovazzjoni soċjali jew mill-faċilità tal-UE taħt l-SNR.

Or. en

Emenda 145
Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Ir-Regolament (UE) [ir-Regolament SNR] jistabbilixxi r-regoli ġenerali dwar il-Pjan ta' Sħubija Reġjonali u Nazzjonali (il-"Pjan SNR") u jistabbilixxi, b'mod partikolari, l-objettivi li għandhom jiġu appoġġati mill-Pjanijiet ta' Sħubija Reġjonali u Nazzjonali u r-regoli dwar it-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-ġestjoni u l-kontroll ta' dawn il-Pjanijiet. ***L-FSE*** huwa wieħed mill-fondi preallokati nazzjonalment raggrupat taħt il-Pjan ta' Sħubija Reġjonali u Nazzjonali f'konformità mar-Regolament (UE) [...] [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR]. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi ċċarat l-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ tal-FSE fir-rigward tal-objettivi stabbiliti fir-Regolament SNR u li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-implimentazzjoni tal-FSE.	(10) Ir-Regolament (UE) [ir-Regolament SNR] jistabbilixxi r-regoli ġenerali dwar il-Pjan ta' Sħubija Reġjonali u Nazzjonali (il-"Pjan SNR") u jistabbilixxi, b'mod partikolari, l-objettivi li għandhom jiġu appoġġati mill-Pjanijiet ta' Sħubija Reġjonali u Nazzjonali u r-regoli dwar it-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-ġestjoni u l-kontroll ta' dawn il-Pjanijiet. ***Il-FSE*** huwa wieħed mill-fondi preallokati nazzjonalment raggrupat taħt il-Pjan ta' Sħubija Reġjonali u Nazzjonali f'konformità mar-Regolament (UE) [...] [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR]. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi ċċarat l-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ tal-FSE fir-rigward tal-objettivi stabbiliti fir-Regolament SNR u li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-implimentazzjoni tal-FSE. ***Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-UE 2028-2034 jenħtieġ li jiżgura l-eżistenza tal-Fond Soċjali Ewropew bħala programm indipendenti, b'linja baġitarja korrispondenti tiegħu u allokazzjoni ta' riżorsi adegwata biex jilħaq l-objettivi stabbiliti. Taħt l-ebda ċirkostanza l-FSE+ ma jista' jiġi soġġett għal tnaqqis, jonqos milli jilħaq l-objettivi ta' fondazzjoni tiegħu jew jitlef in-natura Ewropea tiegħu minħabba l-interessi differenti ta' kull***

wieħed mill-gvernijiet tal-Istati Membri.

Or. es

Emenda 146
Séverine Werbrouck, Mélanie Disdier

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) ***Ir-Regolament (UE) [ir-Regolament SNR] jistabbilixxi r-regoli ġenerali dwar il-Pjan ta' Sħubija Reġjonali u Nazzjonali (il-"Pjan SNR") u jistabbilixxi, b'mod partikolari, l-objettivi li għandhom jiġu appoġġati mill-Pjanijiet ta' Sħubija Reġjonali u Nazzjonali u r-regoli dwar it-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-ġestjoni u l-kontroll ta' dawn il-Pjanijiet. L-FSE*** huwa wieħed mill-fondi preallokati nazzjonalment ***raggrupat taħt il-Pjan ta' Sħubija Reġjonali u Nazzjonali f'konformità mar-Regolament (UE) [...]***. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi ċċarat l-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ tal-FSE ***fir-rigward tal-objettivi stabbiliti fir-Regolament SNR*** u li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-implimentazzjoni tal-FSE.	(10) ***Il-FSE*** huwa wieħed mill-fondi preallokati nazzjonalment. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi ċċarat l-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ tal-FSE u li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-implimentazzjoni tal-FSE.

Or. fr

Emenda 147
Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, João Oliveira, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Ir-Regolament (UE) [ir-Regolament SNR] jistabbilixxi r-regoli ġenerali dwar il-	(10) Ir-Regolament (UE) [ir-Regolament SNR] jistabbilixxi r-regoli ġenerali dwar il-

Pjan ta’ Sħubija Reġjonali u Nazzjonali (il-“Pjan SNR”) u jistabbilixxi, b’mod partikolari, l-objettivi li għandhom jiġu appoġġati mill-Pjanijiet ta’ Sħubija Reġjonali u Nazzjonali u r-regoli dwar it-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-ġestjoni u l-kontroll ta’ dawn il-Pjanijiet. ***L-FSE huwa wieħed mill-fondi preallokati nazzjonalment raggrupat taħt il-Pjan ta’ Sħubija Reġjonali u Nazzjonali f’konformità mar-Regolament (UE) [...] [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR]. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi ċċarat l-kamp ta’ applikazzjoni tal-appoġġ tal-FSE fir-rigward tal-objettivi stabbiliti fir-Regolament SNR u li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-implimentazzjoni tal-FSE.***	Pjan ta’ Sħubija Reġjonali u Nazzjonali (il-“Pjan SNR”) u jistabbilixxi, b’mod partikolari, l-objettivi li għandhom jiġu appoġġati mill-Pjanijiet ta’ Sħubija Reġjonali u Nazzjonali u r-regoli dwar it-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-ġestjoni u l-kontroll ta’ dawn il-Pjanijiet.
	Or. en

Emenda 148
Brigitte van den Berg, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Ir-Regolament (UE) [ir-Regolament SNR] jistabbilixxi r-regoli ġenerali dwar il-Pjan ta’ Sħubija Reġjonali u Nazzjonali (il-“Pjan SNR”) u jistabbilixxi, b’mod partikolari, l-objettivi li għandhom jiġu appoġġati mill-Pjanijiet ta’ Sħubija Reġjonali u Nazzjonali u r-regoli dwar it-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-ġestjoni u l-kontroll ta’ dawn il-Pjanijiet. ***L-FSE*** huwa wieħed mill-fondi preallokati nazzjonalment ***raggrupat*** taħt il-Pjan ta’ Sħubija Reġjonali u Nazzjonali f’konformità mar-Regolament (UE) [...] [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR]. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi ċċarat l-kamp ta’ applikazzjoni tal-appoġġ tal-FSE ***fir-rigward tal-objettivi*** stabbiliti fir-	(10) Ir-Regolament (UE) [ir-Regolament SNR] jistabbilixxi r-regoli ġenerali dwar il-Pjan ta’ Sħubija Reġjonali u Nazzjonali (il-“Pjan SNR”) u jistabbilixxi, b’mod partikolari, l-objettivi li għandhom jiġu appoġġati mill-Pjanijiet ta’ Sħubija Reġjonali u Nazzjonali u r-regoli dwar it-tħejjija, l-implimentazzjoni, il-ġestjoni u l-kontroll ta’ dawn il-Pjanijiet. ***Il-FSE*** huwa wieħed mill-fondi preallokati nazzjonalment ***delimitati*** taħt il-Pjan ta’ Sħubija Reġjonali u Nazzjonali f’konformità mar-Regolament (UE) [...] [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR]. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi ċċarat l-kamp ta’ applikazzjoni tal-appoġġ***, l-objettivi speċifiċi u l-konċentrazzjonijiet***

Regolament SNR u li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-implimentazzjoni tal-FSE.	***tematiċi*** tal-FSE ***li jikkomplementaw l-objettivi*** stabbiliti fir-Regolament SNR u li jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-implimentazzjoni tal-FSE.

Or. en

Emenda 149
Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Filwaqt li r-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR] jistabbilixxi qafas komuni, il-Fond Soċjali Ewropew (FSE), li huwa bbażat fuq l-Artikoli 162 u 164 tat-TFUE u huwa l-istrument finanzjarju ewlieni tal-UE għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u l-kontribut għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali f'konformità mal-Artikolu 174 tat-TFUE, jenħtieġ li jibqa' programm separat u awtonomu kif kien il-każ sa issa. Iż-żamma tal-qafas legali tiegħu stess hija importanti biex jiġu żgurati r-responsabbiltà u t-trasparenza u biex il-Parlament ikun jista' jeżerċita bis-shih is-setgħat ta' skrutinju u ta' kontroll baġitarju tiegħu. Il-FSE jikkontribwixxi wkoll għas-simplifikazzjoni u aċċess aktar sempliċi għall-benefiċjarji finali filwaqt li jrawwem implimentazzjoni effettiva u jillimita r-riallokazzjonijiet tar-riżorsi li jistgħu jimminaw il-kisba tal-objettivi speċifiċi tiegħu.

Or. en

Emenda 150
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Premessa 10a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) Sabiex jiġi żgurat l-użu effiċjenti tar-riżorsi tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu evitati d-duplikazzjonijiet u r-riskji ta' finanzjament doppju bejn il-FSE u strumenti oħra. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti delineazzjoni ċara u mekkaniżmi ta' komplementarjetà.

Or. en

Emenda 151
Séverine Werbrouck, Margarita de la Pisa Carrión, Mélanie Disdier, Pál Szekeres

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Għal implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati mill-Pjan SNR, inkluż l-FSE, hemm bżonn governanza tajba u sħubija bejn l-atturi kollha fil-livelli territorjali rilevanti u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 152
Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, João Oliveira, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Għal implimentazzjoni effiċjenti u	(11) Għal implimentazzjoni effiċjenti**,**

effettiva ***tal-azzjonijiet appoġġati mill-Pjan SNR, inkluż l-FSE***, hemm bżonn governanza tajba u sħubija bejn l-atturi kollha fil-livelli territorjali rilevanti u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

trasparenti, inklużiva u effettiva ***tal-FSE***, hemm bżonn ***strutturi ta'*** governanza tajba ***u ddedikati, b'awtoritajiet ta' ġestjoni identifikati b'mod ċar, immexxija mill-Ministeri rilevanti speċjalizzati fl-inklużjoni tax-xogħol u dik soċjali,*** sħubija bejn l-atturi kollha fil-livelli territorjali rilevanti u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. ***Dawn l-organizzazzjonijiet urew ir-rwol ewlieni tagħhom fl-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-FSE b'mod effiċjenti u li jħalli impatt billi jilħqu gruppi vulnerabbli, u għalhekk jenħtieġ li jiġu ttrattati b'mod differenti minn operaturi pubbliċi oħra sabiex jappoġġaw il-ħidma tagħhom, permezz tat-titjib tal-kundizzjonijiet finanzjarji tal-programmi li jimplimentaw, u dan għandu jinkludi rata ta' prefinanzjament inizjali ta' 30 % tal-baġit tal-programm.***

Or. en

Emenda 153
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Għal implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati ***mill-Pjan SNR, inkluż l-FSE***, hemm bżonn governanza tajba u sħubija bejn l-atturi kollha fil-livelli territorjali rilevanti u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.	(11) Għal implimentazzjoni effiċjenti***, trasparenti, inklużiva*** u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati ***mill-FSE***, hemm bżonn governanza tajba ***li tiżgura strutturi ta' governanza ddedikati, b'awtoritajiet ta' ġestjoni identifikati b'mod ċar, immexxija mill-Ministeri rilevanti li jispeċjalizzaw fl-inklużjoni tax-xogħol u dik soċjali*** u sħubija bejn l-atturi kollha fil-livelli territorjali rilevanti u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Or. en

Emenda 154
Elena Donazzan, Chiara Gemma, Mariateresa Vivaldini, Lara Magoni

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Għal implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati mill-Pjan SNR, inkluż ***l-FSE***, hemm bżonn governanza tajba u sħubija bejn l-atturi kollha fil-livelli territorjali rilevanti u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.	(11) Għal implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati mill-Pjan SNR, inkluż ***il-FSE***, hemm bżonn governanza tajba u sħubija bejn l-atturi kollha fil-livelli territorjali rilevanti u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili***, filwaqt li jiġi żgurat involviment strutturat, kontinwu u sostanzjali ta' dawn l-atturi matul iċ-ċiklu kollu ta' programmazzjoni, implimentazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni***.

Or. it

Emenda 155
Maravillas Abadía Jover, Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Għal implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati mill-Pjan SNR, inkluż ***l-FSE***, hemm bżonn governanza tajba u sħubija bejn l-atturi kollha fil-livelli territorjali rilevanti u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.	(11) Għal implimentazzjoni effiċjenti***, trasparenti*** u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati mill-Pjan SNR, inkluż ***il-FSE***, hemm bżonn governanza tajba ***li tiżgura strutturi ta' governanza ddedikati, b'awtoritajiet ta' ġestjoni identifikati b'mod ċar, immexxija mill-Ministeri rilevanti*** u sħubija bejn l-atturi kollha fil-livelli territorjali rilevanti u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà

ċivili.

Or. en

Emenda 156
Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marit Maij

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Għal implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati ***mill-Pjan SNR, inkluż l-FSE***, hemm bżonn governanza tajba u sħubija bejn l-atturi kollha fil-livelli territorjali rilevanti u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.	(11) Għal implimentazzjoni effiċjenti***, trasparenti, inklużiva*** u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati ***mill-FSE***, hemm bżonn governanza tajba ***li tiżgura strutturi ta' governanza ddedikati, b'awtoritajiet ta' ġestjoni identifikati b'mod ċar,*** u sħubija bejn l-atturi kollha fil-livelli territorjali rilevanti u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Or. en

Emenda 157
Miriam Lexmann

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Għal implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati mill-Pjan SNR, inkluż ***l-FSE***, hemm bżonn governanza tajba u sħubija ***bejn*** l-atturi kollha ***fil-livelli territorjali rilevanti*** u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.	(11) Għal implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati mill-Pjan SNR, inkluż ***il-FSE***, hemm bżonn governanza tajba u ***prinċipju ta'*** sħubija ***msaħħaħ fost*** l-atturi kollha ***b'attenzjoni speċjali għas-sħubija mal-atturi reġjonali u lokali*** u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Or. en

Emenda 158
Grégory Allione, Valérie Devaux, Laurence Farreng, Hristo Petrov, Martin Hojsík

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Għal implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati mill-Pjan SNR, inkluż ***l-FSE***, hemm bżonn governanza tajba u sħubija bejn l-atturi kollha fil-livelli territorjali rilevanti u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.	(11) Għal implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati mill-Pjan SNR, inkluż ***il-FSE***, hemm bżonn governanza tajba u sħubija bejn l-atturi kollha fil-livelli territorjali rilevanti ***b'mod partikolari awtoritajiet lokal u reġjonali,*** u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Or. en

Emenda 159
Brigitte van den Berg, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Għal implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati mill-Pjan SNR, inkluż ***l-FSE***, hemm bżonn governanza tajba u sħubija bejn l-atturi kollha fil-livelli territorjali rilevanti u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.	(11) Għal implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati mill-Pjan SNR, inkluż ***il-FSE***, hemm bżonn governanza tajba u ***implimentazzjoni effettiva tal-prinċipju ta'*** sħubija bejn l-atturi kollha fil-livelli territorjali rilevanti u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Or. en

Emenda 160
Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marit Maij

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jissaħħu s-soċjetajiet tal-Ewropa u l-mudell Soċjali tal-Ewropa, l-Istati Membri ***jenħtieġ li jallokaw ammont minimu ta' riżorsi taħt il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom adottati f'konformità mar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR]*** għall-FSE***. In-natura diversa u s-severità tal-isfidi soċjoekonomiċi differenti fl-Istati Membri jeħtieġu approċċ aktar flessibbli għall-programmazzjoni. Filwaqt li*** huwa meħtieġ livell minimu ta' appoġġ għall-politiki soċjali biex tiġi żgurata azzjoni proporzjonata għal dawn l-isfidi, jeħtieġ ukoll li jkun jikkorrispondi mill-qrib mal-karatteristiċi nazzjonali u reġjonali. ***Is-sorsi sottostanti ta' disparitajiet jew problemi soċjali jeħtieġ li jinfurmaw l-importanza relattiva mogħtija lill-investimenti u r-riformi fil-qasam tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-FSE. Dan jimplika li s-salvagwardji tal-politika permezz ta' konċentrazzjoni tematika jenħtieġ li jirriżultaw mill-involviment bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. L-ammont minimu tal-FSE jrid isib ukoll il-bilanċ bejn l-interess strateġiku li l-Unjoni għandha fl-investiment fin-nies tagħha, u b'hekk fil-kwalità tal-provvista tax-xogħol kif ukoll fil-progress soċjali, u fl-istess ħin il-ħtiġijiet ta' investiment koperti minn objettivi*** speċifiċi ***oħra elenkati fl-Artikolu 3 tar-[Regolament dwar il-Pjan SNR]***.	(12) Sabiex jissaħħu s-soċjetajiet tal-Ewropa u l-mudell Soċjali tal-Ewropa, l-Istati Membri ***ġew allokati pakkett finanzjarju ddedikat*** għall-FSE ***biex jiġi żgurat programm awtonomu u separat għall-promozzjoni ta' konverġenza soċjali 'l fuq, impjiegi ġusti u ta' kwalità u opportunitajiet indaqs, iggwidat mill-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.*** Huwa meħtieġ ***mill-inqas*** livell minimu ta' appoġġ għall-politiki soċjali biex tiġi żgurata azzjoni proporzjonata għal dawn l-isfidi, ***li*** jeħtieġ ukoll li jkun jikkorrispondi mill-qrib mal-karatteristiċi nazzjonali u reġjonali ***filwaqt li jitqiesu l-objettivi*** speċifiċi ***tal-FSE***.

Or. en

Emenda 161
Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jissaħħu s-soċjetajiet tal-Ewropa u l-mudell Soċjali tal-Ewropa, l-Istati Membri ***jenħtieġ li jallokaw ammont minimu ta' riżorsi taħt il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom adottati f'konformità mar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR]*** għall-FSE***. In-natura diversa u s-severità tal-isfidi soċjoekonomiċi differenti fl-Istati Membri jeħtieġu approċċ aktar flessibbli għall-programmazzjoni. Filwaqt li*** huwa meħtieġ livell minimu ta' appoġġ għall-politiki soċjali biex tiġi żgurata azzjoni proporzjonata għal dawn l-isfidi, jeħtieġ ukoll li jkun jikkorrispondi mill-qrib mal-karatteristiċi nazzjonali u reġjonali. ***Is-sorsi sottostanti ta' disparitajiet jew problemi soċjali jeħtieġ li jinfurmaw l-importanza relattiva mogħtija lill-investimenti u r-riformi fil-qasam tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-FSE. Dan jimplika li s-salvagwardji tal-politika permezz ta' konċentrazzjoni tematika jenħtieġ li jirriżultaw mill-involviment bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. L-ammont minimu tal-FSE jrid isib ukoll il-bilanċ bejn l-interess strateġiku li l-Unjoni għandha fl-investiment fin-nies tagħha, u b'hekk fil-kwalità tal-provvista tax-xogħol kif ukoll fil-progress soċjali, u fl-istess ħin il-ħtiġijiet ta' investiment koperti minn objettivi*** speċifiċi ***oħra elenkati fl-Artikolu 3 tar-[Regolament dwar il-Pjan SNR]***.	(12) Sabiex jissaħħu s-soċjetajiet tal-Ewropa u l-mudell Soċjali tal-Ewropa, l-Istati Membri ***ġew allokati pakkett finanzjarju ddedikat*** għall-FSE ***biex jiġi żgurat programm awtonomu u separat għall-promozzjoni ta' konverġenza soċjali 'l fuq, impjiegi ġusti u ta' kwalità u opportunitajiet indaqs, iggwidat mill-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.*** Huwa meħtieġ ***mill-inqas*** livell minimu ta' appoġġ għall-politiki soċjali biex tiġi żgurata azzjoni proporzjonata għal dawn l-isfidi, ***li*** jeħtieġ ukoll li jkun jikkorrispondi mill-qrib mal-karatteristiċi nazzjonali u reġjonali ***filwaqt li jitqiesu l-objettivi*** speċifiċi ***tal-FSE***.

Or. en

Emenda 162
Séverine Werbrouck, Margarita de la Pisa Carrión, Mélanie Disdier, Pál Szekeres

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(12) Sabiex jissaħħu s-soċjetajiet ***tal-Ewropa u l-mudell Soċjali tal-Ewropa, l-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw ammont minimu ta' riżorsi taħt il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom adottati f'konformità mar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR] għall-FSE.*** In-natura diversa u s-severità tal-isfidi soċjoekonomiċi differenti fl-Istati Membri jeħtieġu approċċ aktar flessibbli għall-programmazzjoni. ***Filwaqt li huwa meħtieġ livell minimu ta' appoġġ għall-politiki soċjali biex tiġi żgurata azzjoni proporzjonata għal dawn l-isfidi, jeħtieġ ukoll li jkun jikkorrispondi mill-qrib mal-karatteristiċi nazzjonali u reġjonali. Is-sorsi sottostanti ta' disparitajiet jew problemi soċjali jeħtieġ li jinfurmaw l-importanza relattiva mogħtija lill-investimenti u r-riformi fil-qasam tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-FSE. Dan jimplika li s-salvagwardji tal-politika permezz ta' konċentrazzjoni tematika jenħtieġ li jirriżultaw mill-involviment bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. L-ammont minimu tal-FSE jrid isib ukoll il-bilanċ bejn l-interess strateġiku li l-Unjoni għandha fl-investiment fin-nies tagħha, u b'hekk fil-kwalità tal-provvista tax-xogħol kif ukoll fil-progress soċjali, u fl-istess ħin il-ħtiġijiet ta' investiment koperti minn objettivi speċifiċi oħra elenkati fl-Artikolu 3 tar-[Regolament dwar il-Pjan SNR]***.	(12) Sabiex jissaħħu s-soċjetajiet ***u jitqiesu l-persuni l-aktar esposti għall-faqar, u titqies in-natura partikolari u strateġika tal-investiment fil-ħiliet u l-investimenti soċjali. Titqies ukoll*** in-natura diversa u s-severità tal-isfidi soċjoekonomiċi differenti fl-Istati Membri jeħtieġu approċċ aktar flessibbli għall-programmazzjoni. ***Għalhekk jeħtieġ li l-ammonti allokati taħt il-FSE jingħataw fuq mudell ibbażat fuq il-kostijiet u mhux il-prestazzjoni. Dan il-mudell biss se jippermetti li jitqiesu f'daqqa l-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri, in-natura strateġika u xi drabi n-natura li ma titkejjilx ta' dan it-tip ta' investiment, u finalment in-natura li jrid jibqa' bbażat fuq rakkomandazzjonijiet fir-rigward ta' riformi leġiżlattivi***.
	Or. fr

Emenda 163
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jissaħħu s-soċjetajiet tal-Ewropa u l-mudell Soċjali tal-Ewropa, l-	(12) Sabiex jissaħħu s-soċjetajiet tal-Ewropa u l-mudell Soċjali tal-Ewropa, l-

Istati Membri jenħtieġ li jallokaw ***ammont minimu*** ta' riżorsi taħt il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom adottati f'konformità mar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR] għall-FSE. In-natura diversa u s-severità tal-isfidi soċjoekonomiċi differenti fl-Istati Membri jeħtieġu approċċ aktar flessibbli għall-programmazzjoni. Filwaqt li huwa meħtieġ livell minimu ta' appoġġ għall-politiki soċjali biex tiġi żgurata azzjoni proporzjonata għal dawn l-isfidi, jeħtieġ ukoll li jkun jikkorrispondi mill-qrib mal-karatteristiċi nazzjonali u reġjonali. Is-sorsi sottostanti ta' disparitajiet jew problemi soċjali jeħtieġ li jinfurmaw l-importanza relattiva mogħtija lill-investimenti u r-riformi fil-qasam tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-FSE. Dan jimplika li s-salvagwardji tal-politika permezz ta' konċentrazzjoni tematika jenħtieġ li jirriżultaw mill-involviment bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. L-ammont minimu tal-FSE jrid isib ukoll il-bilanċ bejn l-interess strateġiku li l-Unjoni għandha fl-investiment fin-nies tagħha, u b'hekk fil-kwalità tal-provvista tax-xogħol kif ukoll fil-progress soċjali, u fl-istess ħin il-ħtiġijiet ta' investiment koperti minn objettivi speċifiċi oħra elenkati fl-Artikolu 3 tar-[Regolament dwar il-Pjan SNR].	Istati Membri jenħtieġ li jallokaw ***sehem xieraq u flessibbli*** ta' riżorsi taħt il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom adottati f'konformità mar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR] għall-FSE***. Minħabba d-diversità tal-livell ta' żvilupp fir-reġjuni u r-realtajiet soċjali differenti madwar l-Ewropa, tali allokazzjonijiet għandhom iqisu l-kundizzjonijiet soċjoekonomiċi u l-istrutturi tas-suq tax-xogħol nazzjonali u reġjonali, u ma għandhomx jimponu limiti minimi obbligatorji riġidi***. In-natura diversa u s-severità tal-isfidi soċjoekonomiċi differenti fl-Istati Membri jeħtieġu approċċ aktar flessibbli għall-programmazzjoni. Filwaqt li huwa meħtieġ livell minimu ta' appoġġ għall-politiki soċjali biex tiġi żgurata azzjoni proporzjonata għal dawn l-isfidi, jeħtieġ ukoll li jkun jikkorrispondi mill-qrib mal-karatteristiċi nazzjonali u reġjonali. Is-sorsi sottostanti ta' disparitajiet jew problemi soċjali jeħtieġ li jinfurmaw l-importanza relattiva mogħtija lill-investimenti u r-riformi fil-qasam tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-FSE. Dan jimplika li s-salvagwardji tal-politika permezz ta' konċentrazzjoni tematika jenħtieġ li jirriżultaw mill-involviment bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. L-ammont minimu tal-FSE jrid isib ukoll il-bilanċ bejn l-interess strateġiku li l-Unjoni għandha fl-investiment fin-nies tagħha, u b'hekk fil-kwalità tal-provvista tax-xogħol kif ukoll fil-progress soċjali, u fl-istess ħin il-ħtiġijiet ta' investiment koperti minn objettivi speċifiċi oħra elenkati fl-Artikolu 3 tar-[Regolament dwar il-Pjan SNR].
	Or. en

Emenda 164
Elena Donazzan, Chiara Gemma, Mariateresa Vivaldini, Lara Magoni

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jissaħħu s-soċjetajiet tal-Ewropa u l-mudell Soċjali tal-Ewropa, l-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw ammont minimu ta' riżorsi taħt il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom adottati f'konformità mar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR] għall-FSE. In-natura diversa u s-severità tal-isfidi soċjoekonomiċi differenti fl-Istati Membri jeħtieġu approċċ aktar flessibbli għall-programmazzjoni. Filwaqt li huwa meħtieġ livell minimu ta' appoġġ għall-politiki soċjali biex tiġi żgurata azzjoni proporzjonata għal dawn l-isfidi; jeħtieġ ukoll li jkun jikkorrispondi mill-qrib mal-karatteristiċi nazzjonali u reġjonali Is-sorsi sottostanti ta' disparitajiet jew problemi soċjali jeħtieġ li jinfurmaw l-importanza relattiva mogħtija lill-investimenti u r-riformi fil-qasam tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-FSE. Dan jimplika li s-salvagwardji tal-politika permezz ta' konċentrazzjoni tematika jenħtieġ li jirriżultaw mill-involviment bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. L-ammont minimu tal-FSE jrid isib ukoll il-bilanċ bejn l-interess strateġiku li l-Unjoni għandha fl-investiment fin-nies tagħha, u b'hekk fil-kwalità tal-provvista tax-xogħol kif ukoll fil-progress soċjali, u fl-istess ħin il-ħtiġijiet ta' investiment koperti minn objettivi speċifiċi oħra elenkati fl-Artikolu 3 tar-[Regolament dwar il-Pjan SNR].	(12) Sabiex jissaħħu s-soċjetajiet tal-Ewropa u l-mudell Soċjali tal-Ewropa, l-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw ammont minimu ta' riżorsi taħt il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom adottati f'konformità mar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR] għall-FSE. In-natura diversa u s-severità tal-isfidi soċjoekonomiċi differenti fl-Istati Membri ***u, bejn ir-reġjuni, fl-Istati Membri,*** jeħtieġu approċċ aktar flessibbli għall-programmazzjoni***, ibbażat fuq analiżi territorjali tal-ħtiġijiet u l-involviment effettiv tal-awtoritajiet lokali, is-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili***. Filwaqt li huwa meħtieġ livell minimu ta' appoġġ għall-politiki soċjali biex tiġi żgurata azzjoni proporzjonata għal dawn l-isfidi; jeħtieġ ukoll li jkun jikkorrispondi mill-qrib mal-karatteristiċi nazzjonali u reġjonali Is-sorsi sottostanti ta' disparitajiet jew problemi soċjali jeħtieġ li jinfurmaw l-importanza relattiva mogħtija lill-investimenti u r-riformi fil-qasam tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-FSE. Dan jimplika li s-salvagwardji tal-politika permezz ta' konċentrazzjoni tematika jenħtieġ li jirriżultaw mill-involviment bejn ***l-awtoritajiet ta' ġestjoni reġjonali,*** l-Istati Membri u l-Kummissjoni. L-ammont minimu tal-FSE jrid isib ukoll il-bilanċ bejn l-interess strateġiku li l-Unjoni għandha fl-investiment fin-nies tagħha, u b'hekk fil-kwalità tal-provvista tax-xogħol kif ukoll fil-progress soċjali, u fl-istess ħin il-ħtiġijiet ta' investiment koperti minn objettivi speċifiċi oħra elenkati fl-Artikolu 3 tar-[Regolament dwar il-Pjan SNR].
	Or. it

Emenda 165

Brigitte van den Berg, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jissaħħu s-soċjetajiet tal-Ewropa u l-mudell Soċjali tal-Ewropa, l-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw ***ammont minimu ta' riżorsi*** taħt il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom adottati f'konformità mar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR] ***għall-FSE***. In-natura ***diversa*** u s-severità tal-isfidi soċjoekonomiċi differenti fl-Istati Membri jeħtieġu approċċ ***aktar flessibbli*** għall-programmazzjoni. ***Filwaqt li*** huwa meħtieġ livell minimu ta' appoġġ għall-politiki soċjali biex tiġi żgurata azzjoni proporzjonata għal dawn l-isfidi, jeħtieġ ukoll li ***jkun*** jikkorrispondi mill-qrib mal-karatteristiċi nazzjonali u reġjonali. Is-sorsi sottostanti ta' disparitajiet jew problemi soċjali jeħtieġ li jinfurmaw l-importanza relattiva mogħtija lill-investimenti u r-riformi fil-qasam tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-FSE. ***Dan jimplika li s-salvagwardji tal-politika permezz ta'*** konċentrazzjoni tematika ***jenħtieġ li jirriżultaw mill-involviment bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni.*** L-ammont ***minimu*** tal-FSE ***jrid isib ukoll il-bilanċ bejn l-interess*** strateġiku li l-Unjoni għandha fl-investiment fin-nies tagħha, u b'hekk fil-kwalità tal-provvista tax-xogħol kif ukoll fil-progress soċjali***, u*** fl-istess ħin ***il-ħtiġijiet ta' investiment koperti minn objettivi speċifiċi oħra elenkati fl-Artikolu 3*** tar-[Regolament dwar il-Pjan SNR].	(12) Sabiex jissaħħu s-soċjetajiet tal-Ewropa u l-mudell Soċjali tal-Ewropa, l-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw ***il-pakkett finanzjarju ddedikat*** taħt il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom adottati f'konformità mar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR] ***esklużivament għall-indirizzar tal-objettivi speċifiċi tal-FSE***. In-natura u s-severità tal-isfidi soċjoekonomiċi differenti fl-Istati Membri jeħtieġu approċċ ***olistiku*** għall-programmazzjoni. ***Għalhekk*** huwa meħtieġ livell minimu ta' appoġġ għall-politiki soċjali biex tiġi żgurata azzjoni proporzjonata għal dawn l-isfidi, ***li*** jeħtieġ ukoll li ***jikkorrispondi*** mill-qrib mal-karatteristiċi nazzjonali u reġjonali. Is-sorsi sottostanti ta' disparitajiet jew problemi soċjali jeħtieġ li jinfurmaw l-importanza relattiva mogħtija lill-investimenti u r-riformi fil-qasam tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-FSE. ***Madankollu ċerta*** konċentrazzjoni tematika ***hija essenzjali biex jiġi żgurat li l-flus Ewropej jindirizzaw il-prijoritajiet u l-objettivi ta' politika Ewropej.*** L-ammont ***delimitat*** tal-FSE ***jenħtieġ li jikkontribwixxi għall-interess*** strateġiku li l-Unjoni għandha fl-investiment fin-nies tagħha, u b'hekk fil-kwalità tal-provvista tax-xogħol kif ukoll fil-progress soċjali***.*** Fl-istess ħin ***f'konformità mal-Artikolu 10(5)*** tar-[Regolament dwar il-Pjan SNR] ***u flimkien mal-pakkett finanzjarju tal-FSE, mill-inqas 14 % tal-pakkett finanzjarju għandu jkun iddedikat għall-ilħuq tal-objettivi soċjali tal-Unjoni, ikkalkulati bl-użu tal-koeffiċjenti msemmija fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni]***.

Emenda 166
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jissaħħu s-soċjetajiet tal-Ewropa u l-mudell Soċjali tal-Ewropa, l-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw ammont minimu ta' riżorsi taħt il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom adottati f'konformità mar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR] għall-FSE. In-natura diversa u s-severità tal-isfidi soċjoekonomiċi differenti fl-Istati Membri jeħtieġu approċċ aktar flessibbli għall-programmazzjoni. Filwaqt li huwa meħtieġ livell minimu ta' appoġġ għall-politiki soċjali biex tiġi żgurata azzjoni proporzjonata għal dawn l-isfidi, jeħtieġ ukoll li jkun jikkorrispondi mill-qrib mal-karatteristiċi nazzjonali u reġjonali. Is-sorsi sottostanti ta' disparitajiet jew problemi soċjali jeħtieġ li jinfurmaw l-importanza relattiva mogħtija lill-investimenti u r-riformi fil-qasam tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-FSE. Dan jimplika li s-salvagwardji tal-politika permezz ta' konċentrazzjoni tematika jenħtieġ li jirriżultaw mill-involviment bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. L-ammont minimu tal-FSE jrid isib ukoll il-bilanċ bejn l-interess strateġiku li l-Unjoni għandha fl-investiment fin-nies tagħha, u b'hekk fil-kwalità tal-provvista tax-xogħol kif ukoll fil-progress soċjali, u fl-istess ħin il-ħtiġijiet ta' investiment koperti minn objettivi speċifiċi oħra elenkati fl-Artikolu 3 tar-[Regolament dwar il-Pjan SNR].	(12) Sabiex jissaħħu s-soċjetajiet tal-Ewropa u l-mudell Soċjali tal-Ewropa, l-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw ammont minimu ta' riżorsi taħt il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom adottati f'konformità mar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR] għall-FSE. ***F'dan l-ammont, minimu ta' 25 % tal-finanzjament jenħtieġ li jkunu ddedikati speċifikament għall-inklużjoni soċjali.*** In-natura diversa u s-severità tal-isfidi soċjoekonomiċi differenti fl-Istati Membri jeħtieġu approċċ aktar flessibbli għall-programmazzjoni. Filwaqt li huwa meħtieġ livell minimu ta' appoġġ għall-politiki soċjali biex tiġi żgurata azzjoni proporzjonata għal dawn l-isfidi, jeħtieġ ukoll li jkun jikkorrispondi mill-qrib mal-karatteristiċi nazzjonali u reġjonali. Is-sorsi sottostanti ta' disparitajiet jew problemi soċjali jeħtieġ li jinfurmaw l-importanza relattiva mogħtija lill-investimenti u r-riformi fil-qasam tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-FSE. Dan jimplika li s-salvagwardji tal-politika permezz ta' konċentrazzjoni tematika jenħtieġ li jirriżultaw mill-involviment bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. L-ammont minimu tal-FSE jrid isib ukoll il-bilanċ bejn l-interess strateġiku li l-Unjoni għandha fl-investiment fin-nies tagħha, u b'hekk fil-kwalità tal-provvista tax-xogħol kif ukoll fil-progress soċjali, u fl-istess ħin il-ħtiġijiet ta' investiment koperti minn objettivi speċifiċi oħra elenkati fl-Artikolu 3 tar-[Regolament dwar il-Pjan SNR].

Emenda 167
Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jissaħħu s-soċjetajiet tal-Ewropa u l-mudell Soċjali tal-Ewropa, l-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw ammont minimu ta' riżorsi taħt il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom adottati f'konformità mar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR] għall-FSE. In-natura diversa u s-severità tal-isfidi soċjoekonomiċi differenti fl-Istati Membri jeħtieġu approċċ aktar flessibbli għall-programmazzjoni. Filwaqt li huwa meħtieġ livell minimu ta' appoġġ għall-politiki soċjali biex tiġi żgurata azzjoni proporzjonata għal dawn l-isfidi, jeħtieġ ukoll li jkun jikkorrispondi mill-qrib mal-karatteristiċi nazzjonali u reġjonali. Is-sorsi sottostanti ta' disparitajiet jew problemi soċjali jeħtieġ li jinfurmaw l-importanza relattiva mogħtija lill-investimenti u r-riformi fil-qasam tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-FSE. Dan jimplika li s-salvagwardji tal-politika permezz ta' konċentrazzjoni tematika jenħtieġ li jirriżultaw mill-involviment bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. L-ammont minimu tal-FSE jrid isib ukoll il-bilanċ bejn l-interess strateġiku li l-Unjoni għandha fl-investiment fin-nies tagħha, u b'hekk fil-kwalità tal-provvista tax-xogħol kif ukoll fil-progress soċjali, u fl-istess ħin il-ħtiġijiet ta' investiment koperti minn objettivi speċifiċi oħra elenkati fl-Artikolu 3 tar-[Regolament dwar il-Pjan SNR].	(12) Sabiex jissaħħu s-soċjetajiet tal-Ewropa u l-mudell Soċjali tal-Ewropa, l-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw ammont minimu ta' riżorsi taħt il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom adottati f'konformità mar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR] għall-FSE. In-natura diversa u s-severità tal-isfidi soċjoekonomiċi differenti fl-Istati Membri jeħtieġu approċċ aktar flessibbli għall-programmazzjoni. Filwaqt li huwa meħtieġ livell minimu ta' appoġġ għall-politiki soċjali biex tiġi żgurata azzjoni proporzjonata għal dawn l-isfidi***, li jirrifletti l-koeżjoni soċjali u l-inklużjoni bħala prijorità strateġika tal-UE***, jeħtieġ ukoll li jkun jikkorrispondi mill-qrib mal-karatteristiċi nazzjonali u reġjonali. Is-sorsi sottostanti ta' disparitajiet jew problemi soċjali jeħtieġ li jinfurmaw l-importanza relattiva mogħtija lill-investimenti u r-riformi fil-qasam tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-FSE. Dan jimplika li s-salvagwardji tal-politika permezz ta' konċentrazzjoni tematika jenħtieġ li jirriżultaw mill-involviment bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. L-ammont minimu tal-FSE jrid isib ukoll il-bilanċ bejn l-interess strateġiku li l-Unjoni għandha fl-investiment fin-nies tagħha, u b'hekk fil-kwalità tal-provvista tax-xogħol kif ukoll fil-progress soċjali, u fl-istess ħin il-ħtiġijiet ta' investiment koperti minn objettivi speċifiċi oħra elenkati fl-Artikolu 3 tar-[Regolament dwar il-Pjan SNR].

Emenda 168
Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, João Oliveira, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Sabiex jissaħħu s-soċjetajiet tal-Ewropa u l-mudell Soċjali tal-Ewropa, ***l-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw ammont minimu ta' riżorsi taħt il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom adottati f'konformità mar-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Pjan SNR] għall-FSE***. In-natura diversa u s-severità tal-isfidi soċjoekonomiċi differenti fl-Istati Membri jeħtieġu approċċ aktar flessibbli għall-programmazzjoni. Filwaqt li huwa meħtieġ livell minimu ta' appoġġ għall-politiki soċjali biex tiġi żgurata azzjoni proporzjonata għal dawn l-isfidi, jeħtieġ ukoll li jkun jikkorrispondi mill-qrib mal-karatteristiċi nazzjonali u reġjonali. Is-sorsi sottostanti ta' disparitajiet jew problemi soċjali jeħtieġ li jinfurmaw l-importanza relattiva mogħtija lill-investimenti u r-riformi fil-qasam tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-FSE. ***Dan jimplika li s-salvagwardji*** tal-politika permezz ta' konċentrazzjoni tematika jenħtieġ li ***jirriżultaw mill-involviment bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni. L-ammont minimu tal-FSE*** jrid isib ukoll il-bilanċ bejn l-interess strateġiku li l-Unjoni għandha fl-investiment fin-nies tagħha, u b'hekk fil-kwalità ***tal-provvista tax-xogħol kif ukoll fil-progress*** soċjali, u fl-istess ħin il-ħtiġijiet ta' investiment koperti minn objettivi speċifiċi oħra elenkati ***fl-Artikolu 3 tar-[Regolament dwar il-Pjan SNR]***.	(12) Sabiex jissaħħu s-soċjetajiet tal-Ewropa u l-mudell Soċjali tal-Ewropa, ***il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-FSE għall-perjodu 2028 sa 2034 għandu jkun ta' EUR 198 000 000 000, fi prezzijiet attwali***. In-natura diversa u s-severità tal-isfidi soċjoekonomiċi differenti fl-Istati Membri jeħtieġu approċċ aktar flessibbli għall-programmazzjoni ***li dejjem jinkludi l-fehma tal-partijiet ikkonċernati***. Filwaqt li huwa meħtieġ livell minimu ta' appoġġ għall-politiki soċjali biex tiġi żgurata azzjoni proporzjonata għal dawn l-isfidi, jeħtieġ ukoll li jkun jikkorrispondi mill-qrib mal-karatteristiċi nazzjonali u reġjonali. Is-sorsi sottostanti ta' disparitajiet jew problemi soċjali jeħtieġ li jinfurmaw l-importanza relattiva mogħtija lill-investimenti u r-riformi fil-qasam tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-FSE. ***Is-salvagwardji*** tal-politika permezz ta' konċentrazzjoni tematika***, kif stabbilit f'dan ir-Regolament,*** jenħtieġ li ***jiġu rispettati u implimentati. Il-FSE*** jrid isib ukoll il-bilanċ bejn l-interess strateġiku li l-Unjoni għandha fl-investiment fin-nies tagħha, u b'hekk fil-kwalità ***tal-progress*** soċjali, u fl-istess ħin il-ħtiġijiet ta' investiment koperti minn objettivi speċifiċi oħra elenkati ***fir-[Regolament dwar il-Pjan SNR]***.

Or. en

Emenda 169
Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Il-Fond Soċjali Ewropew jenħtieġ li jibqa' programm indipendenti fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss, b'viżjoni u identità Ewropea, u jenħtieġ li din in-natura Ewropea, taħt l-ebda ċirkostanza, ma tiġi nazzjonalizzata jew subordinata għall-interessi strettament nazzjonali ta' kull gvern ta' kull Stat Membru. Għalhekk, lanqas ma jista' jkun fond li jikkompeti għall-istess riżorsi, fid-diskrezzjoni ta' kull gvern nazzjonali, ma' programmi ewlenin oħra tal-Unjoni Ewropea bħall-politika agrikola jew il-politika ta' koeżjoni. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li l-FSE+ jiġi ggarantit il-linja baġitarja korrispondenti tiegħu u allokazzjoni ta' riżorsi li, flimkien ma' ġestjoni effiċjenti, tiżgura l-implimentazzjoni xierqa tiegħu u l-ilħuq tal-objettivi tiegħu.

Or. es

Emenda 170
Brigitte van den Berg, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-miżuri tagħhom biex jindirizzaw b'mod effettiv l-objettivi speċifiċi u l-konċentrazzjonijiet tematiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament jiġu deskritti f'kapitolu ddedikat tal-Pjan SNR f'konformità mar-rekwiżiti tat-Titolu III tar-Regolament (UE) [ir-Regolament

dwar il-Pjan SNR].

Or. en

Emenda 171
Andrzej Buła, Jagna Marczułajtis-Walczak

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Il-FSE jenħtieġ li jappoġġa l-impjiegi, l-aċċess ugwali għal kulħadd għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u ta' kwalità u l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol. ***L-FSE*** jenħtieġ li jappoġġa lill-Istati Membri fl-għoti ta' appoġġ lil persuni qiegħda u inattivi b'assistenza effettiva, f'waqtha, koordinata u mfassla apposta bbażata fuq appoġġ għat-tfittix ta' impjieg, taħriġ, titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid u aċċess għal servizzi abilitanti oħra, b'attenzjoni partikolari għal persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u persuni affettwati b'mod negattiv mit-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika jew xokkijiet fis-suq tax-xogħol, kif ukoll dawk l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol. ***L-FSE*** jenħtieġ li jkompli jiffoka fuq il-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-kwistjoni ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ (NEETs) permezz tal-prevenzjoni tat-tluq bikri mill-edukazzjoni u mit-taħriġ u tat-titjib strutturali fit-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol, inkluż bl-implimentazzjoni sħiħa tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ rinforzata, li jenħtieġ ukoll li tappoġġa opportunitajiet ta' impjieg taż-żgħażagħ ta' kwalità. Barra minn hekk, il-FSE jenħtieġ li jkompli jinvesti f'ħiliet kruċjali għat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika.	(13) Il-FSE jenħtieġ li jappoġġa l-impjiegi, l-aċċess ugwali għal kulħadd għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u ta' kwalità u l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol. ***Il-FSE jenħtieġ li jappoġġa wkoll azzjonijiet immirati lejn l-estensjoni tat-tul tal-ħajja tax-xogħol, b'mod partikolari għall-ħaddiema akbar fl-età, billi jippromwovi kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin għas-saħħa adattati għall-ħtiġijiet, jiżgura l-aċċess għal servizzi ta' riabilitazzjoni, jappoġġa t-tiġdid u t-titjib tal-ħiliet, itejjeb il-kapaċità tal-ħaddiema li jadattaw u jiżviluppaw soluzzjonijiet li jippromwovu t-tixjiħ attiv u li jibqgħu fix-xogħol. Il-FSE*** jenħtieġ li jappoġġa lill-Istati Membri fl-għoti ta' appoġġ lil persuni qiegħda u inattivi b'assistenza effettiva, f'waqtha, koordinata u mfassla apposta bbażata fuq appoġġ għat-tfittix ta' impjieg, taħriġ, titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid u aċċess għal servizzi abilitanti oħra, b'attenzjoni partikolari għal persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u persuni affettwati b'mod negattiv mit-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika jew xokkijiet fis-suq tax-xogħol, kif ukoll dawk l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol. ***Il-FSE*** jenħtieġ li jkompli jiffoka fuq il-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-kwistjoni ta' żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ (NEETs) permezz tal-prevenzjoni tat-tluq bikri mill-edukazzjoni u mit-taħriġ u tat-titjib strutturali fit-tranżizzjoni mill-iskola

għax-xogħol, inkluż bl-implimentazzjoni sħiħa tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ rinforzata, li jenħtieġ ukoll li tappoġġa opportunitajiet ta' impjieg taż-żgħażagħ ta' kwalità. Barra minn hekk, il-FSE jenħtieġ li jkompli jinvesti f'ħiliet kruċjali għat-tranżizzjoni diġitali u dik ekoloġika, ***b'hekk jgħin biex l-ekonomija Ewropea ssir aktar kompetittiva u innovattiva, b'mod partikolari billi tiġi żviluppata l-kapaċità tal-ħaddiema u tal-kumpaniji, speċjalment l-SMEs, li jadattaw għat-tibdil teknoloġiku u għat-trasformazzjoni industrijali***.

Or. pl

Emenda 172
Ciaran Mullooly, Brigitte van den Berg

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) L-appoġġ permezz tal-FSE jenħtieġ li jintuża biex jippromwovi opportunitajiet indaqs għal kulħadd, biex jappoġġa xbieki ta’ sikurezza soċjali b’saħħithom, irawwem l-inklużjoni soċjali, l-ekwità interġenerazzjonali u jiġġieled il-faqar. Il-FSE jenħtieġ li jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex jindirizzaw il-faqar, inkluż billi jindirizzaw il-privazzjoni materjali, ħalli jkissru ċ-ċiklu ta’ żvantaġġi minn ġenerazzjoni għal oħra, u jippromwovu l-inklużjoni soċjali billi jiżguraw opportunitajiet indaqs għal kulħadd, jiġġieldu d-diskriminazzjoni u jindirizzaw l-inugwaljanzi tas-saħħa. Dan ifisser li tiġi mobilizzata firxa ta’ politiki mmirati għall-aktar persuni żvantaġġati tkun xi tkun l-età tagħhom, fosthom it-tfal fil-faqar, il-komunitajiet marġinalizzati bħar-Roma, il-ħaddiema foqra u dawk l-aktar fil-bżonn. ***L-FSE*** jenħtieġ li jippromwovi l-inklużjoni attiva tal-persuni li mhumiex fis-suq tax-xogħol bil-ħsieb li tiġi żgurata l-integrazzjoni soċjoekonomika tagħhom. ***L-FSE*** jenħtieġ li jindirizza wkoll il-problema ta’ persuni mingħajr dar, inkluż b’miżuri ta’ prevenzjoni u ta’ taffija f’konformità mad-dikjarazzjoni ta’ Lisbona tal-2021. L-appoġġ għall-innovazzjoni soċjali għandu rwol importanti fil-kisba ta’ dawn l-objettivi u għalhekk jenħtieġ li jiġi promoss.	(16) L-appoġġ permezz tal-FSE jenħtieġ li jintuża biex jippromwovi opportunitajiet indaqs għal kulħadd, biex jappoġġa xbieki ta’ sikurezza soċjali b’saħħithom, irawwem l-inklużjoni soċjali, ***l-inklużjoni attiva,*** l-ekwità interġenerazzjonali u jiġġieled il-faqar. Il-FSE jenħtieġ li jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex jindirizzaw il-faqar, inkluż billi jindirizzaw il-privazzjoni materjali, ħalli jkissru ċ-ċiklu ta’ żvantaġġi minn ġenerazzjoni għal oħra, u jippromwovu l-inklużjoni soċjali billi jiżguraw opportunitajiet indaqs għal kulħadd, jiġġieldu d-diskriminazzjoni u jindirizzaw l-inugwaljanzi tas-saħħa. Dan ifisser li tiġi mobilizzata firxa ta’ politiki mmirati għall-aktar persuni żvantaġġati tkun xi tkun l-età tagħhom, fosthom it-tfal fil-faqar, il-komunitajiet marġinalizzati bħar-Roma, il-ħaddiema foqra u dawk l-aktar fil-bżonn. ***Il-FSE*** jenħtieġ li jippromwovi l-inklużjoni attiva tal-persuni ***vulnerabbli, b’mod partikolari dawk*** li mhumiex fis-suq tax-xogħol bil-ħsieb li tiġi żgurata l-integrazzjoni soċjoekonomika tagħhom. ***Il-FSE*** jenħtieġ li jindirizza wkoll il-problema ta’ persuni mingħajr dar, inkluż b’miżuri ta’ prevenzjoni u ta’ taffija f’konformità mad-dikjarazzjoni ta’ Lisbona tal-2021. L-appoġġ għall-innovazzjoni soċjali għandu rwol importanti fil-kisba ta’ dawn l-objettivi u għalhekk jenħtieġ li jiġi

promoss.

Or. it

Emenda 223
Isabelle Le Callennec

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) L-appoġġ permezz tal-FSE jenħtieġ li jintuża biex jippromwovi opportunitajiet indaqs għal kulħadd, biex jappoġġa xbieki ta' sikurezza soċjali b'saħħithom, irawwem l-inklużjoni soċjali, l-ekwità interġenerazzjonali u jiġġieled il-faqar. ***L-FSE*** jenħtieġ li jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex jindirizzaw il-faqar, inkluż billi jindirizzaw il-privazzjoni materjali, ħalli jkissru ċ-ċiklu ta' żvantaġġi minn ġenerazzjoni għal oħra, u jippromwovu l-inklużjoni soċjali billi jiżguraw opportunitajiet indaqs għal kulħadd, jiġġieldu d-diskriminazzjoni u jindirizzaw l-inugwaljanzi tas-saħħa. Dan ifisser li tiġi mobilizzata firxa ta' politiki mmirati għall-aktar persuni żvantaġġati tkun xi tkun l-età tagħhom, fosthom it-tfal fil-faqar, il-komunitajiet marġinalizzati bħar-Roma, il-ħaddiema foqra u dawk l-aktar fil-bżonn. ***L-FSE*** jenħtieġ li jippromwovi l-inklużjoni attiva tal-persuni li mhumiex fis-suq tax-xogħol bil-ħsieb li tiġi żgurata l-integrazzjoni soċjoekonomika tagħhom. ***L-FSE*** jenħtieġ li jindirizza wkoll il-problema ta' persuni mingħajr dar, inkluż b'miżuri ta' prevenzjoni u ta' taffija f'konformità mad-dikjarazzjoni ta' ***Lisbona*** tal-2021. L-appoġġ għall-innovazzjoni soċjali għandu rwol importanti fil-kisba ta' dawn l-objettivi u għalhekk jenħtieġ li jiġi promoss.	(16) L-appoġġ permezz tal-FSE jenħtieġ li jintuża biex jippromwovi opportunitajiet indaqs għal kulħadd, biex jappoġġa xbieki ta' sikurezza soċjali b'saħħithom, irawwem l-inklużjoni soċjali, l-ekwità interġenerazzjonali u jiġġieled il-faqar. ***Il-FSE*** jenħtieġ li jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex jindirizzaw il-faqar, inkluż billi jindirizzaw il-privazzjoni materjali, ħalli jkissru ċ-ċiklu ta' żvantaġġi minn ġenerazzjoni għal oħra, u jippromwovu l-inklużjoni soċjali billi jiżguraw opportunitajiet indaqs għal kulħadd, jiġġieldu d-diskriminazzjoni u jindirizzaw l-inugwaljanzi tas-saħħa. Dan ifisser li tiġi mobilizzata firxa ta' politiki mmirati għall-aktar persuni żvantaġġati tkun xi tkun l-età tagħhom, fosthom it-tfal fil-faqar, il-komunitajiet marġinalizzati bħar-Roma, il-ħaddiema foqra u dawk l-aktar fil-bżonn. ***Il-FSE*** jenħtieġ li jippromwovi l-inklużjoni attiva tal-persuni li mhumiex fis-suq tax-xogħol bil-ħsieb li tiġi żgurata l-integrazzjoni soċjoekonomika tagħhom. Il-FSE jenħtieġ li jindirizza wkoll il-problema ta' persuni mingħajr dar, ***u l-aktar sitwazzjonijiet estremi ta' esklużjoni mill-akkomodazzjoni,*** inkluż b'miżuri ta' prevenzjoni u ta' taffija f'konformità mad-dikjarazzjoni ta' ***Liżbona*** tal-2021. L-appoġġ għall-innovazzjoni soċjali għandu rwol importanti fil-kisba ta' dawn l-objettivi u għalhekk jenħtieġ li jiġi promoss.

Or. en

Emenda 224
Andrzej Buła, Jagna Marczułajtis-Walczak

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) L-appoġġ permezz tal-FSE jenħtieġ li jintuża biex jippromwovi opportunitajiet indaqs għal kulħadd, biex jappoġġa xbieki ta' sikurezza soċjali b'saħħithom, irawwem l-inklużjoni soċjali, l-ekwità interġenerazzjonali u jiġġieled il-faqar. ***L-FSE*** jenħtieġ li jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex jindirizzaw il-faqar, inkluż billi jindirizzaw il-privazzjoni materjali, ħalli jkissru ċ-ċiklu ta' żvantaġġi minn ġenerazzjoni għal oħra, u jippromwovu l-inklużjoni soċjali billi jiżguraw opportunitajiet indaqs għal kulħadd, jiġġieldu d-diskriminazzjoni u jindirizzaw l-inugwaljanzi ***tas-saħħa***. Dan ifisser li tiġi mobilizzata firxa ta' politiki mmirati għall-aktar persuni żvantaġġati tkun xi tkun l-età tagħhom, fosthom it-tfal fil-faqar, il-komunitajiet marġinalizzati bħar-Roma, il-ħaddiema foqra u dawk l-aktar fil-bżonn. ***L-FSE*** jenħtieġ li jippromwovi l-inklużjoni attiva tal-persuni li mhumiex fis-suq tax-xogħol bil-ħsieb li tiġi żgurata l-integrazzjoni soċjoekonomika tagħhom. ***L-FSE*** jenħtieġ li jindirizza wkoll il-problema ta' persuni mingħajr dar, inkluż b'miżuri ta' prevenzjoni u ta' taffija f'konformità mad-dikjarazzjoni ta' ***Lisbona*** tal-2021. L-appoġġ għall-innovazzjoni soċjali għandu rwol importanti fil-kisba ta' dawn l-objettivi u għalhekk jenħtieġ li jiġi promoss.	(16) L-appoġġ permezz tal-FSE jenħtieġ li jintuża biex jippromwovi opportunitajiet indaqs għal kulħadd, biex jappoġġa xbieki ta' sikurezza soċjali b'saħħithom, irawwem l-inklużjoni soċjali, l-ekwità interġenerazzjonali u jiġġieled il-faqar. ***Il-FSE*** jenħtieġ li jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex jindirizzaw il-faqar, inkluż billi jindirizzaw il-privazzjoni materjali, ħalli jkissru ċ-ċiklu ta' żvantaġġi minn ġenerazzjoni għal oħra, u jippromwovu l-inklużjoni soċjali billi jiżguraw opportunitajiet indaqs għal kulħadd, jiġġieldu d-diskriminazzjoni u jindirizzaw l-inugwaljanzi ***f'termini ta' saħħa u aċċess għall-kura tas-saħħa, sport u attività fiżika***. Dan ifisser li tiġi mobilizzata firxa ta' politiki mmirati għall-aktar persuni żvantaġġati tkun xi tkun l-età tagħhom, fosthom it-tfal fil-faqar, il-komunitajiet marġinalizzati bħar-Roma, il-ħaddiema foqra u dawk l-aktar fil-bżonn. ***Il-FSE*** jenħtieġ li jippromwovi l-inklużjoni attiva tal-persuni li mhumiex fis-suq tax-xogħol bil-ħsieb li tiġi żgurata l-integrazzjoni soċjoekonomika tagħhom. ***Il-FSE*** jenħtieġ li jindirizza wkoll il-problema ta' persuni mingħajr dar, inkluż b'miżuri ta' prevenzjoni u ta' taffija f'konformità mad-dikjarazzjoni ta' ***Lisbona*** tal-2021. L-appoġġ għall-innovazzjoni soċjali għandu rwol importanti fil-kisba ta' dawn l-objettivi u għalhekk jenħtieġ li jiġi promoss.

Or. pl

Emenda 225
David Casa

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) L-appoġġ permezz tal-FSE jenħtieġ li jintuża biex jippromwovi opportunitajiet indaqs għal kulħadd, biex jappoġġa xbieki ta' sikurezza soċjali b'saħħithom, irawwem l-inklużjoni soċjali, l-ekwità interġenerazzjonali u ***jiġġieled il-faqar***. ***L-FSE*** jenħtieġ li jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex jindirizzaw il-faqar, inkluż billi jindirizzaw il-privazzjoni materjali, ħalli jkissru ċ-ċiklu ta' żvantaġġi minn ġenerazzjoni għal oħra, u jippromwovu l-inklużjoni soċjali billi jiżguraw opportunitajiet indaqs għal kulħadd, jiġġieldu d-diskriminazzjoni u jindirizzaw l-inugwaljanzi tas-saħħa. Dan ifisser li tiġi mobilizzata firxa ta' politiki mmirati għall-aktar persuni żvantaġġati tkun xi tkun l-età tagħhom, fosthom it-tfal fil-faqar, il-komunitajiet marġinalizzati bħar-Roma, il-ħaddiema foqra u dawk l-aktar fil-bżonn. ***L-FSE*** jenħtieġ li jippromwovi l-inklużjoni attiva tal-persuni li mhumiex fis-suq tax-xogħol bil-ħsieb li tiġi żgurata l-integrazzjoni soċjoekonomika tagħhom. L-FSE jenħtieġ li jindirizza wkoll il-problema ta' persuni mingħajr dar, inkluż b'miżuri ta' prevenzjoni u ta' taffija f'konformità mad-dikjarazzjoni ta' ***Lisbona*** tal-2021. L-appoġġ għall-innovazzjoni soċjali għandu rwol importanti fil-kisba ta' dawn l-objettivi u għalhekk jenħtieġ li jiġi promoss.	(16) L-appoġġ permezz tal-FSE jenħtieġ li jintuża biex jippromwovi opportunitajiet indaqs għal kulħadd, biex jappoġġa xbieki ta' sikurezza soċjali b'saħħithom, irawwem l-inklużjoni soċjali, l-ekwità interġenerazzjonali u ***jikkontribwixxi għall-qerda tal-faqar***. ***Il-FSE*** jenħtieġ li jappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri biex jindirizzaw il-faqar, inkluż billi jindirizzaw il-privazzjoni materjali, ħalli jkissru ċ-ċiklu ta' żvantaġġi minn ġenerazzjoni għal oħra, u jippromwovu l-inklużjoni soċjali billi jiżguraw opportunitajiet indaqs għal kulħadd, jiġġieldu d-diskriminazzjoni u jindirizzaw l-inugwaljanzi tas-saħħa. Dan ifisser li tiġi mobilizzata firxa ta' politiki mmirati għall-aktar persuni żvantaġġati tkun xi tkun l-età tagħhom, fosthom it-tfal fil-faqar, il-komunitajiet marġinalizzati bħar-Roma, il-ħaddiema foqra u dawk l-aktar fil-bżonn. ***Il-FSE*** jenħtieġ li jippromwovi l-inklużjoni attiva tal-persuni li mhumiex fis-suq tax-xogħol bil-ħsieb li tiġi żgurata l-integrazzjoni soċjoekonomika tagħhom. ***Il-FSE*** jenħtieġ li jindirizza wkoll il-problema ta' persuni mingħajr dar, inkluż b'miżuri ta' prevenzjoni u ta' taffija f'konformità mad-dikjarazzjoni ta' ***Liżbona*** tal-2021. L-appoġġ għall-innovazzjoni soċjali għandu rwol importanti fil-kisba ta' dawn l-objettivi u għalhekk jenħtieġ li jiġi promoss.

Or. en

Emenda 226
Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marit Maij

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Bl-għan li l-politiki jsiru aktar reattivi għall-bidla soċjali kif ukoll biex jiġu mħeġġa u appoġġati soluzzjonijiet innovattivi, l-appoġġ għall-innovazzjoni soċjali huwa kruċjali. B'mod partikolari, l-ittestjar u l-evalwazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi qabel l-espansjoni tagħhom huma strumentali fit-titjib tal-effiċjenza tal-politiki. L-intrapriżi tal-ekonomija soċjali għandhom rwol ewlieni fit-twettiq tal-innovazzjoni soċjali, fil-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali u tal-impjiegi ta' kwalità, u fil-kontribut għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Or. en

Emenda 227
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) Fl-implimentazzjoni tal-FSE, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu attenzjoni partikolari lill-appoġġ tal-inklużjoni soċjali u ekonomika u l-opportunitajiet ta' impjieg taċ-ċittadini Ewropej li jirrisjedu legalment fl-Unjoni, speċjalment iż-żgħażagħ li jiffaċċjaw il-faqar, il-privazzjoni materjali, l-esklużjoni soċjali jew l-insigurtà persistenti fis-suq tax-xogħol.

Or. en

Emenda 228
Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marit Maij

Proposta għal regolament
Premessa 16b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16b) L-appoġġ permezz tal-FSE jenħtieġ li jintuża biex jinkisbu livelli għoljin ta' inklużjoni soċjoekonomika fis-soċjetajiet, speċjalment billi tiġi appoġġata l-inklużjoni soċjali u tax-xogħol ta' gruppi f'pożizzjonijiet vulnerabbli.

Or. en

Emenda 229
Hristo Petrov, Martin Hojsík, Elisabetta Gualmini, Brigitte van den Berg, Valérie Devaux, Grégory Allione

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-prinċipji tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt u tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali huma valuri fundaturi tal-Unjoni Ewropea. Dawn il-valuri huma fundamentali għal kull persuna, ***speċjalment*** għal dawk li huma l-aktar vulnerabbli. Barra minn hekk, huma strumentali għall-implimentazzjoni effettiva tal-FSE. Għalhekk, il-FSE jenħtieġ li jappoġġa wkoll il-promozzjoni u l-implimentazzjoni ta' dawn il-valuri għal kulħadd. ***L-FSE*** se jkompli jindirizza wkoll id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà kif minquxa fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà. Se jiżgura wkoll koerenza mal-Unjoni tal-Ugwaljanza u l-Istrateġiji relatati tagħha1 li għandhom l-għan li jiġġieldu d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-	(17) Il-prinċipji tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt u tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali huma valuri fundaturi tal-Unjoni Ewropea. Dawn il-valuri huma fundamentali għal kull persuna, ***u jenħtieġ li jiġu ggarantiti wkoll*** għal dawk li huma l-aktar vulnerabbli. Barra minn hekk, huma strumentali għall-implimentazzjoni effettiva tal-FSE. Għalhekk, il-FSE jenħtieġ li jappoġġa wkoll il-promozzjoni u l-implimentazzjoni ta' dawn il-valuri għal kulħadd. ***Il-FSE*** se jkompli jindirizza wkoll id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà kif minquxa fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà ***u d-drittijiet tat-tfal kif minquxa fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal***. Se jiżgura wkoll koerenza mal-Unjoni tal-Ugwaljanza u l-Istrateġiji relatati tagħha1 li għandhom l-għan li jiġġieldu d-diskriminazzjoni

orjentazzjoni sesswali u jiżgura l-koeżjoni soċjali billi jsostni u jiżviluppa soċjetajiet miftuħa, ibbażati fuq id-drittijiet fundamentali, demokratiċi, ugwali u inklużivi bbażati fuq l-istat tad-dritt.	bbażata fuq is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika***, l-istatus soċjoekonomiku, l-isfond edukattiv***, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali u jiżgura l-koeżjoni soċjali billi jsostni u jiżviluppa soċjetajiet miftuħa, ibbażati fuq id-drittijiet fundamentali, demokratiċi, ugwali u inklużivi bbażati fuq l-istat tad-dritt.
	Or. en

Emenda 230
Brigitte van den Berg, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-prinċipji tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt u tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali huma valuri fundaturi tal-Unjoni Ewropea. Dawn il-valuri huma fundamentali għal kull persuna, speċjalment għal dawk li huma l-aktar vulnerabbli. Barra minn hekk, huma strumentali għall-implimentazzjoni effettiva tal-FSE. Għalhekk, il-FSE jenħtieġ li jappoġġa wkoll il-promozzjoni u l-implimentazzjoni ta' dawn il-valuri għal kulħadd. ***L-FSE*** se jkompli jindirizza wkoll id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà kif minquxa fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà. Se jiżgura wkoll koerenza mal-Unjoni tal-Ugwaljanza u ***l-Istrateġiji*** relatati ***tagħha1*** li għandhom l-għan li jiġġieldu d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali u jiżgura l-koeżjoni soċjali billi jsostni u jiżviluppa soċjetajiet miftuħa, ibbażati fuq id-drittijiet fundamentali, demokratiċi, ugwali u	(17) Il-prinċipji tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt u tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali huma valuri fundaturi tal-Unjoni Ewropea. Dawn il-valuri huma fundamentali għal kull persuna, speċjalment għal dawk li huma l-aktar vulnerabbli. Barra minn hekk, huma strumentali għall-implimentazzjoni effettiva tal-FSE. Għalhekk, il-FSE jenħtieġ li jappoġġa wkoll il-promozzjoni u l-implimentazzjoni ta' dawn il-valuri għal kulħadd. ***Il-FSE*** se jkompli jindirizza wkoll id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà kif minquxa fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà. Se jiżgura wkoll koerenza mal-Unjoni tal-Ugwaljanza u ***l-Istrateġiji*** relatati ***tagħha*** li għandhom l-għan li jiġġieldu d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ***l-istatus soċjoekonomiku, l-isfond edukattiv,*** ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali u jiżgura l-koeżjoni soċjali billi jsostni u jiżviluppa soċjetajiet miftuħa, ibbażati fuq id-drittijiet fundamentali, demokratiċi, ugwali u

inklużivi bbażati fuq l-istat tad-dritt.	inklużivi bbażati fuq l-istat tad-dritt.

Or. en

Emenda 231
Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, João Oliveira, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Il-prinċipji tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt u tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali huma valuri fundaturi tal-Unjoni Ewropea. Dawn il-valuri huma fundamentali għal kull persuna, speċjalment għal dawk li huma l-aktar vulnerabbli. Barra minn hekk, huma strumentali għall-implimentazzjoni effettiva tal-FSE. Għalhekk, il-FSE jenħtieġ li jappoġġa wkoll il-promozzjoni u l-implimentazzjoni ta' dawn il-valuri għal kulħadd. ***L-FSE*** se jkompli jindirizza wkoll id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà kif minquxa fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà. Se jiżgura wkoll koerenza mal-Unjoni tal-Ugwaljanza u ***l-Istrateġiji*** relatati ***tagħha1*** li għandhom l-għan li jiġġieldu d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali u jiżgura l-koeżjoni soċjali billi jsostni u jiżviluppa soċjetajiet miftuħa, ibbażati fuq id-drittijiet fundamentali, demokratiċi, ugwali u inklużivi bbażati fuq l-istat tad-dritt.	(17) Il-prinċipji tad-demokrazija, tal-istat tad-dritt u tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali huma valuri fundaturi tal-Unjoni Ewropea. Dawn il-valuri huma fundamentali għal kull persuna, speċjalment għal dawk li huma l-aktar vulnerabbli. Barra minn hekk, huma strumentali għall-implimentazzjoni effettiva tal-FSE. Għalhekk, il-FSE jenħtieġ li jappoġġa wkoll il-promozzjoni u l-implimentazzjoni ta' dawn il-valuri għal kulħadd. ***L-FSE*** se jkompli jindirizza wkoll id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà kif minquxa fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà. Se jiżgura wkoll koerenza mal-Unjoni tal-Ugwaljanza u ***l-Istrateġiji*** relatati ***tagħha*** li għandhom l-għan li jiġġieldu d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, l-oriġini razzjali jew etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali u jiżgura l-koeżjoni soċjali billi jsostni u jiżviluppa soċjetajiet miftuħa, ibbażati fuq id-drittijiet fundamentali, demokratiċi, ugwali u inklużivi bbażati fuq l-istat tad-dritt.

Or. en

Emenda 232
Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Hristo Petrov, Irena Joveva, Brigitte van den Berg

Proposta għal regolament
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Il-FSE jenħtieġ li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Patt Ewropew għall-Kura li jmiss, li jenħtieġ li jindirizza kemm il-persuni li jindukraw b'mod formali kif ukoll informali, li l-maġġoranza tagħhom huma nisa, billi jippromwovi indukrar tat-tfal affordabbli u ta' kwalità għolja, programmi edukattivi ta' wara l-iskola u servizzi ta' kura fit-tul. Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-persuni li jindukraw b'mod informali, lill-familji u lill-ġenituri, billi jiġu żgurati appoġġ u aċċess adegwati għal servizzi ta' solliev u ta' konsulenza.

Or. en

Emenda 233
Andrzej Buła, Jagna Marczułajtis-Walczak

Proposta għal regolament
Premessa 17a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ tal-FSE, meta jistabbilixxu l-prijoritajiet u jagħżlu l-interventi, l-Istati Membri jenħtieġ li jżommu livell xieraq ta' flessibbiltà u interventi mmirati b'kunsiderazzjoni xierqa għall-isfidi tas-soċjetà li qed jiffaċċjaw, is-sitwazzjoni fis-suq tax-xogħol, il-karatteristiċi territorjali u l-ħtiġijiet soċjoekonomiċi fil-livell reġjonali u nazzjonali.

Or. pl

Emenda 234
Andrzej Buła, Jagna Marczułajtis-Walczak

Proposta għal regolament
Premessa 17b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17b) Jenħtieġ li jkun possibbli għall-FSE li jappoġġa azzjonijiet fil-qasam tal-akkomodazzjoni soċjali u affordabbli, b'mod partikolari għall-benefiċċju ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali, ta' persuni b'diżabbiltà, ta' persuni anzjani u ta' gruppi soċjalment vulnerabbli oħrajn. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li l-appoġġ ta' dan it-tip jiġi implimentat bħala tip ta' intervent awtonomu minflok biss bħala azzjoni ta' akkumpanjament jew supplimentari, b'mod partikolari bil-għan li tiżdied l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, jiġi appoġġat l-għajxien indipendenti u tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali u territorjali.

Or. pl

Emenda 235
Séverine Werbrouck, Margarita de la Pisa Carrión, Mélanie Disdier, Pál Szekeres

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Ir-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Pjan Nazzjonali] jirrikjedi li l-Istati Membri jirrispettaw il-prinċipji orizzontali fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa wkoll jużaw il-FSE biex jappoġġaw azzjonijiet immirati biex jippromwovu prinċipji orizzontali bħall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-iżgurar tal-aċċessibbiltà tas-servizzi għall-persuni	***imħassar***

b'diżabbiltà u biex il-persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv.

Or. fr

Emenda 236
Brigitte van den Berg, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Ir-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Pjan Nazzjonali] jirrikjedi li l-Istati Membri jirrispettaw il-prinċipji orizzontali fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jenħtieġ li ***jiġu mħeġġa wkoll jużaw l-FSE biex jappoġġaw*** azzjonijiet immirati biex jippromwovu prinċipji orizzontali ***bħall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-iżgurar tal-aċċessibbiltà tas-servizzi għall-persuni b'diżabbiltà u biex il-persuni*** b'diżabbiltà ***jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv***.	(18) Ir-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Pjan Nazzjonali] jirrikjedi li l-Istati Membri jirrispettaw il-prinċipji orizzontali fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali. ***Ir-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Prestazzjoni] jistabbilixxi prinċipji orizzontali applikabbli għall-programmi u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni.*** F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jenħtieġ li ***jiżguraw li l-użu tal-FSE jappoġġa*** azzjonijiet immirati biex jippromwovu prinċipji orizzontali ***tar-rispett għall-istat tad-dritt, u ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti", l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u għad-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni*** b'Diżabbiltà ***(UNCRPD) f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE***.

Or. en

Emenda 237
Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marit Maij

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) ***Ir-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Pjan Nazzjonali] jirrikjedi li*** l-Istati Membri jirrispettaw il-prinċipji orizzontali fit-tħejjija u l-implimentazzjoni ***tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali***. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa wkoll jużaw ***l-FSE*** biex jappoġġaw azzjonijiet immirati biex jippromwovu prinċipji orizzontali bħall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-iżgurar tal-aċċessibbiltà tas-servizzi għall-persuni b'diżabbiltà u biex il-persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv.	(18) L-Istati Membri ***għandhom*** jirrispettaw il-prinċipji orizzontali fit-tħejjija u l-implimentazzjoni ***tal-programmi tagħhom***. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jenħtieġ li jiġu mħeġġa wkoll jużaw ***il-FSE*** biex jappoġġaw azzjonijiet immirati biex jippromwovu prinċipji orizzontali bħall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-iżgurar tal-aċċessibbiltà tas-servizzi għall-persuni b'diżabbiltà u biex il-persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv. ***L-implimentazzjoni tal-FSE jenħtieġ li tirrispetta l-prinċipji u l-valuri tal-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà. L-Istati Membri jenħtieġ li jirrispettaw ukoll l-obbligi stabbiliti fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Jenħtieġ li l-FSE ma jappoġġax azzjonijiet li jikkontribwixxu għal xi forma ta' segregazzjoni jew esklużjoni.***

Or. en

Emenda 238
Jagna Marczułajtis-Walczak, Andrzej Buła

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Ir-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Pjan Nazzjonali] jirrikjedi li l-Istati Membri jirrispettaw il-prinċipji orizzontali fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jenħtieġ li ***jiġu***	(18) Ir-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Pjan Nazzjonali] jirrikjedi li l-Istati Membri jirrispettaw il-prinċipji orizzontali fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jenħtieġ li ***jkunu***

mħeġġa wkoll jużaw ***l-FSE*** biex jappoġġaw azzjonijiet immirati biex jippromwovu prinċipji orizzontali bħall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-iżgurar tal-aċċessibbiltà tas-servizzi għall-persuni b'diżabbiltà u biex il-persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv.

obbligati wkoll jużaw ***il-FSE*** biex jappoġġaw azzjonijiet immirati biex jippromwovu prinċipji orizzontali bħall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-iżgurar tal-aċċessibbiltà tas-servizzi għall-persuni b'diżabbiltà u biex il-persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv. ***L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament mill-Istati Membri jenħtieġ li tkun konsistenti mal-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà.***

Or. en

Emenda 239
Villy Søvndal, Kira Marie Peter-Hansen, Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Ir-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Pjan Nazzjonali] jirrikjedi li l-Istati Membri jirrispettaw il-prinċipji orizzontali fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jenħtieġ li ***jiġu mħeġġa wkoll*** jużaw ***l-FSE*** biex jappoġġaw azzjonijiet immirati biex jippromwovu prinċipji orizzontali ***bħall-promozzjoni*** tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-iżgurar tal-aċċessibbiltà tas-servizzi għall-persuni b'diżabbiltà u biex il-persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv.	(18) Ir-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Pjan Nazzjonali] jirrikjedi li l-Istati Membri jirrispettaw il-prinċipji orizzontali fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri jenħtieġ li jużaw ***il-FSE*** biex jappoġġaw azzjonijiet immirati biex jippromwovu prinċipji orizzontali ***d-dritt ta' aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ, il-promozzjoni*** tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-iżgurar tal-aċċessibbiltà tas-servizzi għall-persuni b'diżabbiltà u biex il-persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv.

Or. en

Emenda 240
Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Ir-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Pjan Nazzjonali] jirrikjedi li l-Istati Membri jirrispettaw il-prinċipji orizzontali ***fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali***. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri ***jenħtieġ li jiġu mħeġġa*** wkoll jużaw ***l-FSE*** biex jappoġġaw azzjonijiet immirati biex jippromwovu prinċipji orizzontali bħall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-iżgurar tal-aċċessibbiltà tas-servizzi għall-persuni b'diżabbiltà u biex il-persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv.	(18) Ir-Regolament (UE) [ir-Regolament dwar il-Pjan Nazzjonali] jirrikjedi li l-Istati Membri jirrispettaw il-prinċipji orizzontali. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri ***huma meħtieġa*** wkoll jużaw ***il-FSE*** biex jappoġġaw azzjonijiet immirati ***f'konformità mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u l-pjan ta' azzjoni assoċjat*** biex jippromwovu prinċipji orizzontali bħall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-iżgurar tal-aċċessibbiltà tas-servizzi għall-persuni b'diżabbiltà u biex il-persuni b'diżabbiltà jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod attiv.

Or. en

Emenda 241
Villy Søvndal, Kira Marie Peter-Hansen, Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Biex ikun żgurat li d-dimensjoni soċjali tal-Ewropa kif stabbilita fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tingħata spinta 'l quddiem kif xieraq u li ammont suffiċjenti tar-riżorsi jkun immirat għall-aktar persuni fil-bżonn, jenħtieġ li l-Istati Membri jallokaw ***riżorsi tal-FSE*** biex irawmu l-inklużjoni soċjali.	(19) Biex ikun żgurat li d-dimensjoni soċjali tal-Ewropa kif stabbilita fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tingħata spinta 'l quddiem kif xieraq u li ammont suffiċjenti tar-riżorsi jkun immirat għall-aktar persuni fil-bżonn, jenħtieġ li l-Istati Membri jallokaw ***aktar minn nofs il-FSE*** biex irawmu l-inklużjoni soċjali ***u 5 % tal-FSE biex irawmu l-inklużjoni tan-nisa u tal-persuni b'diżabbiltà fis-soċjetà u fis-suq tax-xogħol***.

Or. en

Emenda 242
Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Biex ikun żgurat li d-dimensjoni soċjali tal-Ewropa kif stabbilita fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tingħata spinta ‘l quddiem kif xieraq u li ammont suffiċjenti tar-riżorsi jkun immirat għall-aktar persuni fil-bżonn, jenħtieġ li l-Istati Membri jallokaw riżorsi tal-FSE biex irawmu l-inklużjoni soċjali.	(19) Biex ikun żgurat li d-dimensjoni soċjali tal-Ewropa kif stabbilita fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tingħata spinta ‘l quddiem kif xieraq u li ammont suffiċjenti***, stabbli, prevedibbli u delimitat*** tar-riżorsi jkun immirat għall-aktar persuni fil-bżonn, jenħtieġ li l-Istati Membri jallokaw riżorsi tal-FSE biex irawmu l-inklużjoni soċjali.

Or. en

Emenda 243
Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marit Maij

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Biex ikun żgurat li d-dimensjoni soċjali tal-Ewropa kif stabbilita fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tingħata spinta ‘l quddiem kif xieraq u li ammont suffiċjenti tar-riżorsi jkun immirat għall-aktar persuni fil-bżonn, jenħtieġ li l-Istati Membri jallokaw riżorsi tal-FSE biex irawmu l-inklużjoni soċjali.	(19) Biex ikun żgurat li d-dimensjoni soċjali tal-Ewropa kif stabbilita fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tingħata spinta ‘l quddiem kif xieraq u li ammont suffiċjenti***, stabbli, prevedibbli u delimitat*** tar-riżorsi jkun immirat għall-aktar persuni fil-bżonn, jenħtieġ li l-Istati Membri jallokaw riżorsi tal-FSE biex irawmu l-inklużjoni soċjali.

Or. en

Emenda 244
Miriam Lexmann

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Biex ikun żgurat li d-dimensjoni soċjali tal-Ewropa kif stabbilita fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tingħata spinta ‘l quddiem kif xieraq u li ammont suffiċjenti tar-riżorsi jkun immirat għall-aktar persuni fil-bżonn, jenħtieġ li l-Istati Membri jallokaw riżorsi tal-FSE biex irawmu l-inklużjoni soċjali.	(19) Biex ikun żgurat li d-dimensjoni soċjali tal-Ewropa kif stabbilita fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tingħata spinta ‘l quddiem kif xieraq u li ammont suffiċjenti***, stabbli u prevedibbli*** tar-riżorsi jkun immirat għall-aktar persuni fil-bżonn, jenħtieġ li l-Istati Membri jallokaw riżorsi tal-FSE biex irawmu l-inklużjoni soċjali.

Or. en

Emenda 245
Brigitte van den Berg, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Biex ikun żgurat li d-dimensjoni soċjali tal-Ewropa kif stabbilita fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tingħata spinta ‘l quddiem kif xieraq u li ammont suffiċjenti tar-riżorsi jkun immirat għall-aktar persuni fil-bżonn, jenħtieġ li l-Istati Membri jallokaw ***riżorsi*** tal-FSE biex irawmu l-inklużjoni soċjali.	(19) Biex ikun żgurat li d-dimensjoni soċjali tal-Ewropa kif stabbilita fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali tingħata spinta ‘l quddiem kif xieraq u li ammont suffiċjenti tar-riżorsi jkun immirat għall-aktar persuni fil-bżonn, jenħtieġ li l-Istati Membri jallokaw ***mill-inqas 30 % tar-riżorsi*** tal-FSE biex irawmu l-inklużjoni soċjali.

Or. en

Emenda 246
Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover

Proposta għal regolament
Premessa 19a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(19a) Ifakkar li l-familji huma l-pilastru ewlieni li jsostni l-piż tan-nefqa soċjali fl-

Unjoni, speċjalment dawk li huma responsabbli mill-kura tat-tfal u persuni dipendenti; josserva, fl-istess ħin, li l-familji huma wkoll dawk li qed ibatu l-aktar il-konsegwenzi tal-kriżijiet ekonomiċi suċċessivi li għaddejna minnhom matul dawn l-aħħar 15-il sena; jissottolinja, għal dawn ir-raġunijiet kollha, li dawn jenħtieġ li jiġu soġġetti għal attenzjoni speċjali fl-aspetti rilevanti tal-baġit tal-Unjoni u tal-prijoritajiet tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali

Or. es

Emenda 247
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Minħabba l-ħtieġa partikolari li jiġu appoġġati t-tfal fil-faqar, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprogrammaw ukoll riżorsi tal-FSE biex jindirizzaw il-miżuri taħt il-Garanzija għat-Tfal.	(20) Minħabba l-ħtieġa partikolari li jiġu appoġġati t-tfal fil-faqar, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprogrammaw ukoll riżorsi tal-FSE biex jindirizzaw il-miżuri taħt il-Garanzija għat-Tfal. ***Għal dan il-għan, jenħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lit-tfal f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà akbar, inklużi dawk esposti għall-vjolenza, filwaqt li jiġi żgurat l-aċċess effettiv tagħhom għal servizzi integrati ta' protezzjoni tat-tfal, inklużi mekkaniżmi ta' appoġġ immedjat bħal linji għall-għajnuna u servizzi ta' intervent bikri. B'dan l-għan, il-FSE jenħtieġ li jiffaċilita wkoll aċċess simplifikat għall-finanzjament għall-organizzazzjonijiet li jipprovdu dawn is-servizzi, b'mod partikolari meta jiffaċċjaw restrizzjonijiet strutturali ta' finanzjament.***

Or. es

Emenda 248
Maravillas Abadía Jover, Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Minħabba l-ħtieġa partikolari li jiġu appoġġati t-tfal fil-faqar, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprogrammaw ***ukoll*** riżorsi ***tal-FSE*** biex jindirizzaw il-miżuri taħt il-Garanzija għat-Tfal.	(20) Minħabba l-ħtieġa partikolari li jiġu appoġġati t-tfal fil-faqar, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprogrammaw riżorsi ***tal-FSE+*** biex jindirizzaw il-miżuri taħt il-Garanzija għat-Tfal***, abbażi ta' valutazzjoni bir-reqqa tal-ħtiġijiet, id-distakki u l-ispeċifiċitajiet territorjali identifikati fil-livell nazzjonali u reġjonali***.

Or. en

Emenda 249
Brigitte van den Berg, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Minħabba l-ħtieġa partikolari li jiġu appoġġati t-tfal fil-faqar, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprogrammaw ukoll ***riżorsi*** tal-FSE biex jindirizzaw il-miżuri taħt il-Garanzija għat-Tfal.	(20) Minħabba l-ħtieġa partikolari li jiġu appoġġati t-tfal fil-faqar, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprogrammaw ukoll ***mill-inqas 5 % tar-riżorsi*** tal-FSE biex jindirizzaw il-miżuri taħt il-Garanzija għat-Tfal. ***L-Istati Membri li r-rata medja tagħhom ta' tfal fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali hija ogħla mill-medja tal-UE jenħtieġ li jallokaw 10 %.***

Or. en

Emenda 250
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Minħabba l-ħtieġa partikolari li jiġu appoġġati t-tfal fil-faqar, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprogrammaw ukoll riżorsi tal-FSE biex jindirizzaw il-miżuri taħt il-Garanzija għat-Tfal.	(20) Minħabba l-ħtieġa partikolari li jiġu appoġġati t-tfal fil-faqar ***u t-tfal li jkunu ġejjin minn sfondi soċjoekonomikament żvantaġġati***, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprogrammaw ukoll riżorsi tal-FSE biex jindirizzaw il-miżuri taħt il-Garanzija għat-Tfal.

Or. en

Emenda 251
Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, João Oliveira, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Minħabba l-ħtieġa partikolari li jiġu appoġġati t-tfal fil-faqar, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprogrammaw ukoll riżorsi tal-FSE biex jindirizzaw il-miżuri taħt il-Garanzija għat-Tfal.	(20) Minħabba l-ħtieġa partikolari li jiġu appoġġati t-tfal fil-faqar, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprogrammaw ukoll riżorsi tal-FSE biex jindirizzaw il-miżuri taħt il-Garanzija għat-Tfal***, li jenħtieġ li jkollha baġit iddedikat ta' mill-inqas EUR 20 000 000 000***.

Or. en

Emenda 252
David Casa

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Minħabba l-ħtieġa partikolari li jiġu appoġġati t-tfal fil-faqar, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprogrammaw ukoll riżorsi tal-FSE biex jindirizzaw il-miżuri taħt il-Garanzija għat-Tfal.	(20) Minħabba l-ħtieġa partikolari li jiġu appoġġati t-tfal fil-faqar, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprogrammaw ukoll riżorsi ***suffiċjenti, stabbli, prevedibbli u delimitati*** tal-FSE biex jindirizzaw il-miżuri taħt il-

Garanzija għat-Tfal.

Or. en

Emenda 253
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Minħabba l-ħtieġa partikolari li jiġu appoġġati t-tfal fil-faqar, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprogrammaw ukoll riżorsi tal-FSE biex jindirizzaw il-miżuri taħt il-Garanzija għat-Tfal.	(20) Minħabba l-ħtieġa partikolari li jiġu appoġġati t-tfal fil-faqar, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprogrammaw ukoll riżorsi ***suffiċjenti, stabbli, prevedibbli u delimitati*** tal-FSE biex jindirizzaw il-miżuri taħt il-Garanzija għat-Tfal.

Or. en

Emenda 254
Villy Søvndal, Kira Marie Peter-Hansen, Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) Minħabba l-ħtieġa partikolari li jiġu appoġġati t-tfal fil-faqar, l-Istati Membri jenħtieġ li jipprogrammaw ukoll ***riżorsi*** tal-FSE biex jindirizzaw ***il-miżuri taħt il-Garanzija*** għat-Tfal.	(20) Minħabba l-ħtieġa partikolari li jiġu appoġġati t-tfal fil-faqar, l-Istati Membri ***kollha*** jenħtieġ li jipprogrammaw ukoll ***mill-inqas 5 % tar-riżorsi*** tal-FSE biex jindirizzaw ***il-faqar fost it-tfal inkluż permezz tal-Garanzija*** għat-Tfal.

Or. en

Emenda 255
Villy Søvndal, Kira Marie Peter-Hansen, Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 20a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) Il-FSE jenħtieġ li jippromwovi l-edukazzjoni dwar il-litteriżmu diġitali kemm f'ambjenti formali kif ukoll mhux formali biex jiżgura li kulħadd ikun jista' jikseb il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa biex jaċċessa b'mod sinifikanti l-ambjent diġitali. Barra minn hekk, il-FSE jenħtieġ li jappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra l-Bullying Ċibernetiku, biex b'hekk jiġi żgurat li n-nies ma jiġux esklużi soċjalment mill-ambjent diġitali.

Or. en

Emenda 256
Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Hristo Petrov, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) ***L-FSE*** jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jonqos il-faqar billi jappoġġa l-iskemi nazzjonali ta' appoġġ li għandhom l-għan li jtaffu l-privazzjoni alimentari u materjali u jippromwovu l-integrazzjoni soċjali tal-persuni fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali u dawk l-aktar fil-bżonn. L-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw ***riżorsi*** tal-FSE biex jindirizzaw il-forom ta' faqar estrem bl-akbar impatt tal-esklużjoni soċjali, bħall-problema ta' persuni mingħajr dar u l-privazzjoni alimentari u materjali.	(21) ***Fl-2024, kważi 9 % tal-popolazzjoni tal-UE ma kinux f'pożizzjoni li jaffordjaw ikla li jkun fiha laħam, ħut jew ekwivalenti veġetarjan kull jumejn[1a]. Il-FSE*** jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jonqos il-faqar billi jappoġġa l-iskemi nazzjonali ta' appoġġ li għandhom l-għan li jtaffu l-privazzjoni alimentari u materjali u jippromwovu l-integrazzjoni soċjali tal-persuni fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali u dawk l-aktar fil-bżonn***, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi għall-ġeneru, bħal prodotti mestruwali u tal-iġjene essenzjali***. L-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw ***mill-inqas 10 %*** tal-FSE biex jindirizzaw il-forom ta' faqar estrem bl-akbar impatt tal-esklużjoni soċjali, bħall-problema ta' persuni mingħajr dar u l-

privazzjoni alimentari u materjali. ***Il-provvediment ta' ikel u/jew assistenza materjali bażika lil dawk l-aktar fil-bżonn u l-aktar vulnerabbli jenħtieġ li ma jissostitwix il-benefiċċji soċjali eżistenti pprovduti lilhom fi ħdan is-sistemi soċjali nazzjonali jew skont id-dritt nazzjonali. Minħabba n-natura tal-operazzjonijiet u t-tip ta' riċevituri aħħarin, huwa meħtieġ li jiġu applikat regoli aktar sempliċi għall-appoġġ li jindirizza d-deprivazzjoni materjali tal-persuni l-aktar fil-bżonn.***

1a

https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-eurostat-news/w/ddn-20250828-1

Or. en

Emenda 257
Villy Søvndal, Kira Marie Peter-Hansen, Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) ***L-FSE*** jenħtieġ li jikkontribwixxi ***biex jonqos il-faqar*** billi jappoġġa l-iskemi nazzjonali ta' appoġġ li għandhom l-għan li jtaffu l-privazzjoni alimentari u materjali u jippromwovu l-integrazzjoni soċjali tal-persuni fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali ***u dawk l-aktar fil-bżonn***. L-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw ***riżorsi*** tal-FSE biex jindirizzaw il-forom ta' faqar estrem bl-akbar impatt tal-esklużjoni soċjali, ***bħall-problema ta' persuni mingħajr dar u l-privazzjoni*** alimentari u materjali.	(21) ***Il-FSE*** jenħtieġ li jikkontribwixxi ***għall-qerda tal-faqar*** billi jappoġġa l-iskemi nazzjonali ***u lokali*** ta' appoġġ li għandhom l-għan li jtaffu l-privazzjoni alimentari u materjali ***inklużi l-prodotti tal-iġjene għan-nisa*** u jippromwovu l-integrazzjoni soċjali tal-persuni fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali. L-Istati Membri jenħtieġ li ***jkollhom l-għan li jeqirdu l-faqar sal-2050 f'konformità mal-mira tal-istrateġija Kontra l-Faqar, u għalhekk*** jallokaw ***mill-inqas 5 %*** tal-FSE biex jindirizzaw il-forom ta' faqar estrem bl-akbar impatt tal-esklużjoni soċjali, ***bħall-privazzjoni*** alimentari u materjali. ***Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw mill-inqas 5 % tar-riżorsi tagħhom għal miżuri mmirati***

speċifikament għall-persuni mingħajr dar.

Or. en

Emenda 258
Brigitte van den Berg, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) ***L-FSE*** jenħtieġ li jikkontribwixxi ***biex jonqos il-faqar*** billi jappoġġa l-iskemi nazzjonali ta' appoġġ li għandhom l-għan li jtaffu l-privazzjoni alimentari u materjali u jippromwovu l-integrazzjoni soċjali tal-persuni fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali ***u*** dawk l-aktar fil-bżonn. L-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw riżorsi tal-FSE biex ***jindirizzaw il-forom*** ta' faqar estrem bl-akbar impatt tal-esklużjoni soċjali, ***bħall-problema*** ta' persuni mingħajr dar u l-privazzjoni alimentari u materjali.	(21) ***Il-FSE*** jenħtieġ li jikkontribwixxi ***għall-qerda tal-faqar*** billi jappoġġa l-iskemi nazzjonali***, reġjonali u lokali*** ta' appoġġ li għandhom l-għan li jtaffu l-privazzjoni alimentari u materjali u jippromwovu l-integrazzjoni soċjali tal-persuni fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali ***inklużi*** dawk l-aktar fil-bżonn. L-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw riżorsi tal-FSE biex ***jeqirdu l-faqar sal-2050, inklużi l-forom*** ta' faqar estrem bl-akbar impatt tal-esklużjoni soċjali, ***bħall-faqar fost it-tfal, il-problema*** ta' persuni mingħajr dar u l-privazzjoni alimentari u materjali. ***Barra minn hekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw mill-inqas 5 % tar-riżorsi tal-FSE biex jappoġġaw lill-persuni l-aktar fil-bżonn.***

Or. en

Emenda 259
Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, João Oliveira, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) ***L-FSE*** jenħtieġ li jikkontribwixxi ***biex jonqos il-faqar*** billi jappoġġa l-iskemi	(21) ***Il-FSE*** jenħtieġ li jikkontribwixxi ***għall-qerda tal-faqar*** billi jappoġġa l-

nazzjonali ta’ appoġġ li għandhom l-għan li jtaffu l-privazzjoni alimentari u materjali u jippromwovu l-integrazzjoni soċjali tal-persuni fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali u dawk l-aktar fil-bżonn. L-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw riżorsi tal-FSE biex jindirizzaw il-forom ta’ faqar estrem bl-akbar impatt tal-esklużjoni soċjali, bħall-problema ta’ persuni mingħajr dar u l-privazzjoni alimentari u materjali.	iskemi nazzjonali ta’ appoġġ li għandhom l-għan li jtaffu l-privazzjoni alimentari u materjali u jippromwovu l-integrazzjoni soċjali tal-persuni fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali u dawk l-aktar fil-bżonn. L-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw riżorsi ***sufiċjenti, stabbli, prevedibbli u delimitati*** tal-FSE biex jindirizzaw il-forom ta’ faqar estrem bl-akbar impatt tal-esklużjoni soċjali, bħall-problema ta’ persuni mingħajr dar u l-privazzjoni alimentari u materjali.
	Or. en

Emenda 260
David Casa

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) ***L-FSE*** jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jonqos il-faqar billi jappoġġa l-iskemi nazzjonali ta’ appoġġ li għandhom l-għan li jtaffu l-privazzjoni alimentari u materjali u jippromwovu l-integrazzjoni soċjali tal-persuni fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali u dawk l-aktar fil-bżonn. L-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw riżorsi tal-FSE biex jindirizzaw il-forom ta’ faqar estrem bl-akbar impatt tal-esklużjoni soċjali, bħall-problema ta’ persuni mingħajr dar u l-privazzjoni alimentari u materjali.	(21) ***Il-FSE*** jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jonqos il-faqar billi jappoġġa l-iskemi nazzjonali ta’ appoġġ li għandhom l-għan li jtaffu l-privazzjoni alimentari u materjali u jippromwovu l-integrazzjoni soċjali tal-persuni fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali u dawk l-aktar fil-bżonn. L-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw riżorsi ***sufiċjenti, stabbli, prevedibbli u delimitati*** tal-FSE biex jindirizzaw il-forom ta’ faqar estrem bl-akbar impatt tal-esklużjoni soċjali, bħall-problema ta’ persuni mingħajr dar u l-privazzjoni alimentari u materjali.
	Or. en

Emenda 261
Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) ***L-FSE*** jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jonqos il-faqar billi jappoġġa l-iskemi nazzjonali ta' appoġġ li għandhom l-għan li jtaffu l-privazzjoni alimentari u materjali u jippromwovu l-integrazzjoni soċjali tal-persuni fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali u dawk l-aktar fil-bżonn. L-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw riżorsi tal-FSE biex jindirizzaw il-forom ta' faqar estrem bl-akbar impatt tal-esklużjoni soċjali, bħall-problema ta' persuni mingħajr dar u l-privazzjoni alimentari u materjali.	(21) ***Il-FSE*** jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jonqos il-faqar billi jappoġġa l-iskemi nazzjonali ta' appoġġ li għandhom l-għan li jtaffu l-privazzjoni alimentari u materjali u jippromwovu l-integrazzjoni soċjali tal-persuni fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali u dawk l-aktar fil-bżonn. L-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw riżorsi ***sufiċjenti, stabbli, prevedibbli u delimitati*** tal-FSE biex jindirizzaw il-forom ta' faqar estrem bl-akbar impatt tal-esklużjoni soċjali, bħall-problema ta' persuni mingħajr dar u l-privazzjoni alimentari u materjali.

Or. en

Emenda 262
Maravillas Abadía Jover, Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal regolament
Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) ***L-FSE*** jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jonqos il-faqar billi jappoġġa l-iskemi nazzjonali ta' appoġġ li għandhom l-għan li jtaffu l-privazzjoni alimentari u materjali u jippromwovu l-integrazzjoni soċjali tal-persuni fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali u dawk l-aktar fil-bżonn. L-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw riżorsi tal-FSE biex jindirizzaw il-forom ta' faqar estrem bl-akbar impatt tal-esklużjoni soċjali, bħall-problema ta' persuni mingħajr dar u l-privazzjoni alimentari u materjali.	(21) ***Il-FSE*** jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jonqos il-faqar billi jappoġġa l-iskemi nazzjonali ta' appoġġ li għandhom l-għan li jtaffu l-privazzjoni alimentari u materjali u jippromwovu l-integrazzjoni soċjali ***u fix-xogħol*** tal-persuni fir-riskju tal-faqar jew l-esklużjoni soċjali u dawk l-aktar fil-bżonn. L-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw riżorsi tal-FSE biex jindirizzaw il-forom ta' faqar estrem bl-akbar impatt tal-esklużjoni soċjali, bħall-problema ta' persuni mingħajr dar u l-privazzjoni alimentari u materjali.

Or. en

Emenda 263

Estrella Galán, Konstantinos Arvanitis, Leila Chaibi, João Oliveira, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(21a) Il-FSE jenħtieġ li jħeġġeġ u jappoġġa lill-Istati Membri biex jintroduċu miżuri li għandhom l-għan li jiżguraw id-dritt għal akkomodazzjoni adegwata, affordabbli u ta' kwalità għal kulħadd, b'mod partikolari għall-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u ż-żgħażagħ, b'mod partikolari billi jiżviluppaw akkomodazzjoni soċjali u pubblika, jirregolaw il-kirjiet, jipprevjenu l-iżgumbramenti, jindirizzaw il-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar u l-aktar sitwazzjonijiet estremi ta' esklużjoni mill-akkomodazzjoni.

Or. en

Emenda 264
Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Fid-dawl tal-livelli persistentement għoljin tal-qgħad u l-inattività fost iż-żgħażagħ f'għadd ta' Stati Membri u reġjuni, b'mod partikolari li jolqtu liż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ, hemm bżonn li l-Istati Membri jkomplu jinvestu biżżejjed riżorsi tal-FSE f'miżuri li jippromwovu l-impjiegi taż-żgħażagħ, inkluż bl-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ. L-Istati Membri jenħtieġ għalhekk li jallokaw ammont xieraq ta' riżorsi għal din l-isfida. L-Istati Membri affettwati serjament mill-qgħad fost iż-	(22) Fid-dawl tal-livelli persistentement għoljin tal-qgħad u l-inattività fost iż-żgħażagħ f'għadd ta' Stati Membri u reġjuni, b'mod partikolari li jolqtu liż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ, hemm bżonn li l-Istati Membri jkomplu jinvestu biżżejjed riżorsi tal-FSE f'miżuri li jippromwovu l-impjiegi taż-żgħażagħ, inkluż bl-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ. L-Istati Membri jenħtieġ għalhekk li jallokaw ammont xieraq ta' riżorsi għal din l-isfida. L-Istati Membri affettwati serjament mill-qgħad fost iż-

żgħażagħ jenħtieġ li jallokaw riżorsi tal-FSE biex jappoġġaw l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ.

żgħażagħ jenħtieġ li jallokaw riżorsi tal-FSE biex jappoġġaw l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ ***u liż-żgħażagħ li jappartjenu għal gruppi vulnerabbli bħal studenti maqbuda fiż-żoni okkupati ta' Ċipru***.

Or. el

Emenda 265
Maravillas Abadía Jover, Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Fid-dawl tal-livelli persistentement għoljin tal-qgħad u l-inattività fost iż-żgħażagħ f'għadd ta' Stati Membri u reġjuni, b'mod partikolari li jolqtu liż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ, hemm bżonn li l-Istati Membri jkomplu jinvestu biżżejjed riżorsi tal-FSE f'miżuri li jippromwovu l-impjiegi taż-żgħażagħ, inkluż bl-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw ammont xieraq ta' riżorsi għal din l-isfida. L-Istati Membri affettwati serjament mill-qgħad fost iż-żgħażagħ jenħtieġ li jallokaw riżorsi tal-FSE biex jappoġġaw l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ.	(22) Fid-dawl tal-livelli persistentement għoljin tal-qgħad u l-inattività fost iż-żgħażagħ f'għadd ta' Stati Membri u reġjuni, b'mod partikolari li jolqtu liż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ, hemm bżonn li l-Istati Membri jkomplu jinvestu biżżejjed riżorsi tal-FSE f'miżuri li jippromwovu l-impjiegi taż-żgħażagħ, inkluż bl-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ ***u t-tisħiħ tal-intraprenditorija fost iż-żgħażagħ***. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw ammont xieraq ta' riżorsi għal din l-isfida. L-Istati Membri affettwati serjament mill-qgħad fost iż-żgħażagħ jenħtieġ li jallokaw riżorsi tal-FSE biex jappoġġaw l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ ***permezz tal-istabbiltà tax-xogħol***.

Or. en

Emenda 266
Brigitte van den Berg, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Fid-dawl tal-livelli persistentement għoljin tal-qgħad u l-inattività fost iż-żgħażagħ f'għadd ta' Stati Membri u reġjuni, b'mod partikolari li jolqtu liż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ, hemm bżonn li l-Istati Membri jkomplu jinvestu biżżejjed riżorsi tal-FSE f'miżuri li jippromwovu l-impjiegi taż-żgħażagħ, inkluż bl-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ. ***Għalhekk,*** l-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw ammont xieraq ta' riżorsi għal din l-isfida. L-Istati Membri affettwati serjament mill-qgħad fost iż-żgħażagħ jenħtieġ li jallokaw ***riżorsi*** tal-FSE biex jappoġġaw l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ.	(22) Fid-dawl tal-livelli persistentement għoljin tal-qgħad u l-inattività fost iż-żgħażagħ f'għadd ta' Stati Membri u reġjuni, b'mod partikolari li jolqtu liż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ, hemm bżonn li l-Istati Membri jkomplu jinvestu biżżejjed riżorsi tal-FSE f'miżuri li jippromwovu l-impjiegi taż-żgħażagħ, inkluż bl-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ. L-Istati Membri ***kollha*** jenħtieġ li jallokaw ammont xieraq ta' riżorsi għal din l-isfida. L-Istati Membri affettwati serjament mill-qgħad fost iż-żgħażagħ***, b'rata tal-qgħad fost iż-żgħażagħ ogħla mill-medja tal-UE,*** jenħtieġ li jallokaw ***mill-inqas 15 % tar-riżorsi*** tal-FSE biex jappoġġaw l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ.

Or. en

Emenda 267
Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Fid-dawl tal-livelli persistentement għoljin tal-qgħad u l-inattività fost iż-żgħażagħ f'għadd ta' Stati Membri u reġjuni, b'mod partikolari li jolqtu liż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ, hemm bżonn li l-Istati Membri jkomplu jinvestu biżżejjed riżorsi tal-FSE f'miżuri li jippromwovu l-impjiegi taż-żgħażagħ, inkluż bl-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw ammont xieraq ta' riżorsi għal din l-isfida. L-Istati Membri affettwati serjament mill-qgħad fost iż-żgħażagħ jenħtieġ li jallokaw riżorsi tal-FSE biex jappoġġaw l-impjegabbiltà taż-	(22) Fid-dawl tal-livelli persistentement għoljin tal-qgħad u l-inattività fost iż-żgħażagħ f'għadd ta' Stati Membri u reġjuni, b'mod partikolari li jolqtu liż-żgħażagħ barra mill-edukazzjoni, mill-impjieg jew mit-taħriġ, hemm bżonn li l-Istati Membri jkomplu jinvestu biżżejjed riżorsi tal-FSE f'miżuri li jippromwovu l-impjiegi taż-żgħażagħ, inkluż bl-implimentazzjoni tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw ammont xieraq ta' riżorsi għal din l-isfida. L-Istati Membri affettwati serjament mill-qgħad fost iż-żgħażagħ jenħtieġ li jallokaw riżorsi ***suffiċjenti, stabbli, prevedibbli u delimitati***

żgħażagħ.

tal-FSE biex jappoġġaw l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ.

Or. en

Emenda 268
Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Hristo Petrov, Irena Joveva, Brigitte van den Berg

Proposta għal regolament
Premessa 22a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22a) Minħabba l-importanza tal-aċċess għall-kura tas-saħħa, il-FSE jenħtieġ li jiżgura sinerġiji u komplementarjetajiet mal-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK) propost speċjalment għall-objettiv ta' appoġġ għas-Saħħa, u r-regolament propost li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, l-agrikoltura, u ż-żoni rurali, is-sajd, u s-settur marittimu, il-prosperità u s-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 (PSNR).

Or. en

Emenda 269
Maravillas Abadía Jover, Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Għal implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati mill-FSE hemm bżonn governanza tajba u sħubija bejn l-atturi kollha fil-livelli territorjali rilevanti u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili. Għalhekk huwa essenzjali li l-Istati Membri jħeġġu l-parteċipazzjoni tas-sħab	(23) Għal implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati mill-FSE hemm bżonn governanza tajba ***li tiżgura strutturi ta' governanza ddedikati, b'awtoritajiet ta' ġestjoni identifikati b'mod ċar, strutturalment dipendenti fuq il-Ministeri speċjalizzati fil-qasam*** u sħubija bejn l-atturi kollha fil-livelli

soċjali u tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tal-FSE. L-Istati Membri li rċevew rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż f'dan il-qasam jenħtieġ li jallokaw riżorsi tal-FSE biex jippromwovu l-bini tal-kapaċità tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.]

territorjali rilevanti u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali***, l-entitajiet tal-ekonomija soċjali*** u s-soċjetà ċivili. Għalhekk huwa essenzjali li l-Istati Membri jħeġġu l-parteċipazzjoni tas-sħab soċjali u tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tal-FSE ***u fl-iżvilupp tal-proġetti***. L-Istati Membri li rċevew rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż f'dan il-qasam jenħtieġ li jallokaw riżorsi tal-FSE biex jippromwovu l-bini tal-kapaċità tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.]

Or. en

Emenda 270
David Casa

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Għal implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati mill-FSE hemm bżonn governanza tajba u sħubija bejn l-atturi kollha fil-livelli territorjali rilevanti u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili. Għalhekk huwa essenzjali li l-Istati Membri jħeġġu l-parteċipazzjoni tas-sħab soċjali u tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tal-FSE. L-Istati Membri li rċevew rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż f'dan il-qasam jenħtieġ li jallokaw riżorsi tal-FSE biex jippromwovu l-bini tal-kapaċità tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.]	(23) Għal implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati mill-FSE hemm bżonn governanza tajba***, inklużi strutturi ta' governanza ddedikati u awtoritajiet ta' ġestjoni identifikati b'mod ċar, strutturalment dipendenti fuq il-ministeri nazzjonali speċjalizzati fil-qasam tax-xogħol u l-inklużjoni soċjali,*** u sħubija bejn l-atturi kollha fil-livelli territorjali rilevanti u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili. Għalhekk huwa essenzjali li l-Istati Membri jħeġġu l-parteċipazzjoni tas-sħab soċjali u tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tal-FSE. L-Istati Membri li rċevew rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż f'dan il-qasam jenħtieġ li jallokaw riżorsi tal-FSE biex jippromwovu l-bini tal-kapaċità tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.]

Or. en

Emenda 271
Estrella Galán, Konstantinos Arvanitis, João Oliveira, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) ***Għal implimentazzjoni effiċjenti u effettiva*** tal-azzjonijiet appoġġati mill-FSE hemm bżonn governanza tajba ***u*** sħubija bejn l-atturi kollha fil-livelli territorjali rilevanti u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u ***s-soċjetà*** ċivili. Għalhekk huwa essenzjali li l-Istati Membri jħeġġu l-parteċipazzjoni tas-sħab soċjali u tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tal-FSE. L-Istati Membri ***li rċevew rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż f'dan il-qasam*** jenħtieġ li jallokaw riżorsi tal-FSE biex jippromwovu l-bini tal-kapaċità tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.]	(23) ***Għall-implimentazzjoni*** tal-azzjonijiet appoġġati mill-FSE hemm bżonn governanza tajba ***li tiżgura strutturi ta' governanza ddedikati, b'awtoritajiet ta' ġestjoni identifikati b'mod ċar, strutturalment dipendenti mill-Ministeri speċjalizzati fil-qasam tax-xogħol u l-inklużjoni soċjali u hija bbażata fuq*** sħubija ***effettiva u strutturata*** bejn l-atturi kollha fil-livelli territorjali rilevanti u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u ***l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà*** ċivili. Għalhekk huwa essenzjali li l-Istati Membri jħeġġu l-parteċipazzjoni tas-sħab soċjali u tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tal-FSE. L-Istati Membri jenħtieġ li jallokaw riżorsi tal-FSE biex jippromwovu l-bini tal-kapaċità tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.]

Or. en

Emenda 272
Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) ***Għal implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati mill-FSE*** hemm bżonn governanza tajba ***u*** sħubija bejn ***l-atturi kollha fil-livelli territorjali rilevanti u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab***	(23) ***Għall-implimentazzjoni tal-FSE*** hemm bżonn governanza tajba ***li tiżgura strutturi ta' governanza ddedikati, b'awtoritajiet ta' ġestjoni identifikati b'mod ċar u bbażata fuq*** sħubija ***effettiva u strutturata*** bejn ***l-awtoritajiet pubbliċi,***

soċjali ***u s-soċjetà*** ċivili. Għalhekk huwa essenzjali li l-Istati Membri ***jħeġġu l-parteċipazzjoni*** tas-sħab soċjali ***u*** tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tal-FSE. L-Istati Membri li rċevew rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż f'dan il-qasam jenħtieġ li jallokaw riżorsi tal-FSE biex jippromwovu l-bini tal-kapaċità tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.***]***

is-sħab soċjali***, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà*** ċivili ***u l-awtoritajiet lokali u reġjonali***. Għalhekk huwa essenzjali li l-Istati Membri ***jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni*** tas-sħab soċjali***,*** tas-soċjetà ċivili ***u tal-awtoritajiet lokali u reġjonali fit-tfassil,*** fl-implimentazzjoni ***u fl-evalwazzjoni*** tal-FSE ***u fl-iżvilupp tal-proġetti***. L-Istati Membri li rċevew rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż f'dan il-qasam jenħtieġ li jallokaw riżorsi tal-FSE biex jippromwovu l-bini tal-kapaċità tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Or. en

Emenda 273
Miriam Lexmann

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Għal implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati mill-FSE hemm bżonn governanza tajba u sħubija ***bejn*** l-atturi kollha fil-livelli territorjali ***rilevanti u l-atturi*** soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili. Għalhekk huwa essenzjali li l-Istati Membri jħeġġu l-parteċipazzjoni tas-sħab soċjali u tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tal-FSE. L-Istati Membri li rċevew rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż f'dan il-qasam jenħtieġ li jallokaw riżorsi tal-FSE biex jippromwovu l-bini tal-kapaċità tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.]	(23) Għal implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati mill-FSE hemm bżonn governanza tajba u sħubija ***msaħħa fost*** l-atturi kollha fil-livelli territorjali ***li jenħtieġ li jkunu involuti fit-tfassil, il-ġestjoni, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-fond kif ukoll fuq sħubija mal-atturi*** soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili. Għalhekk huwa essenzjali li l-Istati Membri jħeġġu l-parteċipazzjoni tas-sħab soċjali u tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tal-FSE. L-Istati Membri li rċevew rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż f'dan il-qasam jenħtieġ li jallokaw riżorsi tal-FSE biex jippromwovu l-bini tal-kapaċità tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.]

Or. en

Emenda 274
Brigitte van den Berg, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Għal implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati mill-FSE hemm bżonn governanza tajba u sħubija bejn l-atturi kollha fil-livelli territorjali rilevanti u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili. Għalhekk huwa essenzjali li l-Istati Membri ***jħeġġu l-parteċipazzjoni*** tas-sħab soċjali u tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tal-FSE. L-Istati Membri li rċevew rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż f'dan il-qasam jenħtieġ li jallokaw ***riżorsi*** tal-FSE biex jippromwovu l-bini tal-kapaċità tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.***]***	(23) Għal implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati mill-FSE hemm bżonn governanza tajba u ***implimentazzjoni robusta tal-prinċipju ta'*** sħubija bejn l-atturi kollha fil-livelli territorjali rilevanti u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili ***fl-istadji rilevanti kollha***. Għalhekk huwa essenzjali li l-Istati Membri ***jiżguraw il-parteċipazzjoni*** tas-sħab soċjali u tas-soċjetà ċivili ***fit-tfassil,*** fl-implimentazzjoni***, fil-monitoraġġ u fl-evalwazzjoni*** tal-FSE. L-Istati Membri li rċevew rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż f'dan il-qasam jenħtieġ li jallokaw ***mill-inqas 0,25 %*** tal-FSE biex jippromwovu l-bini tal-kapaċità tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Or. en

Emenda 275
Andrzej Buła, Jagna Marczułajtis-Walczak

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Għal implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati mill-FSE hemm bżonn governanza tajba u sħubija bejn l-atturi kollha fil-livelli territorjali rilevanti u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili. Għalhekk huwa essenzjali li l-Istati Membri jħeġġu l-parteċipazzjoni tas-sħab	(23) Għal implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati mill-FSE hemm bżonn governanza tajba u sħubija bejn l-atturi kollha fil-livelli territorjali rilevanti u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili. Għalhekk huwa essenzjali li l-Istati Membri jħeġġu l-parteċipazzjoni tas-sħab

soċjali u tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tal-FSE. L-Istati Membri li rċevew rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż f'dan il-qasam jenħtieġ li jallokaw riżorsi tal-FSE biex jippromwovu l-bini tal-kapaċità tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili***.]***	soċjali u tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tal-FSE. L-Istati Membri li rċevew rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż f'dan il-qasam jenħtieġ li jallokaw riżorsi tal-FSE biex jippromwovu l-bini tal-kapaċità tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ***u l-bini ta' kapaċitajiet amministrattivi fl-awtoritajiet lokali u reġjonali.***

Or. pl

Emenda 276
Séverine Werbrouck, Margarita de la Pisa Carrión, Mélanie Disdier, Pál Szekeres

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Għal implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati mill-FSE hemm bżonn governanza tajba u sħubija bejn l-atturi kollha fil-livelli territorjali rilevanti u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili. ***Għalhekk huwa essenzjali li l-Istati Membri jħeġġu l-parteċipazzjoni*** tas-sħab soċjali ***u tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tal-FSE. L-Istati Membri li rċevew rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż f'dan il-qasam jenħtieġ li jallokaw riżorsi tal-FSE biex jippromwovu l-bini tal-kapaċità tas-sħab soċjali u tal-organizzazzjonijiet*** tas-soċjetà ċivili.	(23) Għal implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-azzjonijiet appoġġati mill-FSE hemm bżonn governanza tajba u sħubija bejn l-atturi kollha fil-livelli territorjali rilevanti u l-atturi soċjoekonomiċi, b'mod partikolari s-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili. ***Madankollu, il-FSE ma jistax isir il-mezz prinċipali ta' finanzjament jew l-arrikkiment*** tas-sħab soċjali ***jew organizzazzjoni*** tas-soċjetà ċivili. ***Il-finanzjament ta' dawn l-istrutturi bir-riżorsi tal-FSE jenħtieġ li ma jaqbiżx ammont li jikkorrispondi b'mod raġonevoli għall-kostijiet imġarrba mill-implimentazzjoni ta' programmi.***

Or. fr

Emenda 277
David Casa

Proposta għal regolament
Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex itejbu l-aċċess għall-opportunitajiet ta' finanzjament, filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet u n-natura tal-organizzazzjonijiet iż-żgħar li jwasslu l-għajnuna, speċjalment lil gruppi vulnerabbli u emarġinati b'kapaċità amministrattiva limitata, inkluż billi jiżguraw li l-obbligi ta' rapportar ma jkunux sproporzjonati għad-daqs tal-benefiċjarju.

Or. en

Emenda 278
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Premessa 23a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23a) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-Istati Membri u l-benefiċjarji, il-ġbir tad-data u r-rekwiżiti ta' rapportar taħt il-FSE jenħtieġ li jkunu proporzjonati, simplifikati u jinżammu sempliċi kemm jista' jkun, filwaqt li jiġu żgurati monitoraġġ u responsabbiltà adegwati.

Or. en

Emenda 279
David Casa

Proposta għal regolament
Premessa 23b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23b) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-aċċess għall-opportunitajiet

ta' finanzjament tal-FSE jkun disponibbli fil-ħin biex jiġu żgurati l-prevedibbiltà u l-istabbiltà għall-organizzazzjonijiet benefiċjarji li jipprovdu għajnuna u servizzi f'konformità mal-objettivi ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 280
David Casa

Proposta għal regolament
Premessa 23c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(23c) L-indikaturi tal-prestazzjoni jenħtieġ li jqisu l-miżuri tal-FSE meta l-ġbir tad-data jkun aktar diffiċli, bħal dawk il-miżuri mfassla biex jappoġġaw lil dawk l-aktar vulnerabbli jew emarġinati.

Or. en

Emenda 281
Villy Søvndal, Kira Marie Peter-Hansen, Maria Ohisalo
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi u r-restrizzjonijiet speċjali tar-reġjuni ultraperiferiċi, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu fil-Kapitolu tagħhom għar-reġjuni ultraperiferiċi, ***miżuri għat-titjib tal-impjiegi*** u l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol***, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ***, l-edukazzjoni u l-ħiliet, l-inklużjoni soċjali.	(24) Filwaqt li jitqiesu ***l-pakkett finanzjarju limitat tal-FSE u*** l-karatteristiċi u r-restrizzjonijiet speċjali tar-reġjuni ultraperiferiċi, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu ***miżuri għall-qerda tal-faqar*** fil-Kapitolu tagħhom għar-reġjuni ultraperiferiċi ***jew fil-pjan tas-Sħubija Reġjonali Nazzjonali tagħhom f'konformità mar-Regolament XXX [ir-Regolament tal-PSNR] billi jtejbu l-infrastruttura soċjali u s-servizzi***

	essenzjali, ***l-impjiegi*** u l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, l-edukazzjoni u l-ħiliet, l-inklużjoni soċjali.

Or. en

Emenda 282
Miriam Lexmann

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi u r-restrizzjonijiet speċjali tar-reġjuni ultraperiferiċi, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu fil-Kapitolu tagħhom għar-reġjuni ultraperiferiċi, miżuri għat-titjib tal-impjiegi u l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, l-edukazzjoni u l-ħiliet, l-inklużjoni soċjali.	(24) Filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi u r-restrizzjonijiet speċjali tar-reġjuni ultraperiferiċi, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu fil-Kapitolu tagħhom għar-reġjuni ultraperiferiċi, miżuri għat-titjib tal-impjiegi u l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, l-edukazzjoni u l-ħiliet, l-inklużjoni soċjali***, b'enfasi partikolari fuq gruppi vulnerabbli bħall-persuni b'diżabbiltà jew il-persuni mingħajr dar, filwaqt li jiżguraw li l-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom jiġu indirizzati b'mod adegwat***.

Or. en

Emenda 283
Brigitte van den Berg, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi u r-restrizzjonijiet speċjali tar-reġjuni ultraperiferiċi, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu fil-Kapitolu tagħhom għar-reġjuni ultraperiferiċi, miżuri għat-titjib tal-impjiegi u l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol,	(24) Filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi u r-restrizzjonijiet speċjali tar-reġjuni ultraperiferiċi, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu fil-Kapitolu tagħhom għar-reġjuni ultraperiferiċi, miżuri għat-titjib tal-impjiegi u l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol,

b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, ***l-edukazzjoni*** u l-ħiliet, ***l-inklużjoni*** soċjali.	b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, ***l-appoġġ għall-edukazzjoni*** u l-ħiliet, ***l-iżgurar tal-inklużjoni*** soċjali ***u l-qerda tal-faqar permezz ta' investimenti f'servizzi pubbliċi u soċjali aċċessibbli***.

Or. en

Emenda 284
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi u r-restrizzjonijiet speċjali tar-reġjuni ultraperiferiċi, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu fil-Kapitolu tagħhom għar-reġjuni ultraperiferiċi, miżuri għat-titjib tal-impjiegi u l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, b'mod partikolari ***għaż-żgħażagħ***, l-edukazzjoni u l-ħiliet, l-inklużjoni soċjali.	(24) Filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi u r-restrizzjonijiet speċjali tar-reġjuni ultraperiferiċi, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu fil-Kapitolu tagħhom għar-reġjuni ultraperiferiċi, miżuri għat-titjib tal-impjiegi u l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, b'mod partikolari ***għall-persuni f'sitwazzjoni vulnerabbli, iż-żgħażagħ***, l-edukazzjoni u l-ħiliet, l-inklużjoni soċjali.

Or. en

Emenda 285
Alicia Homs Ginel, Idoia Mendia, Marit Maij

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi u r-restrizzjonijiet speċjali tar-reġjuni ultraperiferiċi, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu fil-Kapitolu tagħhom għar-reġjuni ultraperiferiċi, miżuri għat-titjib tal-impjiegi u l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, b'mod partikolari ***għaż-żgħażagħ***, l-edukazzjoni u l-ħiliet, l-inklużjoni soċjali.	(24) Filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi u r-restrizzjonijiet speċjali tar-reġjuni ultraperiferiċi, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu fil-Kapitolu tagħhom għar-reġjuni ultraperiferiċi, miżuri għat-titjib tal-impjiegi u l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, b'mod partikolari ***għall-persuni f'sitwazzjoni vulnerabbli, iż-żgħażagħ***, l-edukazzjoni u l-ħiliet, l-inklużjoni soċjali.

Or. en

Emenda 286
Georgiana Teodorescu

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi u r-restrizzjonijiet speċjali tar-reġjuni ultraperiferiċi, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu fil-Kapitolu tagħhom għar-reġjuni ultraperiferiċi, miżuri għat-titjib tal-impjiegi u ***l-mobbiltà*** tal-forza tax-xogħol, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, l-edukazzjoni u l-ħiliet, l-inklużjoni soċjali.	(24) Filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi u r-restrizzjonijiet speċjali tar-reġjuni ultraperiferiċi, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu fil-Kapitolu tagħhom għar-reġjuni ultraperiferiċi, miżuri għat-titjib tal-impjiegi u ***għall-iffaċilitar tal-mobbiltà*** tal-forza tax-xogħol, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, l-edukazzjoni u l-ħiliet, l-inklużjoni soċjali.

Or. en

Emenda 287
Estrella Galán, Leila Chaibi, Konstantinos Arvanitis, João Oliveira, Özlem Demirel, Li Andersson

Proposta għal regolament
Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi u r-restrizzjonijiet speċjali tar-reġjuni ultraperiferiċi, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu ***fil-Kapitolu tagħhom għar-reġjuni ultraperiferiċi,*** miżuri għat-titjib tal-impjiegi u l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, l-edukazzjoni u l-ħiliet, l-inklużjoni soċjali.	(24) Filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi u r-restrizzjonijiet speċjali tar-reġjuni ultraperiferiċi, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu miżuri għat-titjib tal-impjiegi u l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, l-edukazzjoni u l-ħiliet, l-inklużjoni soċjali.

Or. en

Emenda 288

Margarita de la Pisa Carrión

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Peress li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li titjieb l-effikaċja tas-swieq tax-xogħol u jiġi promoss aċċess għal impjiegi ta' kwalità***, *jitjiebu l-aċċess u l-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ, jiġu promossi l-inklużjoni soċjali u s-saħħa u jonqos il-faqar*** ma ***jistgħux jinkisbu*** biżżejjed mill-Istati Membri, iżda pjuttost ***jistgħu jinkisbu*** aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv.	(25) Peress li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li titjieb l-effikaċja tas-swieq tax-xogħol u jiġi promoss aċċess għal impjiegi ta' kwalità ma ***jistax jinkiseb*** biżżejjed mill-Istati Membri, iżda pjuttost ***jista' jinkiseb*** aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv.

Or. es

Emenda 289
Hristo Petrov, Martin Hojsík, Brigitte van den Berg, Valérie Devaux, Grégory Allione

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Peress li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li titjieb l-effikaċja tas-swieq tax-xogħol u jiġi promoss aċċess għal impjiegi ta' kwalità, jitjiebu l-aċċess u l-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ, jiġu promossi l-inklużjoni soċjali u s-saħħa u ***jonqos*** il-faqar ma jistgħux jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri, iżda pjuttost jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni	(25) Peress li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li titjieb l-effikaċja tas-swieq tax-xogħol u jiġi promoss aċċess għal impjiegi ta' kwalità, jitjiebu l-aċċess u l-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ, jiġu promossi l-inklużjoni soċjali u s-saħħa u ***jinqered*** il-faqar***, inkluż il-faqar fost it-tfal,*** ma jistgħux jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri, iżda pjuttost jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5

Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv	tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv

Or. en

Emenda 290
Brigitte van den Berg, Martin Hojsík, Jana Toom, Hristo Petrov, Valérie Devaux, Grégory Allione, Laurence Farreng, Irena Joveva

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Peress li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li titjieb l-effikaċja tas-swieq tax-xogħol u jiġi promoss aċċess għal impjiegi ta' kwalità, jitjiebu l-aċċess u l-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ, jiġu promossi l-inklużjoni soċjali u s-saħħa u ***jonqos*** il-faqar ma jistgħux jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri, iżda pjuttost jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv	(25) Peress li l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li titjieb l-effikaċja tas-swieq tax-xogħol u jiġi promoss aċċess għal impjiegi ta' kwalità, jitjiebu l-aċċess u l-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ, jiġu promossi l-inklużjoni soċjali u s-saħħa u ***jinqered*** il-faqar ma jistgħux jinkisbu biżżejjed mill-Istati Membri, iżda pjuttost jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv**.**

Or. en

Emenda 291
Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover

Proposta għal regolament
Premessa 25a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25a) Is-simplifikazzjoni, l-eliminazzjoni tal-ostakli amministrattivi, tad-duplikazzjoni u tal-burokrazija żejda jenħtieġ li jkunu prinċipji gwida fil-ġestjoni ta' dan il-fond, bħal fil-programmi l-oħra kollha tal-Unjoni Ewropea. Il-benefiċjarji finali tal-programmi differenti u tal-linji għall-għajnuna jenħtieġ li jkunu ċ-ċentru tal-attenzjoni u l-azzjoni, billi jiġi aċċellerat it-twassil tal-għajnuna, jiġi ssimplifikat il-proċess għaliha u jiġu ffaċilitati t-taħriġ, il-gwida u l-appoġġ, kif ukoll jiġu promossi kif xieraq ir-riżorsi eżistenti u l-azzjonijiet li għaddejjin.

Or. es

Emenda 292
Rosa Estaràs Ferragut, Maravillas Abadía Jover

Proposta għal regolament
Premessa 25b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25b) F'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, il-valutazzjonijiet tal-impatt tad-diversi programmi, azzjonijiet u linji għall-għajnuna jenħtieġ li jissaħħu. Bl-istess mod, jenħtieġ li tiġi żgurata t-traċċabbiltà ta' dawn il-fondi sakemm jaslu għand il-benefiċjarji aħħarin, biex b'hekk l-UE ma tkunx tista' tiffinanzja organizzazzjonijiet jew entitajiet li jiksru l-prinċipji fundamentali tal-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem, jew, fl-aħħar mill-aħħar, il-prinċipji fundamentali tal-Unjoni.

Or. es

Emenda 293
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal regolament
Premessa 25c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(25c) Jafferma mill-ġdid l-impenn tal-UE li tippromwovi u tipproteġi s-saħħa, id-dinjità u l-aċċess tan-nisa għal kura tas-saħħa u servizzi ta' appoġġ ta' kwalità għolja madwar l-UE; ifakkar li l-organizzazzjoni u l-għoti tas-servizzi tas-saħħa u l-kura medika, inklużi l-politiki tas-saħħa riproduttiva, jibqgħu primarjament ir-responsabbiltà tal-Istati Membri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà minqux fit-Trattati, u jenħtieġ li dawn jirrispettaw l-oqfsa legali nazzjonali; għalhekk, iqis li l-istrumenti baġitarji tal-UE jenħtieġ li jiffokaw fuq l-appoġġ tal-kura tas-saħħa preventiva, materna u tan-nisa, kif ukoll ir-riċerka dwar l-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa u t-tnaqqis tagħhom; f'dan il-kuntest, jissottolinja li l-finanzjament tal-UE jenħtieġ li jirrispetta kif xieraq il-kompetenzi tal-Istati Membri u li dan il-finanzjament jenħtieġ li ma jintużax biex jiffinanzja direttament proċeduri f'oqsma li fihom l-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà ewlenija; jenfasizza l-importanza li tinżamm sħubija li tissalvagwardja d-drittijiet u l-benesseri tan-nisa, filwaqt li tiġi ppreżervata l-għaqda Ewropea fi kwistjonijiet etiċi sensittivi;

Or. es